| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | **Brussell, 8 ta' Ġunju 2010 (11.06)**<br>**(OR. en)** |
|---|---|
| | **10659/10** |
| | **PESC 738**<br>**FIN 233**<br>**PE 245**<br>**ELARG 42**<br>**COWEB 167** |

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 10665/09 PESC 735 FIN 206 PE 214 ELARG 31 COWEB 102 + COR 1 + COR 2 |
| Suġġett: | Rapport annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-PESK (il-punt G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) **-2009** |

# DOKUMENT TAL-KUNSILL DWAR L-ASPETTI PRINĊIPALI U L-GĦAŻLIET BAŻIĊI TAL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) IPPREŻENTAT LILL-PARLAMENT EWROPEW B'APPLIKAZZJONI TAL-PUNT G (PARAGRAFU 43) TAL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU 2006

**- 2009 -**

**PARTI I: ĦARSA LURA LEJN L-2009** ........ **6**

**A. INDIRIZZAR TAT-THEDDID U TAL-ISFIDI GLOBALI** ........ **6**

1. Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom ........ 6

2. Armi Konvenzjonali ........ 8

3. Terroriżmu ........ 10

4. Sigurtà tal-enerġija ........ 11

5. Tibdil fil-klima u s-Sigurtà ........ 13

**B: KONFLITTI REĠJONALI U SITWAZZJONIJIET TA' FRAĠILITÀ** ........ **15**

1. Il-Lvant Nofsani ........ 15

2. L-Asja ........ 16

3. L-Afrika ........ 18

4. L-Amerika Latina ........ 20

**C. BINI TAL-ISTABBILTÀ FL-EWROPA U LIL HINN** ........ **21**

1. Il-perspettiva Ewropea bħala ankra ta' stabbiltà ........ 21

2. Kooperazzjoni msaħħa mal-ġirien ........ 26

3. Indirizzar ta' kriżijiet u konflitti fit-tul fil-viċinat ........ 27

**D) KONTRIBUT GĦAL SISTEMA MULTILATERALI AKTAR EFFETTIVA** ........ **32**

1. Attività fi ħdan l-oqfsa multilaterali ........ 32

2. Tisħiħ tal-appartenenza reġjonali ........ 36

**1.1. E. PROMOZZJONI TAD-DEMOKRAZIJA, ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-ISTAT TAD-DRITT** ........ **41**

1. Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ........ 43

2. Drittijiet tal-Bniedem fil-PESK ........ 43

3. Drittijiet tal-Bniedem fil-PESK ........ 47

4. Ġlieda kontra l-impunità ........ 48

**F. TRAWWIM TA' SĦUBIJI MADWAR ID-DINJA** ........ **50**

1. Konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-sħab strateġiċi. ........ 50

Stati Uniti ........ 50

Federazzjoni Russa ........ 51

Ċina 52

Indja 54

Messiku ........ 55

Brażil ........ 55

Ġappun ........ 56
Kanada ........ 57
Afrika t'Isfel ........ 57
**G. AKTAR EFFETTIVITÀ, KAPAĊITÀ U KOERENZA ........ 58**
1. Prevenzjoni tal-konflitti ........ 58
2. Konsolidazzjoni tal-PSDK ........ 59
3. Diversifikazzjoni tal-PSDK ........ 65
4. Koerenza u effiċjenza miżjuda ........ 69
**PARTI II - ĦARSA 'L QUDDIEM LEJN L-2010 ........ 71**
**ANNESS I: Legal acts in the CFSP area ........ 81**
**ANNESS II: Appearances by representatives of the Council in the European Parliament in the field of CFSP/ESDP in 2009 ........ 94**
**ANNESS III: CFSP budget 2009 - commitment appropriations ........ 103**

**PREFAZJU**

Ir-rapport annwali tal-2009 jkopri l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) taħt il-Presidenza Ċeka u dik Svediża. It-tieni parti tar-rapport iħares 'il quddiem lejn l-isfidi futuri tal-2010.

L-affarijiet internazzjonali fl-2009 kienu ddominati mir-rispons tal-komunità internazzjonali għall-kriżi ekonomika u finanzjarja. Is-sigurtà tal-enerġija kompliet issostni ħafna mill-isfidi ġeo-strateġiċi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Il-konflitti reġjonali fil-Lvant Nofsani, il-Jemen, l-Afganistan/il-Pakistan, is-Somalja u fil-viċinat Ewropew kienu wkoll ta' prijorità fl-aġenda tal-politika estera tal-UE. L-UE kompliet tibni fuq il-perspettiva Ewropea bħala ankra ta' stabbiltà permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-ġirien fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Din ingħatat forma bit-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant u aktar ħidma għall-Unjoni tal-Mediterran. Is-sena intemmet b'rispons baxx għall-isforzi multilaterali dwar it-tibil fil-klima.

Fir-rigward tal-attivitajiet ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)[1], l-UE kompliet tiskjera tliet operazzjonijiet militari u disa' missjonijiet ċivili madwar id-dinja, fl-interess tal-komunità internazzjonali usa'. L-EULEX Kosovo, l-akbar missjoni tal-UE għall-istat tad-dritt s'issa, stabbilita permezz ta' Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK[2], laħqet il-kapaċità operattiva sħiħa tagħha b'1700 uffiċjal tal-pulizija internazzjonali, imħallfin, prosekuturi, uffiċjali tad-dwara u approssimament 1000 persunal lokali skjerat fil-Kosovo kollu.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru, l-aħħar xahar tal-2009 mmarka bidu ġdid għall-mod li bih l-UE tmexxi r-relazzjonijiet barranin tagħha. Bir-raggruppament tal-għodod ta' politika u tat-twettiq taħt l-awtorità unika ta' Rappreżentant Għoli, l-Ewropa tejbet il-kapaċità tagħha li taħdem għall-objettivi ta' politika barranija tagħha.

---

1 Il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) qabel id-dħul fis-seħħ tat-Tratt ta' Lisbona.
2 ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92

Fl-2009, il-Parlament Ewropew (PE) ġie kkonsultat u informat b'mod regolari dwar l-attivitajiet tal-PESK mill-Presidenza u kif ukoll mir-Rappreżentat Għoli, u fil-livell ta' ħidma mill-uffiċjali għoljin tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.[3]

Taħt l-arranġament istituzzjonali l-ġdid, il-PE ser ikompli jkollu r-rwol sħiħ tiegħu fl-azzjoni esterna tal-Unjoni. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36, ir-Rappreżentant Għoli, li issa jissostitwixxi l-Presidenza bħala l-attur ewlieni dwar il-PESK/PSDK, ser jikkonsulta b'mod regolari l-PE dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-PESK u tal-PSDK, u jinformah dwar kif jevolvu dawk il-linji politiċi. Barra minn hekk ir-Rappreżentant għoli ser jiżgura li l-fehmiet tal-PE jittieħdu f'konsiderazzjoni b'mod dovut. Darbtejn fis-sena l-PE ser ikollu dibattitu dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-PESK, inkluż il-PSDK.

Il-PE ser ikompli wkoll jiġi regolarment konsultat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji tal-attivitajiet tal-PESK inkluż dwar il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet ċivili tal-PSDK u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE.

Dan ir-rapport huwa ippreżentat lill-PE f'konformità mal-punt G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja sana. L-ambitu ta' dan ir-rapport huwa limitat għal deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-PESK. Fejn adatt u meħtieġ sabiex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali komprensiva tal-attivitajiet, issir referenza għal azzjonijiet li jaqgħu barra mill-ambitu tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jikkomplementa l-kapitolu dwar ir-relazzjonijiet esterni tar-rapport annwali dwar il-progress tal-UE ppreżentat lill-PE b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 TUE[4].

[3] Ara l-lista ta' dehriet mir-rappreżentanti tal-Kunsill fil-PE fil-qasam tal-PESK/PESD fl-2009 fl-Anness I.

[4] L-Artikolu 4 tat-Trattat ta' Nizza.

# PARTI I: ĦARSA LURA LEJN L-2009

## A. INDIRIZZAR TAT-THEDDID U TAL-ISFIDI GLOBALI[5]

Is-sena 2009 kkonfermat id-dimensjoni globali tal-isfidi li tiffaċċja l-UE u l-interkonnessjoni u l-kumplessità tagħhom. Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu baqgħu ta' prijorità fl-aġenda tal-UE, waqt li ingħatat dejjem aktar attenzjoni għar-riskji ta' sigurtà li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-provvista tal-enerġija.

### 1. Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom[6]

Fl-2009, l-UE kompliet l-isforzi tagħha f'fora multilaterali abbażi tal-Istrateġija tal-UE tal-2003 kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) u l-Linji ta' Azzjoni Ġodda mill-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom. L-UE kompliet tappoġġa l-universalizzazzjoni tat-trattati internazzjonali rilevanti u l-istrumenti l-oħra u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. L-ambizzjonijiet nukleari tal-Iran jibqgħu theddida serja għas-sigurtà u l-UE kompliet ikollha rwol prinċipali fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni. L-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, armamenti konvenzjonali oħra u l-embargos tal-armi, baqgħu ta' prijorità fl-aġenda tal-UE.

Ir-reazzjoni tal-Iran għall-isforzi mġedda biex tiġi impenjata f'negozjati sinifikanti mis-SĠ/RGħ, flimkien maċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika, kienet inadegwata. Għalhekk, fil-kuntest tal-approċċ fuq żewġ binarji, reġgħu bdew id-diskussjonijiet dwar sanzjonijiet possibbli.

---

5 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2007, ippreżentata lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-punt G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (2008/2241 (INI)) tad-19 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0074)

6 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar in-non-proliferazzjoni u l-futur tat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) (2008/2324(INI)) fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0333)

Ukoll, minn barra l-formalizzazzjoni tal-embargi u r-restrizzjonijiet tal-UNSCR fil-livell tal-UE, l-UE adottat lista mtejba ta' oġġetti b'użu doppju li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni fl-Iran. L-ambizzjoni ġenerali tal-UE hija li tibqa' relazzjoni fuq perijodu twil mal-Iran ibbażata fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni.

F'konformità mal-Linji gwida dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE fl-Asja tal-Lvant, l-UE kompliet tikkontribwixxi lejn iż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà fuq il-Penisola Koreana u tat l-akbar importanza lill-progress fil-kwistjonijiet ta' stabbiltà reġjonali u non-proliferazzjoni, b'mod partikolari d-denuklearizzazzjoni. L-UE esprimiet ripetutatament appoġġ qawwi għall-proċess ta' Taħdidiet bejn Sitt Partijiet u inkoraġġiet ir-rikonċiljazzjoni inter-Koreana. Hija rrevediet il-Pożizzjoni Komuni tagħha fil-Korea ta' Fuq (RDPK) u ttrasponiet b'mod robust ir-Riżoluzzjoni 1874 tal-KSNU li tikkundanna t-test nukleari mwettaq mir-RDPK f'Mejju 2009 u li tinponi sanzjonijiet ġodda.

Bħal fl-2008, in-non-proliferazzjoni tal-AQM kienet ukoll qed tiġi ttrattata fir-relazzjonijiet kontrattwali tal-UE ma' pajjiżi terzi. Fl-2009 ġew miftiehma b'mod preliminari klawsoli dwar l-AQM maċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, l-Istati tal-Amerika Ċentrali u l-Libja, waqt li sar progress sinifikanti fin-negozjati mar-Russja, il-Vjetnam, it-Tajlandja, Singapor u l-Filippini.

L-UE kompliet ukoll tagħti appoġġ politiku u finanzjarju lil organizzazzjonijiet li jittrattaw man-non-proliferazzjoni tal-AQM. Eżempju wieħed huwa Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill adottata f'Lulju 2009 li tibni fuq l-esperjenzi pożittivi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). L-UE kompliet bl-isforzi tagħha lejn l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC). Ingħata aktar appoġġ lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) fi Vjenna. L-UE tibqa' d-donatur prinċipali għall-fond għas-sigurtà nukleari. Bdew diskussjonijiet dwar it-tiġdid ta' proġetti b'appoġġ għall-IAEA.

Fl-indirizzar tat-theddida minn armi bijoloġiċi, l-UE nediet żewġ Azzjonijiet Konġunti, waħda b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BTWC) u oħra b'appoġġ għall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-attivitajiet ta' bijosigurtà u bijosikurezza. Wara l-Istrateġija tal-UE għall-AQM tal-2003, il-Linji ġodda għal azzjoni u r-rekwiżiti tal-UNSCR 1540, fil-5 ta' Mejju 2009 l-UE adottat regolament imtejjeb dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Awwissu 2009.

Barra mill-previżjoni għall-kontrolli tal-esportazzjonijiet, kif jimplika t-titolu, b'dan ir-regolament ġdid, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju huma wkoll ikkontrollati fil-livell tal-Unjoni.

L-UE nediet ukoll l-implimentazzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja (HCoC), l-uniku strument internazzjonail li jittratta mal-missili, il-mezz primarju ta' kunsinna tal-AQM. L-għan tal-UE huwa li ssaħħaħ il-funzjonament tal-HCoC u li tagħmlu aktar universali. Għalhekk hija kruċjali s-sensibilizzazzjoni tal-istati li mhumiex firmatarji.

**2. Armi Konvenzjonali**

Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW)

Matul l-2009 l-UE kompliet tippromwovi l-kwistjoni tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) fil-fora multilaterali kollha u fid-djalogu politiku tagħha ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għas-SALW.

L-2009 rat it-tkomplija tal-iżvilupp tal-inizjattiva tal-UE għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-armi bit-trasport bl-ajru u bdiet tesplora modi biex jiġu involuti wkoll pajjiżi terzi. L-UE kompliet ukoll timplimenta l-proġett tagħha dwar il-qerda tas-SALW u l-munizzjon żejjed fl-Ukraina u preparat Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill dwar il-ġestjoni ta' ħażniet, il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar tat-trasferiment tal-armi u l-qerda ta' dak li hemm żejjed fil-Balkani tal-Punent. Bdiet ukoll preparazzjoni għal Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW, bil-ħsieb tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2012.

Aktar minn hekk, minbarra l-proġetti li għaddejjin fil-qasam tas-SALW b'appoġġ għall-Programm tal-Amerika Ċentrali għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (CASAC) jew il-korpi reġjonali fl-Afrika bħall-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali jew il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, l-UE nediet proġett permezz tal-Istrument għall-Istabbiltà għall-appoġġ tal-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni illeċita u t-traffikar fl-armi tan-nar fl-Afrika, permezz taċ-Ċetnru Reġjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (RECSA).

Wara l-adozzjoni fl-2008 tal-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, l-UE bdiet tintegra l-kwistjonijiet tas-SALW fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi permezz ukoll tal-inseriment ta' artikolu dwar is-SALW fil-ftehimiet rilevanti ma' pajjiżi terzi. Fl-2009 ġew miftiehma b'mod preliminari klawsoli dwar is-SALW mal-Korea t'Isfel, l-Istati tal-Amerika Ċentrali u l-Libja, waqt li sar progress sinifikanti fin-negozjati mar-Russja, il-Vjetnam, it-Tajlandja, Singapor u l-Filippini. Saret ukoll ħidma preparatorja biex jiġi stabbilit djalogu dedikat dwar is-SALW bejn l-UE u ċ-Ċina. L-UE appoġġat ukoll l-Unjoni Afrikana għall-abbozzar ta' strateġija tal-UA għas-SALW biex tiġi potenzjalment adottata fl-2010.

<u>Kontroll fuq l-esportazzjoni</u>

Fil-qasam tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali, l-Istati Membri komplew jistinkaw għal konverġenza tal-linji politiċi tagħhom dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, waqt li wrew id-determinazzjoni tagħhom li jimpedixxu l-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari li jistgħu jintużaw għal skopijiet mhux mixtieqa bħal repressjoni interna jew aggressjoni internazzjonali jew sabiex jikkontribwixxu għall-instabbiltà reġjonali. Żviluppi oħra bħall-attivitajiet ikkoordinati ta' sensibilizzazzjoni u l-aġġornament tal-Lista Militari Komuni tal-UE fi Frar 2009 saħħew ulterjorment l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK bħala r-reġim internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzoni tal-armi l-aktar komprensiv.

Fil-livell globali, l-UE tkompli tappoġġa n-negozjati ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT). L-SM tal-UE pparteċipaw b'mod attiv fiż-żewġ sessjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-ATT li sar fl-2009, u vvotaw favur ir-riżoluzzjoni tal-AĠNU li stabbiliet il-qafas għan-negozjati ta' ATT fil-Konferenza tan-NU tal-2012. Fl-2009 l-Kunsill adotta u implimenta wkoll Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jippromwovu l-Proċess tal-ATT, li jikkonsisti f'sitt seminars reġjonali b'aktar minn 120 pajjiż mistieden.

## 3. Terroriżmu

Matul l-2009, it-theddida terroristika kienet indirizzata mill-UE fil-qafas tan-NU u fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, gwidata bil-prinċipju li miżuri ta' kontra t-terroriżmu effettivi u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt huma għanijiet komplimentari u ta' rinforz reċiproku.

Fl-2009, żdiedet il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti kontra t-terroriżmu kemm fil-forma u kif ukoll fis-sustanza, permezz ta' djalogu politiku fl-ogħla livelli u djalogu tekniku fil-livell ta' ħidma bejn l-UE u l-Istati Uniti. L-UE laqgħet l-appell tal-President Obama għall-għeluq ta' Gwantanamo u ddeċidiet li tagħti rispons pożittiv bl-assunzjoni li l-kwistjonijiet sottostanti tal-politika jiġu indirizzati f'reviżjoni ta' politika usa'. Fl-4 ta' Ġunju, il-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE stabbilixxew 'qafas li jippermetti' li jinkludi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni li jippermetti lil dawk l-Istati Membri li lesti jirċievu detenuti minn Gwantanamo biex jagħmlu dan waqt li jżommu lis-sħab tagħhom tal-UE u ta' Schengen informati.

Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u l-Istati Uniti tal-15 ta' Ġunju 2009 tipprevedi l-qafas transatlantiku għal kooperazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu bbażat fuq valuri kondiviżi, l-istat tad-dritt, il-liġi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem.

Ġie msaħħaħ id-djalogu politiku dwar il-bini ta' kapaċità ma' stati terzi. Fil-qafas tat-Trojka COTER saru laqgħat ta' diskussjoni mal-Istati Uniti, ir-Russja, il-Kanada, l-Awstralja, il-Pakistan, il-Jemen eċċ. L-istrument finanzjarju prinċipali għall-appoġġ tal-pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu huwa l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS).

L-Asja t'Isfel, speċjalment il-Pakistan u l-Afganistan, is-Saħel, il-Jemen u s-Somalja jibqgħu ta' prijorità fl-aġenda tal-UE ta' kontra t-terroriżmu.

Wieħed mill-oqsma ta' prijorità għall-politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu huwa l-qasam tal-Prevenzjoni, u fih, il-ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ, mhux biss fl-UE, iżda wkoll esternament.

L-aspetti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu relatati mad-drittijiet tal-bniedem tqajmu f'diversi djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saru fl-2009, u l-UE ħadet l-opportunità biex tenfasizza mal-interlokuturi tagħha l-ħtieġa li l-istat tad-dritt isir prinċipju ċentrali tal-istrateġiji kontra t-terroriżmu.

## 4. Sigurtà tal-enerġija [7]

Il-vulnerabbiltajiet potenzjali u attwali tagħna f'termini ta' forniment ta' enerġija dehru b'mod ċar fil-bidu tal-2009 bit-tilwima dwar il-gass bejn ir-Russja u l-Ukraina. Fil-qafas tal-PESK, l-aspetti tas-sigurtà tal-enerġija ġew ikkonsolidati aktar fir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE mas-sħab u permezz ta' strateġiji reġjonali.

Fil-każ tar-Russja, ir-relazzjoni tal-enerġija tagħna hija mmarkata b'interdipendenza qawwija: Ir-Russja hija l-fornitur prinċipali estern tal-enerġija tal-UE u l-UE hija l-akbar konsumatur tal-idrokarburji Russi. Madankollu, it-trasformazzjoni tar-relazzjonijiet tal-enerġija tar-Russja mal-ġirien tagħha wasslet, minn Jannar 2007, għal serje ta' tilwim bilaterali. It-tilwima dwar il-gass bejn ir-Russja u l-Ukraina f'Jannar 2009 kellha implikazzjonijiet partikolarment serji għaċ-ċittadini u l-kumpanniji tal-UE, u ġiegħlet lill-UE biex tiżviluppa l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tagħha (proposti li issa qed jiġu eżaminati mill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew). Il-kriżi ssottolinjat il-ħtieġa għal relazzjonijiet tal-enerġija trasparenti u prevedibbli. Il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija dwar l-Enerġija UE-Russja, iffirmat fis-16 ta' Novembru 2009, għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju ta' tfixkil tal-forniment.

It-tħabbir tar-Russja tal-irtirar mit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija (ECT) f'Lulju 2009 (effettiv minn Ottubru 2009) kien ta' dispjaċir. L-UE saħqet b'mod konsistenti fil-kuntatti tagħha mar-Russja dwar l-importanza ta' qafas legali internazzjonali komuni għall-protezzjoni tal-investiment, it-transitu u l-kummerċ tal-prodotti tal-enerġija. L-UE hija ddeterminata li tara l-prinċipji tal-ECT proklamati fil-ftehim il-ġdid UE-Russja, li bħalissa qed jiġi nnegozjat.

[7] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Sigurtà tal-enerġija (Nabucco u Desertec) fis-17 ta' Settembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0021)

F'April 2009 ġiet iffirmata dikjarazzjoni konġunta dwar l-enerġija mal-Bjelorussja, waqt li f'Diċembru 2009 kien hemm il-ftehim politiku biex ir-Repubblika tal-Molodova u l-Ukraina jsiru membri tal-Komunità tal-Enerġija. Matul l-2009, l-UE, flimkien mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, offriet appoġġ għall-modernizzazzjoni tan-netwerk ta' transitu tal-gass tal-Ukraina, ir-riforma tas-settur tal-gass tal-Ukraina u x-xiri ta' gass. Kwistjonijiet dwar l-enerġija kienu diskussi mas-Sieħba tal-Lvant fil-Pjattaforma għas-Sigurtà tal-Enerġija tas-Sħubija tal-Lvant.

Tkomplew diskussjonijiet bilaterali dwar l-enerġija mal-Alġerija u l-Libja, waqt li f'Diċembru 2008 ġie iffirmat Memorandum ta' Ftehim dwar l-enerġija mal-Eġittu u fl-2009 saru negozjati pożittivi dwar MtF dwar l-enerġija mal-Iraq (iffirmat f'Jannar 2010). Fir-reġjun tal-Mediterran, intemmet l-ewwel fazi tal-kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-enerġija tal-Euromed (Medreg), li tinkludi seba' pajjiżi Għarab, l-Iżrael, il-Palestina u t-Turkija, bis-segwitu taħt it-tieni fażi jibda fl-2010. Il-kooperazzjoni trilaterali dwar l-enerġija bejn l-UE, l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana tnediet mill-ġdid fl-2008, iżda falliet minħabba l-kriżi ta' Gaża. L-għan jibqa' l-istabbiliment ta' uffiċju konġunt tal-enerġija u l-faċilitazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, bħall-inizjattiva konġunta Iżraeli-Palestinjana "Enerġija Solari għall-Paċi" Fl-2009, tlesta studju ffinanzjat mill-UE għall-appoġġ tal-proġett "Enerġija Solari għall-Paċi".

It-tisħiħ tal-konnessjonijiet għat-trasport tal-enerġija hija wkoll waħda mill-oqsma prijoritarji fl-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali. Is-Summit ta' Praga dwar il-Kuritur tan-Nofsinhar f'Mejju 2009 u l-Ftehim Inter-Governattiv dwar in-Nabucco kienu komponenti importanti fl-iżvilupp ta' rotta diretta mill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għall-UE, li hija ta' interess kondiviż għaż-żewġ naħat. Qed jiġi ppreparat dokument ta' kunċett dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-enerġija mal-Uzbekistan.

## 5. Tibdil fil-klima u s-Sigurtà

Ir-rapport lill-Kunsill Ewropew[8] ippreżentat mis-SĠ/RGħ u l-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2008 ddeskriva kif it-tibdil fil-klima jista' jaġixxi ta' multiplikatur tat-theddid, billi jkabbar it-tensjonijiet eżistenti fi stati fraġili jew li qed ifallu, b'avvenimenti tat-temp aktar estremi, bi tnaqqis fl-ammont ta' xita u anqas rendiment tal-għelejjel, u b'żidiet fil-livell tal-baħar. L-2009 rat intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan id-dokument u tar-rakkomandazzjonijiet ta' segwitu[9] mis-SĠ/RGħ f'Diċembru 2008.

Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2008, "*rapport konġunt ta' progress*[10] *u rakkomandazzjonijiet għal segwitu dwar it-tibdil fil-klima u s-sigurtà internazzjonali*" komprensiv ġie ppreżentat lill-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) f'Diċembru 2009, li enfasizza l-ħidma mwettqa fl-aħħar snin dwar it-tibdil fil-klima u s-sigurtà internazzjonali (TKSI). Twettqu erba' analiżi ta' każi speċifiċi (xenarji reġjonali) li jindirizzaw it-TKSI fl-Asja tal-Lbiċ, l-Asja tax-Xlokk, l-Amerika Ċentrali u l-Istati Gżejjer tal-Oċean Indjan-Paċifiku. Dawn l-analiżi ta' każi speċifiċi qed jistudjaw b'aktar reqqa l-implikazzjonijiet ta' sigurtà potenzjali fl-oqsma rispettivi u għandhom isostnu r-riflessjoni tagħna dwar l-iżvilupp tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni tar-riskju klimatiku f'dawn ir-reġjuni.

Il-KAB approva r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, waqt li ddikjara li t-Tibdil fil-Klima u l-implikazzjonijiet tiegħu ta' sigurtà internazzjonali huma parti mill-aġenda aktar wiesgħa għat-tibdil fil-klima u ċentrali għall-isforzi tal-Unjoni. Sar progress konsiderevoli għat-titjib tal-kapaċitajiet tal-UE ta' tbassir bikri, analiżi u rispons fir-rigward ta' implikazzjonijiet ta' sigurtà internazzjonali ġejjin mill-klima, bl-integrazzjoni tal-kwistjoni fil-ħidma ta' dipartimenti differnti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) b'mod parallel mal-koordinazzjoni komprensiva bejn is-servizzi fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni.

8 Ara "Tibdil fil-klima u sigurtà internazzjonali" (dokument tal-Kunsill 7249/08).

9 Ara "Tibdil fil-Klima u Sigurtà: Rakkomandazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli dwar is-segwitu għar-rapport tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni dwar it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà Internazzjonali" (dokument tal-Kunsill 16994/1/08 REV1).

10 Rapport konġunt ta' progress u rakkomandazzjonijiet għal segwitu dwar it-tibdil fil-klima u s-sigurtà internazzjonali (TKSI) lill-Kunsill (dok. tal-Kunsill 16645/09)

Il-kwistjoni saret parti integrali tal-aġenda tad-djologu politiku ma' pajjiżi terzi, inkluż l-Istati Uniti, ir-Russja, l-Indja, il-Ġappun u ċ-Ċina. Saru wkoll konsultazzjonijiet informali ma' oranizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, jiġifieri n-NU, l-OSKE, in-NATO u l-Forum Reġjonali tal-ASEAN li jimmiraw għall-appoġġar tal-bini tad-dibattitu dwar it-Tibdil fil-Klima għan-Negozjati ta' Kopenħagen dwar il-Klima.

F'Ġunju 2009, waqt li l-UE kellha rwol ewlieni, l-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU) qablet unanimament dwar riżoluzzjoni[11] "*li tesprimi tħassib serju fir-rigward tal-implikazzjonijiet possibbli għas-sigurtà tat-tibdil fil-klima*" u li titlob lis-Segretarju Ġenerali tan-NU jippreżenta rapport[12] dwar is-suġġett fl-64 Assemblea Ġenerali tan-NU. L-UE kkontribwiet għar-rapport li ġie ppreżentat f'Settembru 2009 u li ta bidu għal dibattitu fi ħdan u bejn il-korpi rilevanti tan-NU.

11 Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/63/281
12 Ir-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar it-Tibdil fil-klima u l-implikazzjonijiet ta' sigurtà possibbli tiegħu A/64/350

## B: KONFLITTI REĠJONALI U SITWAZZJONIJIET TA' FRAĠILITÀ

Il-konflitti reġjonali li għaddejjin u dawk ġodda kif ukoll l-instabbiltà kkawżata minn stati fraġili jibqgħu theddida serja għas-sigurtà tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Il-kawżi tagħhom huma diversi u jeħtieġu rispons multi dimensjonali mill-UE flimkien ma' atturi globali oħra u organizzazzjonijiet multilaterali u jew reġjonali. Barra minn hekk, il-pajjiżi fraġli u affettwati mill-kunflitt juru l-aktar progress bil-mogħod fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (MDGs)

### **1.** Il-Lvant Nofsani[13] [14]

Iż-żewġ żviluppi prinċipali marbuta mal-kunflitt Iżraeli-Palestinjan matul l-2009 kienu l-kunflitt ta' Gaża, li faqqa' fl-aħħar jiem tal-2008 u intemm fit-18 ta' Jannar 2009 meta l-Iżrael u l-Ħamas, unilateralment, iddikjaraw waqfien mill-ġlied; u l-isforzi kontinwi tal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti taħt il-President Obama biex jinbdew mill-ġdid in-negozjati bejn iż-żewġ partijiet permezz tal-Mibgħut Speċjali Mitchell.

L-UE kompliet tassisti l-bini tal-istat Palestinjan, inkluż permezz tal-missjonijiet tal-PSDK tagħha (ara infra). Dawn l-isforzi dehru li qed iħallu riżultati pożittivi, bix-Xatt tal-Punent jesperjenza tkabbir ekonomiku anke minħabba l-passi tal-Iżrael biex itaffi r-restrizzjonijiet fuq il-moviment. Madankollu, għad fadal preokkupazzjonijiet serji, b'mod partikolari fir-rigward tal-attività kontinwa ta' insedjament, is-sitwazzjoni f'Ġerusalemm tal-Lvant u s-sistema ta' aċċess minn u lejn Gaża. Jifdal preokkupazzjonijiet ukoll fir-rigward tal-istaġnar fir-rikonċiljazzjoni intra-Palestinjana.

Il-passi biex jiġu normalizzati r-relazzjonijiet bejn il-Libanu u s-Sirja matul l-2009 jistgħu jikkontribwixxu għal titjib fis-sitwazzjoni reġjonali. Fuq terminu twil, l-UE tista' toffri assistenza u ħila esperta fir-regolarizzazzjoni tal-fruntiera bejn dawn iż-żewġ stati, u b'mod aktar speċifiku d-demarkazzjoni, id-delinjamanet u l-żgurar tal-fruntiera. L-UE estendiet l-appoġġ tagħha għal-Libanu, is-Sirja u l-Ġordan biex tgħin lill-gvernijiet rispettivi jaffrontaw il-piż ta' numru kbir ta' refuġjati mill-Iraq.

[13] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0025)

[14] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-għajnuna umanitarja fl-Istrixxa ta' Gaża fit-18 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0057)

L-UE ffinalizzat il-ħidma tagħha dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mas-Sirja u pproponiet li jipproċedu bil-firma mas-Sirja f'Ottubru 2009. Is-Sirja għadha ma qablitx, waqt li ddikjarat li teħtieġ iżjed ħin biex tistudja l-impatt potenzjali ta' dan il-ftehim. Hemm it-tama li l-iffirmar jista' jseħħ matul l-2010.

B'reazzjoni għall-instabbiltà li kienet qed tikber fil-Jemen fl-2009, u b'rikonoxximent tal-interessi ta' sigurtà tal-UE fir-reġjun tal-Golf, il-Kunsill adotta approċċ komprensiv tal-UE għall-Jemen, li jkopri d-djalogu politiku, l-assistenza għall-iżvilupp, aktar enfasi fuq il-koordinament tad-donaturi, il-bini ta' kapaċità, l-assistenza umanitarja, il-bini tal-istat u aktar kooperazzjoni u assistenza fil-glieda kontra t-terroriżmu. Dan l-approċċ ser jiġi żviluppat aktar u implimentat flimkien mal-Jemen u l-partijiet interessati internazzjonali prinċipali fl-2010.

L-UE u l-Iraq ikkompletaw in-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija u  Kooperazzjoni f'Novembru 2009. Ladarba jiġi ffirmat u konkluż, dan ser ikun l-ewwel ftehim legalment vinkolanti bejn l-UE u l-Iraq.

**<u>2. L-Asja</u>**

L-2009 kienet sena diffiċli għall-Afganistan u l-Pakistan. Matul is-sena l-UE intensifikat l-involviment tagħha billi qablet dwar *Pjan għat-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE fl-Afganistan u l-Pakistan* fil-KAĠRE f'Ottubru u bdiet passi lejn l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE jistinka biex iġedded l-impenn għall-istabilizzazzjoni tar-reġjun hekk kif is-sitwazzjonijiet fil-Pakistan u l-Afganistan huma interkonnessi b'ħafna modi. L-impenn imġedded tal-UE jappella għall-kooperazzjoni u s-sens ta' appartenenza tal-Afganistan. F'dan il-proċess, is-sħab reġjonali ser ikollhom iħaddnu rwol importanti peress li l-istabbilità reġjonali hija essenzjali għal Afganistan u Pakistan prosperi.

Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-intenzjoni li jsaħħaħ ir-relazzjoni strateġika emerġenti tal-UE mal-Pakistan, inkluż billi jżomm it-tieni summit ad hoc fl-ewwel nofs tal-2010.

L-UE skjerat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) għall-elezzjonijiet Presidenzjali u tal-Kunsill Provinċjali f'Awwissu 2009 u ser tikkunsidra l-possibbiltajiet li tgħin fir-riforma tal-proċess tal-elezzjoni fl-Afganistan kif ukoll fl-iskjerament ta' MOE oħra bil-ħsieb tal-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin li għandhom isiru fil-ħarifa tal-2010.

Biex tiffaċilita l-koordinazzjoni ċivili u b'segwitu għat-Trattat ta' Lisbona, l-UE għandha rappreżentazzjoni waħda fl-Afganistan minn April 2010 bħala riżultat tal-integrazzjoni tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea mal-Uffiċċju tar-RSUE għall-Afganistan.

L-UE żammet l-approċċ tagħha multibinarju lejn il-Burma/Mjanmar, jiġifieri li tkompli bil-miżuri restrittivi tagħha - u ssaħħaħhom wara l-verdett dwar Daw Aung San Suu Kyi f'Awwissu 2009 - waqt li tkompli tipprovdi għajnuna umanitarja, kif defint mill-Pożizzjoni Komuni tal-2006, u waqt li tkompli d-djalogu u l-kuntatti mal-awtoritajiet, fi ħdan l-ASEM u mal-ASEAN u ġirien oħra u waqt li tappoġġa l-isforzi tan-NU.

Konxja tar-riskji potenzjali ta' instabbiltà li l-UE temmen li jistgħu jirriżultaw jekk is-sitwazzjoni ma titjiebx u bl-għarfien li l-vuċi u t-talbiet tal-UE għandhom jilħqu l-gvern tal-pajjiż b'mod ċar, il-Kunsill iddeċieda f'Diċembru 2009 li jsaħħaħ l-involviment ta' djalogu tiegħu mal-awtoritajiet militari biex jippromwovi l-għan prinċipali tiegħu: il-bidu tat-transizzjoni lejn demokrazija stabbli u l-istat tad-dritt, abbażi ta' djalogu inklussiv bejn l-awtoritajiet u l-oppożizzjoni u l-gruppi etniċi u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha, li twassal għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti fl-2010.

L-UE ser tkompli taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib man-NU u mal-alleati tal-istess fehma, bħall-Istati Uniti, il-Ġappun, l-Awstralja, l-Istati tal-ASEAN u oħrajn.

## 3. L-Afrika[15]

Fil-Qarn tal-Afrika[16] [17] , l-UE kienet attur prinċipali fil-komunità internazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sieħba internazzjonali oħra. L-UE ko-ospitat fi Brussell konferenza tad-donaturi dwar l-assistenza għas-settur ta' sigurtà fis-Somalja u appoġġat b'mod attiv il-ftehim ta' Ġibuti li jipprevedi soluzzjoni politika u paċifika għar-reġjun. Matul l-2009 l-UE ddeċidiet li ssaħħaħ l-impenn tagħha mas-Somalja permezz ta' approċċ komprensiv[18] u adottat politika dwar il-Qarn tal-Afrika segwit b'konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika[19]. L-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha billi estendiet il-mandat tal-operazzjoni tal-PSDK EU NAVFOR Atalanta li hija fuq quddiem fl-operazzjonijiet internazzjonali kontra l-piraterija u billi wasslet għal livelli bla preċedent ta' koordinazzjoni fir-reġjun, u filwaqt li qablet li tistabbilixxi missjoni militari tal-PSDK biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja[20]. L-UE tappoġġa l-intensifikazzjoni tal-isforzi fil-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija lil hinn mix-xtut tas-Somalja (CGPCS).Din il-missjoni tal-aħħar tirrappreżenta l-ewwel darba li l-PSDK ntużat biex tipprovdi taħriġ militari bażiku dirett, biex tappoġġa u ttejjeb programm ta' taħriġ eżistenti flimkien ma' sieħba internazzjonali oħra. Hija tingħaqad mal-ġlieda kontra l-piraterija u mal-programmi ta' żvilupp usa' tal-Kummissjoni, u hija approċċ aktar komprensiv għall-attività tal-maniġġar tal-kriżijiet.

L-UE kompliet timmonitorja l-erba' proċessi ta' paċi fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Dan ġie ffaċilitat ħafna għax ġie osservat progress sostanzjali matul l-2009 fir-relazzjonijiet bejn ir-RDK u r-Rwanda. Il-proċess ta' paċi fir-RDK tal-Lvant huwa sfida politika u militari kumplessa. Minkejja żviluppi pożittivi, dan il-proċess għadu għaddej, b'mod partikolari fir-rigward tan-newtralizzazzjoni tar-ribelli Rwandiżi tal-FDLR u l-integrazzjoni tar-ribelli Kongoliżi ta' qabel fil-forzi armati tar-RDK.

---

15 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar Sena wara Lisbona: Is-Sħubija Afrika-UE fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0151)

16 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Qarn tal-Afrika fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0026)

17 Il-Parlament Ewropew adotta rizoluzzjoni dwar Soluzzjoni politika fir-rigward tal-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja fis-26 ta' Novembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0099)

18 Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju

19 Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru

20 Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Jannar

Ġie nnotat progress ukoll fil-Proċess ta' Paċi tal-Burundi. Il-moviment tar-ribelli tal-FNL ċeda l-armi, ġie ddemobilizzat u ttrasformat f'partit politiku. Il-preparazzjoni għaċ-ċiklu elettorali tal-2010 (Presidenzjali, leġislattiv u lokali) bdiet. Barra minn hekk, l-attivitajiet kriminali tal-LRA jibqgħu fattur serju li jimmina fir-reġjun (RDK, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u s-Sudan ta' Nofsinhar). Ir-RDK tal-Lvant tibqa' waħda mill-agħar kriżijiet umanitarji fid-dinja minkejja prospetti inkoraġġanti għal stabilizzazzjoni.

Fir-reġjun ta' Saħel għad fadal problemi marbuta mas-sigurtà u l-iżvilupp, inkluż id-drogi, il-migrazzjoni illegali, iċ-ċelloli tal-Al Qaïda (AQMI), it-traffikar tal-armi u r-ribelljoni armata, flimkien ma' kwistjonijiet ta' żvilupp bħas-sottożvilupp, il-qgħad taż-żgħażagħ (kandidati probabbli biex jissieħbu mar-ribelli jew l-AQMI) u sforzi li għaddejjin għal żvilupp imfixxkla mis-sitwazzjoni fraġli ta' sigurtà. Qed titħejja inizjattiva tal-UE biex tappoġġa r-reġjun, b'mod partikolari l-Mawritanja, il-Mali u, meta possibbli, in-Niġer. L-għan tal-inizjattiva tal-UE huwa li jiġi żviluppat approċċ komprensiv li jiffoka fuq l-iżvilupp, is-sigurtà, il-governanza tajba, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u l-istat tad-dritt permezz ta' strumenti tal-UE adatti u programmi ta' assistenza bilaterali tal-Istati Membri tal-UE. Il-kooperazzjoni mal-Alġerija, il-Marokk u l-Libja kif ukoll l-organizzazzjonijiet reġjonali u kontinentali hija kruċjali biex jitkomplew dawn l-isforzi.

Is-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fil-Ginea Bissaw fl-2009 qabdet triq 'l isfel, bil-qtil ta' mexxejja militari u politiċi, inkluż il-President. Madankollu, il-proċess elettorali tkompla u kmieni f'Settembru ħa l-poter President ġdid għal mandat ta' ħames snin. Minn dak iż-żmien, il-pajjiż wera ċertu livell ta' stabbiltà politika. Matul l-2009, l-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha billi estendiet il-mandat tal-missjoni tal-PSDK EU SSR GUINEA BISSAU sa Mejju 2010.

Fil-Ginea l-istaġnar maħluq mill-isforzi tal-ġunta biex tiggranfa mal-poter laħaq il-quċċata tiegħu fir-repressjoni mdemmija ta' laqgħa paċifika tal-oppożizzjoni li kkawżat il-mewt ta' aktar minn 150 persuna kif ukoll stupri u persuni neqsin. Wara l-attentat ta' qtil li ma rnexxiex tal-kap tal-ġunta president interim ġdid ħa miżuri biex ipoġġi t-transizzjoni lura fit-triq it-tajba taħt pressjoni qawwija mill-komunità internazzjonali. L-UE applikat diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tagħmel pressjoni fuq il-ġunta, inkluż sanzjonijiet kontra dawk responsabbli għall-qtil.

Fil-Mawritanja, l-orgnizzazzjoni ta' elezzjonijiet paċifiċi ħejjiet t-triq għal ritorn għal normalità kostituzzjonali.

Fis-Sudan, il-konflitt fid-Darfur u l-progress bil-mod fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (CPA) iddominaw l-aġenda. B'reazzjoni għall-akkuża mill-QKI tal-President Al Bashir, is-Sudan keċċa numru ta' NGOs internazzjonali u b'hekk is-sitwazzjoni umanitarja aggravat. Il-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp ġiet imxekkla minħabba li s-Sudan naqas milli jirratifika l-Ftehim rivedut ta' Kotonù. Ir-relazzjonijiet ta' tensjoni bejn iċ-Ċad u s-Sudan tjiebu, u dan ikkontribwixxa għall-progress limitat li sar fit-taħditiet għall-paċi fid-Darfur li saru f'Doha. L-inizjattivi tal-UA qabdu pass tajjeb permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Implimentazzjoni għas-Sudan taħt it-tmexxija tal-ex President Mbeki, bl-appoġġ mill-UE.

Fil-Madagaskar, f'Marzu 2009, il-president elett tal-pajjiż ġie mneħħi mill-poter illegalment. L-UA issospendiet immedjatament lill-pajjiż u stabbiliet Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali (in-NU, membri permanenti tal-KSNU, l-UE, l-SADC u oħrajn) biex tinstab soluzzjoni paċifika. Bħala konsegwenza, l-UA introduċiet sanzjonijiet kontra l-aġent president u numru ta' segwaċi tiegħu.

**4. L-Amerika Latina**

Wara l-kolp ta' stat tat-28 ta' Ġunju fil-Ħonduras, l-UE kkundannat it-tneħħija tal-President Manuel Zelaya u appoġġat l-inizjattivi u l-isforzi kollha għar-restawr tad-demokrazija fil-pajjiż. L-ambaxxaturi tal-UE ġew imsejħa lura. Il-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-UE għall-elezzjonijiet tad-29 ta' Novembru ġiet ikkanċellata, għax setgħet tiġi interpretata bħala forma ta' rikonoxximent tal-gvern de facto. Minflok, ġie skjerat grupp tekniku ta' esperti elettorali. Wara dawn l-elezzjonijiet u b'riżultat tal-isforzi magħmula mill-President il-ġdid, is-Sur. Porfirio Lobo, biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' San José/Tegucigalpa, li wasslu għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Rikonċiljazzjoni Nazzjonali u l-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni, l-UE iddeċidiet li tinnormalizza r-relazzjonijiet mal-Ħonduras inkluż l-attivitajiet ta' kooperazzjoni (minbarra dawk li jittrattaw kwistjonijiet militari) u l-issuktar mill-ġdid tan-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali.

## C. BINI TAL-ISTABBILTÀ FL-EWROPA U LIL HINN

### 1. Il-perspettiva Ewropea bħala ankra ta' stabbiltà

Il-Kunsill afferma mill-ġdid (Diċembru 2009)[21] li l-implimentazzjoni koerenti tal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir (Diċembru 2006)[22] ibbażat fuq konsolidazzjoni tal-impenji, kondizzjonalità ġusta u rigoruża, komunikazzjoni aħjar u l-kapaċità tal-UE li tintegra membri ġodda, tkompli tifforma l-bażi tal-azzjoni tal-UE, inkluż dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni fl-istadji kollha tal-proċess ta' tkabbir.

In-negozjati mat-Turkija laħqu stadju aktar impenjattiv li jeħtieġ lit-Turkija żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li t-Turkija tissodisfa bis-sħiħ il-kriterji ta' Kopenħagen f'numru ta' oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertajiet fundamentali. Il-proċess ta' negozjati għadu l-aqwa effett ta' lieva u katalist għall-progress f'din id-direzzjoni. It-Turkija hija attur reġjonali importanti, fost l-oħrajn għas-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u għandha rwol ċentrali fil-forniment tal-enerġija u l-promozzjoni ta' djalogu bejn iċ-ċiviltajiet. F'dan id-dawl, il-Kunsill laqa' l-isforzi diplomatiċi sinifikanti li saru biex jiġu normalizzati r-relazzjonijiet mal-Armenja. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2009, il-Kunsill laqa' l-bidu tad-djalogu rinforzat dwar il-migrazzjoni u appella biex jittieħdu malajr passi konkreti. Il-Kunsill tenna li t-Turkija teħtieġ timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba ta' viċinat u għas-soluzzjoni paċifika ta' tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, l-UE reġgħat enfasizzat id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE li jinkludu, fost l-oħrajn, id-dħul fi ftehimiet bilaterali, skont l-acquis tal-UE u d-dritt internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

---

21 Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2009 (dok. 17169/1/09 REV 1).

22 Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14/15 ta' Diċembru 2006 (dok. 16879/1/06 REV 1).

Il-Kunsill innota wkoll b'dispjaċir kbir li t-Turkija, minkejja appelli ripetuti, għadha ma ssodisfatx l-obbligi tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa non-diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ma għamlet l-ebda progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. Fin-nuqqas ta' progress, l-UE ser iżżomm il-miżuri tagħha mill-2006, li ser ikollhom effett kontinwu fuq il-progress ġenerali fin-negozjati. L-UE ser tkompli ssegwi u teżamina mill-qrib il-progress magħmul dwar il-kwistjonijiet koperti mid-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005, f'konformità mal-konklużjonijiet tagħha tal-11 ta' Diċembru 2006. Issa huwa mistenni progress mingħajr aktar dewmien.

It-Turkija hija mistennija wkoll tappoġġa b'mod attiv in-negozjati li għaddejjin bil-għan li jwasslu għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli tal-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal tali soluzzjoni komprensiva huma kruċjali.

Matul l-aħħar sena, il-Kroazja għamlet progress sostanzjali fin-negozjati tal-adeżjoni, li issa qed jidħlu fil-fażi finali tagħhom. Il-Grupp ta' Ħidma għall-Abbozzar tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja wkoll beda l-ħidma tiegħu f'Diċembru 2009.

Il-Kunsill laqa' l-iffirmar tal-Ftehim ta' Arbitraġġ dwar il-kwisjtoni tal-fruntieri mas-Slovenja fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009 u r-ratifika mis-Sabor Kroat tal-istess ftehim fl-20 ta' Novembru 2009. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kroazja biex tibni fuq dan il-progress fl-isforzi tagħha lejn is-soluzzjoni tal-kwistjonijiet bilaterali pendenti kollha, b'mod partikolari fit-tilwim dwar il-fruntieri, waqt li żżomm preżenti l-importanza ta' relazzjonijiet tajba mal-viċinat.

Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipprevedi l-qafas globali ta' politika għar-relazzjonijiet u n-negozjati mal-Balkani tal-Punent[23], għall-proċess kollu sal-adeżjoni eventwali tagħhom mal-UE. Fl-2009 l-Kunsill afferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-perspettiva Ewropea tar-reġjun kollu, li tibqa' essenzjali għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u l-futur tiegħu.

[23] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-konsolidament tal-istabbiltà u l-prosperità fil-Balkani tal-Punent (2008/2200(INI)) fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0331).

L-UE tenniet l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali u ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat fil-proċess tal-mixja lejn l-UE. Filwaqt li matul l-2009 inkiseb progress lejn l-UE, ċerti sfidi jibqgħu simili għall-pajjiżi kollha; jeħtieġu li jkomplu u jaċċeleraw il-konsolidament tal-istat tad-dritt, inkluż l-iżgurar tal-libertà tal-espressjoni, il-ġlieda kontra l-korruzjoni u l-kriminalità organizzata kif ukoll l-iżgurar tal-effettività u l-indipendenza tal-ġudikatura u t-titjib tal-kapaċità amministrattiva.

Il-ħidma mas-sħab fil-Balkani tal-Punent kompliet fl-2009. L-Albanija (fit-28 ta' April 2009) u s-Serbja (fit-22 ta' Diċembru 2009) ippreżentaw applikazzjonijiet għal sħubija fl-UE wara l-applikazzjoni mill-Montenegro ta' Diċembru 2008. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Kummissjoni biex tħejji opinjoni dwar l-applikazzjoni mill-Montenegro (fit-23 ta' April 2009) u mill-Albanija (fis-16 ta' Novembru 2009). Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) UE-Albanija daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2009. L-ewwel Kunsill SA mal-Albanija sar fit-18 ta' Mejju 2009. Il-Ftehimiet Interim (FI) bejn l-UE u l-Bosnja-Ħerzegovina kif ukoll bejn l-UE u l-Montenegro komplew jiġu implimentati mingħajr xkiel, sakemm issir il-finalizzazzjoni tal-proċeduri kollha għad-dħul fis-seħħ tal-FSA. Fil-każ tal-Bosnja-Ħerzegovina[24] l-Kunsill, f'Ġunju 2009, issottolinja l-ħtieġa li t-tmexxija tinvolvi ruħha kostruttivament fil-proċess politiku u li toqgħod lura mir-retorika nazzjonalista. F'Diċembru huwa tenna t-tħassib tiegħu rigward l-iżviluppi politiċi u appella lill-Bosnja-Ħerzegovina biex tħaffef riformi ċentrali. Imbgħad il-Kunsill fakkar ukoll li viżjoni kondiviża tal-futur komuni tal-pajjiż u l-mexxejja tiegħu u r-rieda politika biex jintlaħqu r-rekwiżiti Ewropej dwar l-integrazzjoni, huma meħtieġa jekk għandu jsir progress. Il-Kunsill issottolinja wkoll l-ħtieġa biex il-BiH twettaq serje inizjali ta' bidliet kostituzzjonali, biex toħloq stat funzjonali u biex tallinja l-qafas kostituzzjonali mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

F'Diċembru 2009 l-Uffiċju tal-Prosekutur tal-ICTY kien issodisfatt bil-livell ta' kooperazzjoni tas-Serbja mal-Qorti. Imbgħad, fit-8 ta' Diċembru, il-Kunsill iddeċieda li japplika l-Ftehim Interim UE-Serbja li finalment daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010.

[24] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0332)

Ir-rappreżentanti tal-UE assumew rwoli ewlenin fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni internazzjonali fil-Balkani tal-Punent. Ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-PESK, is-Sur Javier Solana, żar il-Bosnja-Ħerzegovina flimkien mal-Viċi President tal-Istati Uniti f'Mejju 2009, waqt li afferma mill-ġdid l-impenn konġunt UE-Stati Uniti għall-istabbiltà tal-pajjiż, appoġġa l-isforzi ta' integrazzjoni Ewro-Atlantika tagħha u ħeġġeġ lit-tmexxija biex twettaq ir-riformi meħtieġa. F'Ottubru u Novembru 2009, il-Presidenza tal-UE involviet ruħha b'mod konġunt mal-Istati Uniti fi sforz biex jiġi ffaċilitat ftehim dwar riformi ewlenin, li laħaq il-quċċata tiegħu f'żewġ laqgħat ta' livell għoli f'Camp Butmir viċin Sarajevo u akkompanjat minn serje ta' diskussjonijiet u laqgħat fuq livell tekniku. Ir-rwol doppju tar-Rappreżentant Għoli/RSUE huwa l-punt prinċipali ta' fokus u koordinazzjoni tal-involviment tal-komunità internazzjonali. Flimkien mad-Delegazzjoni tal-UE, ir-Rappreżentant Għoli/RSUE afferma mill-ġdid il-perspettiva Ewropea tal-Bosnja-Ħerzegovina. L-UE ipparteċipat b'mod attiv ukoll fil-laqgħat tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Paċi (PIC). Il-Bord ta' Tmexxija tal-PIC kompla jirrevedi b'mod kostanti l-progress fit-tkomplija tal-"ħames objettivi u żewġ kondizzjonijiet" stabbiliti għall-għeluq tal-OHR. F'Ġunju 2009 l-Kunsill ikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-għan ta' transizzjoni mill-OHR għal preżenza rinfurzata tal-UE, hekk kif il-ħames objettivi u ż-żewġ kondizzjonijiet jiġu sodisfatti. Minħabba n-nuqqas ta' progress mill-BiH, ma kienet possibbli l-ebda deċiżjoni dwar it-transizzjoni s'issa.

Fil-Montenegro (29 ta' Marzu 2009) u l-Albanija (28 ta' Ġunju 2009) saru elezzjonijiet parlamentari. Dawn issodisfaw kważi l-istandards internazzjonali kollha fiż-żewġ pajjiżi, iżda għad fadal xi nuqqasijiet u jeħtieġ li jingħata segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-ODIHR. L-elezzjonijiet parlamentari fl-Albanija ma rrealizzawx kompletament il-potenzjal tal-Albanija biex taderixxi mal-ogħla standards għal elezzjonijiet demokratiċi. F'Diċembru 2009 l-Kunsill Affarijiet Ġenerali appella lill-partiti politiċi kollha fl-Albanija biex ifittxu djalogu politiku kostruttiv, inkluż fil-parlament.

F'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) il-Gvern ta' koalizzjoni stabbilit fl-2008 baqa' funzjonali u stabbli - b'kont meħud ukoll tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid. L-elezzjonijiet presidenzjali u muniċipali saru fuq żewġ ċikli f'Marzu u April 2009. Dawn ġew valutati mill-OSKE/ODIHR li ssodisfaw ħafna mill-istandards internazzjonali. Fl-Istrateġija ta' Tkabbir u r-Rapport ta' Progress tagħha għall-pajjiż il-Kummissjoni vvalutat li l-pajjiż kien indirizza b'mod sostanzjali l-prijoritajiet ewlenin ta' riforma u ssodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji politiċi ta' Kopenħagen. Abbażi ta' dan il-Kummissjoni rrakkomandat li tiftaħ negozjati ta' adeżjoni.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2009 l-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjoni, irrikonoxxa l-progress tal-pajjiż u ddikjara li ser jirritorna għall-kwistjoni matul il-Presidenza li jmiss.

F'Ottubru l-Kummissjoni pproponiet miżuri għall-avvanz tal-iżvilupp politiku u soċjo-ekonomiku tal-Kosovo. F'Diċembru l-Kunsill ħa nota ta' dawn il-proposti waqt li stieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tappoġġa l-progress tal-Kosovo lejn l-UE f'konformità mal-perspettiva Ewropea għar-reġjun u tagħti l-importanza lill-miżuri relatati mal-kummerċ u l-viżi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Istati Membri dwar l-istatus. Il-Kunsill ħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tiftaħ lill-Kosovo sabiex jieħu sehem fi Programmi tal-Unjoni u biex issaħħaħ id-djalogu tal-PSA tal-UE mal-Kosovo.

Fl-2009 r-RSUE fil-Kosovo kompla jirrifletti fil-post l-impenn li għaddej tal-UE għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-Kosovo. Huwa kompla l-ħidma wkoll bħala Rappreżentant Ċivili Internazzjonali (ICR), kif maħtur mill-Grupp ta' Tmexxija Internazzjonali. Huwa ħa rwol ċentrali u ta' koordinazzjoni rigward l-impenn tal-komunità internazzjonali fil-Kosovo. Matul l-2009 l-oqsma ta' interess għar-RSUE inkludew l-appoġġ fil-proċess politiku u l-kontribut għall-kooperazzjoni u l-istabbiltà reġjonali. L-UE żżomm il-preżenza qawwija tagħha għal dan il-għan u ser trawwem rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minoranzi u l-protezzjoni tal-wirt kulturali u dak reliġjuż. Rigward dan tal-aħħar, il-ħatra tal-Ambaxxatur Moschopoulos, bħala faċilitatur għall-protezzjoni tal-wirt reliġjuż u kulturali tal-Knisja Ortodossa Serba fil-Kosovo huwa xhieda tal-impenn tal-UE.

Fit-30 ta' Novembru, b'effett mid-19 ta' Diċembru, il-Kunsill iddeċieda li jneħħi l-ħtiġiet tal-viża għaċ-ċittadini ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM), il-Montenegro u s-Serbja wara li dawn il-pajjiżi ssodisfaw il-punti kollha ta' riferiment li l-UE stabbiliet għal-liberalizzazzjoni tal-viża.
F'Diċembru l-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposti simili għall-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina hekk kif hija tkun ivvalutat li kull pajjiż jilħaq il-punti ta' riferiment stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali tal-Kummissjoni.

## 2. Kooperazzjoni msaħħa mal-ġirien [25]

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tibqa' l-qafas għar-relazzjonijiet mas-sħab fir-reġjuni ġirien. L-UE bdiet jew kompliet diskussjonijiet dwar it-titjib u l-iżvilupp ulterjuri ta' relazzjonijiet bilaterali ma' diversi pajjiżi tan-Nofsinhar sħab fil-PEV. Wara l-adozzjoni tad-dokument konġunt dwar Status Avvanzat, fl-2009 tkompliet il-ħidma dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid UE-Marokk, li jirrifletti r-rieda tal-Marokk li tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha mal-UE u l-istituzzjonijiet kollha tagħha. Pajjiżi oħra tal-Mediterran (l-Eġittu, il-Ġordan u t-Tuneżija) talbu titjib tar-relazzjonijiet tagħhom mal-Unjoni Ewropea. Tkompliet il-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael, għalkemm id-diskussjonijiet dwar it-titjib tar-relazzjonijiet bilaterali u dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid intlaqtu b'mod ħażin mill-kriżi ta' Gaża. Il-validità tal-Pjan ta' Azzjoni attwali ġiet estiża sa' Ġunju 2010.

Wara t-tnedija tan-negozjati dwar Ftehim Qafas UE-Libja f'Novembru 2008, saru ħames ċikli ta' negozjati. Kien irreġistrat progress sinifikanti f'numru ta' oqsma.

Fir-rigward tal-viċinat tal-Lvant, in-negozjati mal-Ukraina dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid, li jinkludi bħala parti integrali l-istabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Globali u Approfondit (DCFTA), kisbu progress konsiderevoli, u l-UE tibqa' fiduċjuża li jistgħu jiġi konklużi fix-xhur li ġejjin dment li l-Ukraina jkollha r-rieda politika meħtieġa biex tħaffef in-negozjati biex tindirizza l-kwistjonijiet pendenti. In-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid tnedew f'Jannar 2010. It-titjib tar-relazzjonijiet kuntrattwali mal-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja ser ikun ibbażat fuq il-prinċipji ta' inklussività, differenzjazzjoni u kondizzjonalità. Id-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar abbozz ta' direttivi ta' negozjar għal dawn il-pajjiżi bdew fl-2009. B'rispons għal xi passi pożittivi fil-kamp tad-demokrazija u l-libertajiet bażiċi, l-UE fittxet li tinvolvi ruħha gradwalment mal-Bjelorussja u ser tkompli tinkoraġġixxi sforzi għal riforma. Numru ta' żjarat ta' livell għoli minn u lejn il-Bjelorussja għenu biex jissaħħu l-iskambji politiċi.

[25] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (2008/2236(INI)) fid-19 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0078).

Fl-2009 l-kooperazzjoni multilaterali ġiet ulterjorment imsaħħa bit-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant (EaP) fis-Summit ta' Praga tas-7 ta' Mejju. L-għan prinċipali tas-Sħubija tal-Lvant huwa li jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa biex l-assoċjazzjoni politika tiġi mħaffa u biex ikun hemm aktar integrazzjoni ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab interessati (l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina). Matul l-aħħar sena, id-dimensjoni multilaterali tal-EaP ġiet esplorata attivament: saru żewġ ċikli ta' laqgħat ta' 4 pjattaformi tematiċi u ġew adottati l-programmi ta' ħidma tagħhom, inħolqu gruppi ta' ħidma differenti u ġew imnedija inizjattivi ewlenin. L-ewwel laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-EaP saret f'Novembru u kienet segwita mil-laqgħa Ministerjali tal-EaP f'Diċembru.

Is-Sħubija tal-Lvant hija regolata mill-prinċipji ta' differenzjar u kondizzjonalità. Il-kumplimentarjetà ma' inizjattivi reġjonali bejn l-UE u l-pajjiżi sħab rilevanti, b'mod partikolari s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, ser tiġi żgurata.

L-entużjażmu li laqa' t-tnedija tal-Unjoni għall-Mediterran[26] (UgħM) f'Lulju 2008, sfortunatament ma' ġiex akkumpanjat minn għemil fl-2009. Il-kunflitt ta' Gaża fisser li l-attivitajiet ta' UgħM kienu ffriżati għall-parti l-kbira tal-2009. Il-laqgħat reġgħew bdew b'mod gradwali matul is-sajf u fl-aħħar parti tas-sena saru laqgħat ministerjali dwar ir-Rwol tan-Nisa fis-Soċjetà, l-ECOFIN, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Kummerċ. Madankollu, żewġ laqgħat Ministerjali (affarijiet barranin u ambjent) ġew posposti u s-sena ntemmet mingħajr l-adozzjoni tal-istatuti għas-Segretarjat li għandu jiġi stabbilit f'Barċellona. L-istatuti tas-Segretarjat ġew adottati eventwalment f'Marzu 2010. F'Jannar 2010, Ahmad Massadeh, tal-Ġordan, inħatar segretarju ġenerali tas-Segretarjat Konġunt tal-UgħM.

## 3. Indirizzar ta' kriżijiet u konflitti fit-tul fil-viċinat

Il-konflitti mhux risolti fil-Kawkasu tan-Nofsinhar - l-Abkażja, l-Ossezja tan-Nofsinhar, u n-Nagorno-Karabakh - komplew ikunu ostaklu fundamentali għall-istabbilizzazzjoni, ir-riforma politika u l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun.

---

26 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran (2008/2231(INI) fid-19 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0077).

Sakemm dawn jibqgħu mhux risolti, il-Ġeorġja, l-Armenja u l-Azerbajġan mhux ser ikunu jistgħu jagħtu l-attenzjoni sħiħa tagħhom lill-konsolidament tad-demokrazija, il-governanza tajba, ir-riforma ekonomika u l-iżvilupp ekonomiku, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Ġeorġja għamlet l-aktar progress f'termini ta' tnaqqis tal-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt, iżda t-tliet pajjiżi għadhom qed jesperjenzaw diffikultajiet fit-transizzjoni lejn demokrazija vibranti u pluralista. Waqt li kien hemm livelli differenti ta' progress f'ċerti oqsma, il-pluraliżmu u l-libertà inadegwati tal-mezzi tax-xandir, l-istat tad-dritt ġeneralment dgħajjef u n-nuqqas ta' djalogu politiku jkomplu jkunu l-kawża ta' tħassib.

Mill-gwerra f'Awwissu 2008 s-sitwazzjoni fil-Ġeorġja saret aktar stabbli, iżda tibqa' waħda fraġli u imprevedibbli. In-non konformità tar-Russja mal-Ftehimiet tat-12 ta' Awwissu u t-8 ta' Settembru 2008 kompliet tfixkel l-isforzi biex tinstab soluzzjoni għall-konflitt.

Mill-Ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied ta' Awwissu 2008, l-UE hija attur tas-sigurtà sinifikanti fir-reġjun, permezz tal-iskjerar tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE tal-PSDK fil-Ġeorġja (EUMM Georġja)[27] [28], il-ħatra ta' RSUE għall-Kriżi fil-Ġeorġja[29], ir-rwol attiv fit-tnedija u l-kontinwazzjoni tat-taħdidiet bejn il-partijiet f'Ġinevra taħt il-ko-presidenza tal-UE[30] u t-tnedija ta' pakkett kbir ta' assistenza għal wara l-konflitt[31]. L-UE appoġġat ukoll wkoll l-idea ta' investigazzjoni internazzjonali tal-konflitt fil-Ġeorġja[32].

---

27 Il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja għal 12-il xahar ieħor sal-14 ta' Settembru 2010. Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-EUMM Ġeorġja tas-27 ta' Lulju 2009, dok. 12354/09 u l-Azzjoni Konġunta 2009/572/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 (ĠU L 197, 29 ta' Lulju 2009, p. 110).

28 Delegazzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew żaret lill-EUMM Ġeorġja fl-24-27 ta' Frar.

29 Ara l-Azzjoni Konġunta 2009/131/PESK tas-16 ta' Frar 2009 (ĠU L 46, 17 ta' Frar 2009, paġni 47-49) u l-Azzjoni Konġunta 2009/571/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 (ĠU L 197, 29 ta' Lulju 2009, p. 109).

30 L-ewwel laqgħa tad-diskussjonijiet interni ta' Ġinevra seħħew fil-15 ta' Ottubru 2008; s'issa saru disa' ċikli. Id-disa' laqgħa saret fit-28 ta' Jannar 2010.

31 Programm kbir ta' assistenza ta' wara l-gwerra tnieda wara l-Konferenza tad-Donaturi għall-Ġeorġja (22 ta' Ottubru 2008).

32 Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2008 (dokument tal-Kunsill 13030/08) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/901/PESK tat-2 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 66) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/570/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 (ĠU L 197 tad-29 ta' Lulju 2009, p. 108).

Minkejja li l-UE ssuġġeriet bil-qawwa li titkompla l-preżenza tal-Missjoni tal-OSKE fil-Ġeorġja, inkluż ir-rwol preċedenti tagħha ta' monitoraġġ fl-Ossezja tan-Nofsinhar, kif ukoll li titkompla l-Missjoni ta' Monitoraġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Ġeorġja (UNOMIG) fl-Abkażja, il-veto tar-Russja wasslu biex jingħalqu ż-żewġ operazzjonijiet, li neħħa elementi tal-arkitettura ta' sigurtà internazzjonali għall-Ġeorġja. B'hekk l-EUMM baqgħet l-unika preżenza ta' monitoraġġ internazzjonali, waqt li qed tagħti kontribut sostanzjali għas-sigurtà u n-normalizzazzjoni fil-post. Il-mandat tal-missjoni ġie estiż għal sena oħra mill-Kunsill sal-14 ta' Settembru 2010.

L-impenn tal-UE mar-reġjuni separatisti huwa bbażat fuq żewġ pilastri: non-rikonoxximent ta' dawn l-entitajiet, iżda fl-istess ħin, rieda li tiġi involuta f'numru ta' oqsma inkluż bini ta' fiduċja tul il-fruntieri amministrattivi, kuntatti bejn il-popli u riabilitazzjoni ekonomika.

Il-proċess ta' Ġinevra baqa' wieħed kumpless. Fuq l-isfond politiku tens prevalenti, is-sempliċi kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet ta' Ġinevra kienet fiha nfisha kisba sinifikanti, għax provdiet l-uniku forum li fih il-partijiet kollha għall-konflitt kienu rappreżentati u meħtieġa jinteraġixxu. Madankollu, wara aktar minn sena ta' operazzjoni u disa' ċikli ta' diskussjonijiet ta' Ġinevra, l-eżiti tanġibbli baqgħu limitati ħafna. Dwar Nagorno-Karabakh, l-UE tkompli tappoġġa n-negozjati fil-Grupp Minsk tal-OSKE. L-UE għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara li mhux ser tagħmel l-ebda rabta formali jew informali bejn in-normalizzazzjoni Turka-Armenjana u Nagorno-Karabakh. L-UE appoġġat il-ħidma ta' medjazzjoni tal-Isvizzera, mill-bidu tal-proċess ta' normalizzazzjoni Turka-Armenjana. Għalkemm mhix parti mill-Grupp Minsk tal-OSKE, l-UE kompliet tagħti l-appoġġ politiku tagħha għar-riżoluzzjoni tal-konflitt u informat lill-partijiet interessati li l-UE tinsab lesta li żżid l-involviment tagħha b'appoġġ għal proċess ta' riżoluzzjoni permezz ta' attivitajiet fil-post. Matul l-aħħar sena, il-proċess ta' paċi Nagorno-Karabakh daħal f'fażi ġdida b'negozjati li reġgħu ingħataw spinta appoġġati b'sitt laqgħat bejn il-Presidenti tal-Armenja u l-Azerbajġan, iżda l-prospetti għall-paċi fl-aħħar tal-2009 baqgħu mhux ċari.

Avvenimenti ta' wara l-elezzjoni fir-Repubblika tal-Moldova wrew il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-titjib tar-relazzjonijiet mar-Repubblika tal-Moldova jmorru id f'id mal-intensifikazzjoni tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

L-UE rreaġixxiet għall-kriżi politika notevolment permezz ta' kuntatti intensifikati tar-RSUE mal-partijiet interessati kollha kif ukoll billi pprovdiet ħila esperta elettorali sostanzjali dwar l-elezzjonijiet sabiex tgħin jinħoloq ambjent favorevoli għar-ripetizzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari f'Lujlu 2009.

Il-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntieri għar-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM) kompliet tappoġġa t-titjib tal-kapaċitajiet professjonali tad-dwana u s-servizzi ta' gwardja tal-fruntiera tal-Moldova u l-Ukraina, kif ukoll il-kooperazjzoni bejn l-aġenziji. F'Diċembru 2009, wara taħdidiet bilaterali kostruttivi, inkiseb avvanz importanti fil-bidu tad-demarkazzjoni tal-parti ċentrali (Transnistrijana) tal-fruntiera tal-Istati tal-Moldova-Ukraina. Bi qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Ukraina u r-Repubblika tal-Moldova, il-missjoni EUBAM ġiet estiża f'Novembru 2009.

Rigward il-kwistjoni Transnistrijana, l-UE żiedet l-impenn tagħha fil-format ta' negozjar "5+2" u l-preżenza tagħha fil-post matul l-aħħar sena permezz tar-RSUE u l-implimentazzjoni ta' żewġ pakketti kbar ta' proġetti għall-bini tal-fiduċja. Fl-aħħar tas-sena, fuq talba taż-żewġ partijiet involuti fil-konflitt, l-UE qablet li tgħin biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet pendenti li qed ifixklu l-issuktar mill-ġdid tat-traffiku ferrovjarju fir-reġjun kollu Transnistrijan.

Rigward il-Bjelorussja[33], f'Marzu 2009 l-Kunsill reġa' lura għas-sospensjoni tal-lista ta' projbizzjoni tal-viża, li ġiet deċiża f'Ottubru 2008 wara r-rilaxx tal-aħħar priġunieri politiċi rikonoxxuti internazzjonalment. Waqt li nnota xi passi pożittivi fuq in-naħa tal-Bjelorussja, wasal għall-konklużjoni li ċ-ċirkostanzi ma kinux tajbin biex titneħħa l-projbizzjoni tal-viża, li ġiet imġedda għal sena oħra. Biex jingħata ftit inkoraġġiment, is-sospensjoni ġiet estiża sa Diċembru 2009. Il-Bjelorussja ġie mistieden jipparteċipa fis-Sħubija tal-Lvant, u kien parteċipant attiv. L-ewwel ċiklu tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn il-Bjelorussja u l-UE sar fl-2009. Madankollu, minn Marzu 'l hawn ma kien hemm prattikament l-ebda moviment pożittiv ieħor f'termini ta' demokratizzazzjoni[34].

---

33 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-Bjelorussja fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0027).
Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-evalwazzjoni biennali tad-djalogu UE-Bjelorussja fit-2 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0212).

34 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Bjelorussja fis-17 ta' Diċembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0117).

Kien hemm anke xi passi lura, inkluż f'ċerti każi kriminali, li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala motivati politikament, u sfrattar ta' dimostrazzjonijiet.

Madankollu, il-mexxejja tal-oppożizzjoni moderati, u l-attivisti għad-drittijiet tal-bniedem jargumentaw li l-atmosfera ġenerali tjiebet[35], u inkoraġġixxew lill-UE biex tkompli bil-politika tagħha ta' involviment. B'kont meħud ta' dan f'Novembru 2009, il-Kunsill reġa' rreveda l-politika tiegħu għall-Bjelorussja, fejn estenda l-projbizzjoni tal-viża b'sena oħra (Diċembru 2010), b'estensjoni sinkronizzata ta' sospensjoni matul l-istess perijodu. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tkompli bil-ħidma preparatorja bil-ħsieb li jinkisbu direttivi ta' negozjar għal ftehimiet dwar faċilitazzjoni tal-viża u riammissjoni, li għandhom jiġu adottati ladarba ċ-ċirkostanzi jkunu jippermettu.

35 L-awtoritatjiet ħadu passi kawti lejn il-liberalizzazzjoni, inkluż id-distribuzzjoni ta' numru żgħir ta' gazzetti indipendenti permezz tan-netwerks tal-midja uffiċjali u r-reġistrazzjoni tal-moviment "Għal-Libertà" tal-kap tal-oppożizzjoni Aleksandr Milinkevich.

## D) KONTRIBUT GĦAL SISTEMA MULTILATERALI AKTAR EFFETTIVA

### 1. Attività fi ħdan l-oqfsa multilaterali

L-isfidi globali jeħtieġu soluzzjonijiet globali. L-istabbiliment ta' sistema globali aktar effettiva, kif imħeġġa fl-appell tas-SES, hija għalhekk objettiv primarju ta' sigurtà tal-UE. Il-kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll l-involviment f'mekkaniżmi oħra ta' koordinazzjoni internazzjonali, hija l-aħjar mod biex jinkiseb dak l-għan.

Nazzjonijiet Uniti

In-NU, bil-mandat u l-leġittimità universali tagħha, tipprovdi qafas naturali għat-tfittxija ta' soluzzjonijiet globali. It-tisħiħ tan-NU jibqa' element ċentrali fl-azzjoni esterna tal-UE. Il-qafas tan-NU għandu rwol essenzjali f'oqsma bħaż-żamma tal-paċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp. Il-prijoritajiet tal-UE għall-64 AĠNU[36] jenfasizzaw b'mod partikolari l-indirizzar tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tiġi żgurata sigurtà enerġetika u alimentari. L-UE iffukat ukoll fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'numru kbir ta' pajjiżi, inkluż permezz ta' riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma/Mjanmar u r-RDPK fl-64 AĠNU kif ukoll permezz ta' għadd ta' dikjarazzjonijiet u djalogi interattivi mar-Relaturi Speċjali tan-NU fil-qafas tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Matul l-2009, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) kompla jkun ta' prijorità kbira għall-UE u fin-NU. L-UE u l-Istati Membri tagħha wettqu sforzi ta' sensibilizzazzjoni intensivi u mmirati ħafna biex jikkonvinċu lis-Sħubija tan-NU aktar wiesgħa dwar il-ħtieġa li jieħdu passi konkreti biex jimplimentaw dan il-kunċett. Mhux l-anqas b'riżultat tal-impenn tal-UE, id-dibattitu dwar l-R2P fl-Assemblea Ġenerali f'Lulju wera livell kbir ta' qbil dwar il-kunċett. Ir-riżoluzzjoni rilevanti tal-AĠNU tiddikjara li l-AĠ ser *"tkompli l-konsiderazzjoni tagħha tar-responsabbiltà ta' protezzjoni"*.

[36] Kif tidher fid-dok. 10809/09. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 (P6_TA(2009)0150 - 2009/2000(INI)), il-Parlament Ewropew għamel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-64 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.

Id-dibattitu u r-riżoluzzjoni għenu biex jiċċaraw il-fehim tal-kunċett u l-ankrar tiegħu fl-aġenda tan-NU. L-UE bdiet ukoll riflessjonijiet interni dwar kif l-R2P tiġi integrata fil-linji politiċi tal-UE.

Fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet, l-UE kompliet bil-kooperazzjoni mill-qrib tagħha man-NU. L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fil-maniġġar tal-kriżijiet tal-2007 wasslet b'mod ċar għal intensifikazzjoni tal-kuntatti. Uffiċjali għolja tan-NU kienu ospiti frekwenti tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, u r-rappreżentanti tal-UE, inkluż ir-RSUE, jiltaqgħu frekwentement mal-kontropartijiet tagħhom tan-NU [37].

Fl-2009, l-UE u n-NU kkooperaw mill-qrib f'teatri operattivi, fejn it-tnejn li huma kienu impenjati, notevolment fil-Kosovo, fl-Afganistan, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ginea Bissaw, is-Somalja u l-Ġeorġja. Dwar is-Somalja, l-UE koordinat mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti fl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għas-sigurtà u l-iżvilupp. Fiċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, it-trasferiment ta' responsabbiltajiet operattivi mill-EUFOR Tchad/RCA għall-operazzjoni tan-NU MINURCAT ġiet kompletata b'suċċess b'madwar 2000 truppi mill-Istati Membri tal-UE jsiru parti mill-kontinġent tan-NU. Il-lezzjonijiet miksuba mit-transizzjoni mill-EUFOR Tchad/RCA għall-MINURCAT kif ukoll mill-fażi ta' ppjanar tal-EULEX Kosovo wara r-rikonfigurazzjoni tal-UNMIK ser jipprovdu input siewi għall-konsolidament tal-kooperazzjoni UE-NU fil-maniġġar tal-kriżijiet. Fir-rapport tiegħu dwar l-Amministrazzjoni Interim tan-NU fil-Kosovo tal-20 ta' Settembru 2009 s-Segretarju Ġenerali tan-NU nnota li atturi oħra, bħall-OSKE u l-EULEX għanhom rwoli dejjem aktar importanti li jikkumplimentaw dawk tal-UNMIK, fil-qafas tar-riżoluzzjoni 124 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà. L-UE kompliet il-ħidma tagħha għal aktar effettività tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (KDB) u t-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Bħal dejjem, l-UE mexxiet jew appoġġat riżoluzzjonijiet u inizjattivi bil-ħsieb li tiddefendi u testendi n-normi internazzjonali kontra tentattivi minn diversi kwartieri biex dawn jiġu limitati jew kwalifikati. Għal dan l-għan l-UE kompliet il-ħidma fuq terminu twil ta' sensibilizzazzjoni, biex tikkonvinċi x-xettiċi u tibni kunsens.

---

[37] Għal aktar informazzjoni ara ż-żewġ Rapporti ta' Progress dwar Rakkomandazzjonijiet għall-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni NU-UE fil-Maniġġar tal-Kriżijiet li jkopru dan il-perijodu (dok. 11451/09 u 17541/09).

In-NATO[38]

Fl-2009, il-kooperazzjoni UE-NATO fil-kuntest tal-arranġamenti tal-"Berlin Plus" għall-operazzjoni tal-PSDK EUFOR Althea fil-Bosnja u Ħerzegovina kompliet taħdem mingħajr xkiel u b'mod effiċjenti. Ġiet skambjata aktar informazzjoni permezz tal-qafas tal-Grupp dwar il-Kapaċità UE-NATO. Kif iddikjarat fir-rapport preċedenti, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE tiffaċilita aktar l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-kapaċitajiet militari.

F'Diċembru 2009 l-UE ffinalizzat sett ta' proposti konkreti dwar ir-rinfurzar tar-relazzjonijiet UE-NATO fi spirtu ta' kooperazzjoni man-NATO li kienu ppreżentati mir-Rappreżentant Għoli lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO u enfasizzaw il-ħtieġa għal arranġamenti solidi biex jiffaċilitaw l-interazzjoni fil-kamp meta l-operazzjonijiet/il-missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet joperaw fl-istess teatru bħal fil-każ tal-Kosovo u l-Afganistan.

OSKE

Matul l-2009, l-UE appoġġat l-isforzi tal-OSKE f'diversi kwistjonijiet reġjonali, inkluż il-Kosovo, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-konflitti fit-tul. L-UE tat attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, inkluż permezz tal-ħidma tal-Kummissarju Għoli dwar il-Minoranzi Nazzjonali u l-ħidma ta' bini ta' fiduċja u demokrazija tal-Missjonijiet tal-OSKE fil-Post.

L-UE impenjat ruħha b'mod kostruttiv u sostantiv fl-OSKE fid-djalogu dwar il-futur tas-sigurtà Ewropea, li ddomina l-aġenda tal-OSKE fl-2009. L-UE kienet strumentali fl-għajnuna lill-Presidenza Griega biex tiżgura tnedija b'suċċess tal-proċess ta' Korfù, fl-ewwel laqa' Ministerjali informali li qatt kien hemm tal-OSKE, waqt li rrikonoxxiet il-potenzjal tagħha li tirrestawra l-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-Istati parteċipanti u bit-tama tat-tisħiħ u r-rivitalizzazzjoni tal-OSKE.

38 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-rwol tan-NATO fl-arkitettura tas-sigurtà tal-UE (2008/2197(INI)) fid-19 ta' Frar (P6_TA-PROV(2009)0076).

Il-Kunsill Ministerjali ta' Ateni (1-2 ta' Diċembru 2009 kellu suċċess bl-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni u Deċiżjoni dwar il-proċess ta' Korfù, f'konformità mal-objettivi tal-UE li jiddikjaraw impenn qawwi biex jitmexxa 'l quddiem djalogu komprensiv dwar is-sigurtà fil-qafas tal-OSKE u mmirati għall-istabbiliment ta' aġenda sostanzjali u modalitajiet adatti u definiti tajjeb għall-progress taħt il-Presidenza Kazaka fl-2010 u lil hinn.

L-UE kompliet tappoġġa l-isforzi tal-OSKE biex ittejjeb is-sigurtà permezz tat-tliet dimensjonijiet tagħha (id-dimensjoni Politiko-Militari, Ekonomiko-Ambjentali u dik Umana). Il-Kooperazzjoni mal-OSKE ġie żviluppat aktar fl-oqsma tal-maniġġar tal-fruntieri u s-sigurtà u l-kontroll tad-droga.

Fid-Dimensjoni Ekonomika u Ambjentali, l-UE kienet involuta b'mod attiv fin-negozjati għall-assigurazzjoni ta' mandat esplorattiv għall-OSKE biex tfittex modi biex iżżid ir-rwol tagħha fid-djalogu dwar is-sigurtà enerġetika.

Fid-dimensjoni umana, l-UE kompliet tissottolinja l-importanza li tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-Istituzzjonijiet tal-OSKE, b'mod partikolari l-ODIHR. L-UE għolliet leħinha konsistentement kontra u ħeġġet favur miżuri biex jiġu indirizzati l-iżviluppi negattivi dwar il-libertà tal-midja fir-reġjun tal-OSKE, kif ukoll dwar l-attakki kontra ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Kunsill tal-Ewropa

L-UE kompliet bil-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) f'konformità mal-Memorandum ta' Ftehim bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, notevolment fil-qasam tal-PEV u l-Balkani tal-Punent. Il-biċċa l-kbira tal-programmi konġunti UE-KtE u l-attivitajiet tal-KtE appoġġati mill-UE koprew il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' demokrazija u ta' drittijiet tal-bniedem, inkluż l-assistenza elettorali u kwistjonijiet tal-midja. L-UE gawdiet ukoll minn kooperazzjoni tajba mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-KtE dwar il-kwistjonijiet kostituzzjonali u leġislattivi. L-UE appoġġat bis-sħiħ l-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fetaħ it-triq għall-preparamenti fir-rigward tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.[39]

**2. Tisħiħ tal-appartenenza reġjonali**

Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-SES tal-2008 issottolinja li "soluzzjonijiet dejjiema għall-konflitt iridu jgħaqqdu flimkien l-atturi reġjonali kollha li għandhom interess komuni għall-paċi". L-Organizzazzjonijiet reġjonali għandhom rwol sinifikanti f'dan ir-rigward, bħalma għandhom is-setgħat reġjonali. Bl-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni, jistgħu jkunu fatturi ta' paċi u stabbiltà jew fatturi ta' tensjoni u taqlib. Għalhekk l-UE tattribwixxi importanza partikolari għat-trawwim ta' kultura ta' appartenenza reġjonali responsabbli permezz tar-relazzjonijiet tagħha ma' organizzazzjonijiet reġjonali u billi tiffaċilita l-kooperazzjoni intra- u inter-reġjonali.

*Organizzazzjonijiet reġjonali u kooperazzjoni reġjonali*

Fil-Balkani tal-Punent, il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR) - li jopera taħt l-umbrella tal-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk (SEECP) u mas-Segretarjat tiegħu f'Sarajevo u Uffiċċju ta' kollegament fi Brussell - kompla jsaħħaħ il-kooperazzjoni fir-reġjun f'numru ta' materji prinċipali. Fl-2009 s-Segretarjat tal-KKR, inter alia, nieda l-proċess għall-elaborazzjoni ta' strateġija reġjonali ta' riċerka, irriġenera d-djalogu soċjali fir-reġjun, u beda l-ħidma dwar l-istabbiliment ta' netwerk ta' ċentri tat-tifi tan-nar. Is-Segretarjat tal-KKR jipparteċipa wkoll fil-Gruppi ta' Ħidma stabbiliti fil-qafas tal-programmi multibenefiċjarji tal-IPA, fejn jiġu identifikati l-prijoritajiet għall-proġetti reġjonali.

Fil-laqgħa annwali tiegħu f'Ġunju 2009, il-KKR appella biex tingħata attenzjoni akbar għall-indirizzar ta' kwistjonijiet miftuħa bejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Waqt li saħaq dwar il-prinċipji ta' inklussività sħiħa u appartenenza lokali, il-Kunsill fakkar li approċċ kostruttiv lejn il-kooperazzjoni reġjonali, inkluż il-kummerċ, jibqa' essenzjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa tar-reġjun kollu, inklużi l-Kosovo u s-Serbja, fil-fora rilevanti kollha.

[39] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar Miżuri restrittivi li jaffettwaw id-drittijiet tal-individwi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fis-16 ta' Diċembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0111).

Il-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ppermettiet l-intensifikar tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, inkluż id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni teknika. Matul l-2009, ġew organizzati trojka ministerjali reġjonali u ħames trojka ministerjali bilaterali f'Dushanbe u laqgħa ministerjali miftuħa UE-Ċentru Asjatiku fi Brussell f'Settembru fejn ġew diskussi kwistjonijiet ta' sigurtà, b'fokus fuq it-theddid u l-isfidi komuni, bħat-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin u tad-droga, in-non-proliferazzjoni u s-sigurtà enerġetika. Barra minn hekk, il-kuntatti politiċi ta' livell għoli intensifikaw. Seħħew numru ta' kuntatti bejn ir-RSUE għall-Asja Ċentrali u l-pajjiżi fir-reġjun, kif ukoll ma' partijiet terzi fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-reġjun.

Fl-2009, l-istabbiltà tal-kontinent Afrikan kienet preokkupazzjoni maġġuri għall-UE. L-Unjoni Afrikana (UA) u l-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani komplew ikunu s-sħab prinċipali, notevolment fil-kuntest tas-sħubija strateġika UE/Afrika u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għall-2008-10, fejn ġiet ikkompletata Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu f'Ottubru 2009. Il-kooperazzjoni wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija kif ukoll fir-rigward tal-isforzi konġunti għat-tħejjija tal-UNCCC f'Kopenħagen kienu prijorità.

Waqt laqgħat ta' djalogu ministerjali u waqt il-laqgħa tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) mal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA (Ottubru 2009), iż-żewġ naħat allinjaw ulterjorment ir-risposti tagħhom għat-tibdil mhux kostituzzjonali tal-gvern fl-Afrika, b'mod partikolari fil-każijiet tal-Mawritanja, il-Ginea u l-Madagaskar. Il-koordinament bejn l-UA, in-NU, l-UE u l-organizzazzjonijiet reġjonali involuti (ECOWAS u SADC) ġie mtejjeb.

Id-Delegazzjoni tal-UE għall-UA f'Addis Ababa b'RSUE bi rwol doppju u Kap tad-Delegazzjoni kkontribwiet għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE mal-Afrika. Sar aktar progress fir-rigward tal-appoġġ tal-UE għall-operazzjoni AMISOM tal-UA fis-Somalja, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament. Fi Brussell saret konferenza konġunta tad-donaturi UA-NU-UE b'appoġġ għall-Gvern Federali Transitorju fis-Somalja.

L-UA saħħet l-isforzi tagħha mmirati għall-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni interna fis-Sudan, eż. bl-approvazzjoni tar-rapport tal-Panel Mbeki dwar il-paċi, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni fid-Darfur u s-Sudan.

F'din il-perspettiva, f'laqgħat fil-livell politiku mal-UE l-UA qajmet il-kwistjoni relatata li tintalab riżoluzzjoni tal-KSNU dwar differiment temporanju tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-President akkużat Al Bashir, f'konformità mal-Art. 16 tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI. B'mod simili, u f'diversi okkażjonijiet, l-UA qajmet il-prattika ta' ġurisdizzjoni universali eżerċitata mill-Istati Membri individwali. Rapport minn esperti legali indipendenti Afrikani u Ewropej għen biex din il-kwistjoni tiġi ċċarata.

Matul l-2009, l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE baqgħet il-qafas politiku trans-kontinentali prinċipali, li tippermetti liż-żewġ naħat japprofondixxu aktar il-kooperazzjoni politika u teknika tagħhom, jindirizzaw flimkien it-theddid komuni u l-isfidi globali, u jaħtfu l-opportunitajiet permezz ta' koordinament aħjar fl-arena internazzjonali. L-UE u l-UA ħadmu flimkien fl-implimentazzjoni tat-8 sħubiji tematiċi kollha taħt l-Istrateġija Konġunta u biex jagħmlu progress f'oqsma kruċjali bħall-paċi u s-sigurtà, il-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ u l-integrazzjoni reġjonali, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni/ il-mobbiltà/ l-impjiegi u x-xjenza/ l-ICT u l-ispazju.

Fir-rigward tas-Sħubija ta' Paċi u Sigurtà, l-appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) mexa 'l quddiem b'mod sodisfaċenti minkejja ċertu dewmien ikkawżat mill-kapaċitajiet differenzjati u l-aġendi ta' integrazzjoni tas-sħab Afrikani. Iċ-ċiklu ta' taħriġ tal-Forza Afrikana ta' Intervent fil-Pront, Amani Africa, għandu jiġi finalizzat tard fl-2010. Ittieħdu konklużjonijiet inizzjali mill-istudju konġunt UA-UE dwar ċentri ta' taħriġ Afrikan fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' appoġġ tal-paċi u huma mistennija li jiġu finalizzati fl-2010. Il-kooperazzjoni bejn il-Kamra tal-Kriżijiet tal-UA u s-SITCHEN tal-UE ukoll kienet qed tiġi żviluppata. Għandha titfittex artikolazzjoni aħjar bejn dawn il-moduli differenti tal-APSA.

Il-finanzjament sostenibbli tal-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi mmexxijin mill-Afrika ġie indirizzat fil-qafas tal-panel Prodi. Il-kwistjoni dwar kif jista' jiġi pprovdut it-tagħmir meħtieġ baqgħet kwistjoni importanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE bħall-Fond għall-Paċi fl-Afrika. Id-diskussjonijiet relatati man-Nazzjonijiet uniti mxew 'il quddiem.

Fl-2009 l-UE wettqet żewġ ċikli ta' djalogi mal-Unjoni Afrikana dwar id-drittijiet tal-bniedem, u organizzat seminar dwar is-soċjetà ċivili (April 2009) li kkontribwixxew fil-proċess. Id-djalogi iffokaw fuq kollaborazzjoni UE-UA dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, bħall-istabbiliment ta' standards u strumenti reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, iżda servew ukoll bħala forum biex jiġu diskussi sitwazzjonijiet ta' tħassib fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE kompliet id-djalogu politiku tagħha mal-ASEAN fil-livell Ministerjali (27-28 ta' Mejju 2009, Phnom Penh) li afferma mill-ġdid l-importanza strateġika tal-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet UE-ASEAN. Fil-marġini tal-laqgħa ministerjali nħarġu dikjarazzjonijiet politiċi li bihom l-ASEAN tat l-kunsens formali tagħha għall-applikazzjoni tal-UE biex tissieħeb mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjon tal-ASEAN u wiegħdet li tħaffef il-proċess ta' adeżjoni. Madankollu, l-UE ffirmat l-ewwel Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mal-Indoneżja. L-UE wettqet progress sostantiv fin-negozjati tal-FSK ma' pajjiżi oħra tal-ASEAN, b'mod partikolari il-Vjetnam, il-Filippini u t-Tajlandja. Waqt li tikkonferma l-objettiv strateġiku ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) reġjun b'reġjun, l-UE ddeċidiet li tfittex FTA bilaterali mal-pajjiżi rilevanti tal-ASEAN u qbalet li tniedi negozjati ma' Singapor bħala l-ewwel pajjiż tal-ASEAN.

Il-Laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-ASEM li saret f'Ha Noi (25-26 ta' Mejju 2009) ippermettiet djalogu dirett u ċar bejn is-sħab Ewropej u Asjatiċi dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti ta' tħassib u interess komuni, inkluż it-tkabbir tal-ASEM bir-Russja u l-Awstralja. Il-ministri laqgħu l-applikazzjonijiet tal-Awstralja u r-Russja u taw mandat lill-Uffiċjali Għolja biex jistabbilixxu l-modalitajiet biex jippermettu liż-żewġ pajjiżi jissieħbu b'mod formali mal-ASEM fit-tmien summit fl-2010. Eżitu importanti kien id-dikjarazzjoni konġunta li biha l-ministri kollha kkundannaw t-test nukleari ta' taħt l-art li sar mir-RDPK fil-25 ta' Mejju. Il-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin eventwalment saret ukoll il-punt tat-tluq tat-tħejjijiet għat-tmien Summit tal-ASEM fi Brussell (4-5 ta' Ottubru 2010).

Id-diffikultajiet relatati mal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) tkomplew. Il-messaġġi politiċi min-naħa tal-GCC baqgħu mħallta, waqt li r-rieda tal-UE li tikkonkludi kienet ċara f'diversi okkażjonijiet.

Ir-relazzjonijiet politiċi mal-Amerika Latina komplew jiġu msaħħa fl-2009. F'Settembru, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-Amerika Latina, qafas ta' politika għar-relazzjonijiet bejn l-UE u dan ir-reġjun.

Il-laqgħa Ministerjali tal-Grupp UE-Rio (Praga 13 ta' Mejju 2009) kienet pass ieħor fil-konsolidazzjoni ta' din is-sħubija strateġika bi-reġjonali. Is-summit iffoka prinċipalment fuq "Sorsi rinnovabbli tal-Enerġija: approċċ sostenibbli għas-sigurtà enerġetika u t-tibdil fil-klima" u "Rkupru tal-istabbiltà finanzjarja u t-tkabbir tal-ekonomija dinjija" [40].

Fl-2009 n-negozjati mal-Amerika Ċentrali u xi pajjiżi Andeani (Kolombja/Perù) raw aktar progress. In-negozjati għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali għamel progress tajjeb sas-sospensjoni tagħhom minħabba l-kolp ta' stat fil-Ħonduras ta' Ġunju 2009. Dawn in-negozjati reġgħu bdew fi tmiem l-2009. In-negozjati għal Ftehim Kummerċjali Pluripartitiku (mal-Kolombja u l-Peru) waslu qrib li jiġu kkompletati sal-aħħar tal-2009 u ġew konklużi fl-1 ta' Marzu 2010. Rigward in-negozjati ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Mercosur, il-mexxejja prinċipali tal-Amerika Latina kkonfermaw tard fl-2009 r-rieda tagħhom li jissuktaw mill-ġdid in-negozjati (sospiżi mill-2004).

[40] (dok. 9881/09)

## 1.1. E. PROMOZZJONI TAD-DEMOKRAZIJA, ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-ISTAT TAD-DRITT[41] [42] [43] [44]

---

[41] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2008 u l-Politika tal-Unjoni Ewropea dwar din il-kwistjoni (2008/2336(INI)) fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0385).

[42] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-iżvilupp tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż ir-rwol tal-UE (2008/2201 (INI)) (P6_TA-PROV(2009)0021).

[43] Waqt li jaġixxi taħt il-proċedura ta' urġenza tiegħu (regola 122) dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- dwar l-Iran: il-każ ta' Shirin Ebadi fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0029)
- dwar il-kolp ta' stat fil-Ginea fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0030)
- Il-libertà tal-istampa fil-Kenja fil-15 ta' Jannar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0031)
- Is-Sri Lanka fil-5 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0054)
- Ir-refuġjati Burmiżi fit-Tajlandja fil-5 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0055)
- ir-rifjut ta' estradizzjoni ta' Cesare Battisti mill-Brażil fil-5 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0056)
- Il-Ginea-Bissaw fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0143)
- l-espulsjonijiet tal-NGOs mid-Darfur fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0145)
- Il-Filippini fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0144)
- appoġġ għall-Qorti Speċjali għas-Sjerra Leone fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0310)
- is-sitwazzjoni umanitarja tar-residenti fil-Kamp Ashraf fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0311)
- id-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan fl-24 ta' April 2009 (P6_TA-PROV(2009)0309)
- L-Iran: il-każ ta' Roxana Saberi fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0391)
- Il-Madagaskar fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0392)
- il-każ ta' Manuel Rosales fil-Venezuela fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0393)
- Każakistan: il-każ ta' Evgnriy Zhovtis fis-17 ta' Settembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0023
- Is-Sirja: il-każ ta' Muhannad Al Hassani fis-17 ta' Settembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0024)
- *Il-qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja fis-17 ta' Settembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0022)*
- Il-Ginea fit-22 ta' Ottubru 2009 (P6_TA-PROV(2009)0059)
- L-Iran fit-22 ta' Ottubru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0060)
- Is-Sri Lanka fit-22 ta' Ottubru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0061)
- In-Nikaragwa fis-26 ta' Novembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0103)
- Il-Laos u l-Vjetnam fis-26 ta' Novembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0104)
- Iċ-Ċina: Drittijiet tal-minoranzi u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt fis-26 ta' Novembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0105)
- Vjolenza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo fis-17 ta' Diċembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0118)
- L-Uganda: abbozz ta' leġislazzjoni kontra l-omosesswali fis-17 ta' Diċembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0119)
- L-Azerbajġan: libertà tal-espressjoni fis-17 ta' Diċembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0120)

[44] Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja – Rapport dwar l-azzjoni tal-UE bejn Lulju 2008 u Diċembru 2009

Il-konsolidazzjoni tad-demokrazija[45] u l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jokkupaw post prominenti fost l-objettivi tal-PESK[46]. F'Novembru 2009, il-Ministri tal-UE tal-Affarijiet Barranin u l-Iżvilupp qablu dwar sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għad-Demokrazija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE[47]. Huma jimmiraw li jipprovdu qafas għall-użu ta' strumenti eżisteni f'mod aktar koerenti u effettiv, speċjalment fil-qasam tal-politika barranija u tal-iżvilupp. Il-Konklużjonijiet stabbilew Aġenda għall-Azzjoni, li tgħaqqad flimkien valuri u prinċipji ewlenin li huma fil-bażi tal-approċċ tal-UE. Dawn jinkludu ir-rikonoxximent li d-demokrazija ma tistax tiġi imposta minn barra; approċċ speċifiku skont il-pajjiż; sħubija vera u djalogu biex jiżguraw appartenenza minn pajjiżi terzi u l-ebda kondizzjonalità ġdida għall-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp. F'Novembru 2009 wkoll, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew t-twemmin[48]. B'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill il-korpi rilevanti tal-Kunsill ġew mistiedna jevalwaw l-inizjattivi eżistenti tal-UE u biex jelaboraw proposti għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew t-twemmin f'relazzjonijiet bilaterali u f'kuntest multilaterali.

Il-libertà tar-reliġjon jew t-twemmin hija marbuta intrinsikament ma' libertajiet fundamentali oħra, inkluża l-libertà tal-espressjoni. F'diskussjonijiet f'forums bħall-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-UE enfasizzat li d-dritt għal-libertà tal-espressjoni jikkostitwixxi wieħed mis-sisien essenzjali għal soċjetà demokratika, minħabba li tiżgura s-sodisfazzjon personali individwali u soċjetà pluralistika u tolleranti b'aċċess għal għadd kbir ta' ideat u filosofiji. L-UE esprimiet il-konvinzjoni tagħha li l-istati għandhom jiżguraw li kwalunkwe restrizzjoni fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni huma biss għar-raġunijiet imsemmijin fl-Artikolu 19(3) u 20 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

45 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-appoġġ għall-governanza demokratika fir-relazzjonijiet barranin tal-UE fit-22 ta' Ottubru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0056)

46 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni f'Pajjiżi Terzi, 8 ta' Diċembru 2009

47- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE - Lejn Aktar Koerenza u Effettività (dok. 16081/09)

48 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-libertà ta' reliġjon jew twemmin Novembru 2009

## 1. Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi[49]

Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem iggwidaw bosta attivitajiet tal-PESK fl-2009, bit-tnedija ta' diversi konsultazzjonjiiet u djalogi ġodda dwar id-drittijiet tal-bniedem, it-tkomplija tal-attribuzzjoni ta' post solidu għall-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fid-diversi oqfsa tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, l-adozzjoni ta' linji gwida ġodda[50], u l-progress konkret tal-aġenda dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-PSDK. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2009 enfasizzaw il-ħtieġa li jittieħdu miżuri prattiċi ulterjuri għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-PSDK. L-organizzazzjoni tal-ewwel laqgħa tal-punti ta' kuntatt u l-kunsillieri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fi Brussell fid-9-10 ta' Novembru 2010 tikkostitwixxi pass mixtieq f'din id-direzzjoni.

## 2. Drittijiet tal-Bniedem fil-PESK

Fl-2009 l-UE ikkonċentrat fuq l-implimentazzjoni tal-politika tagħha fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, kif indikat fl-'Approċċ Komprensiv tal-UE għall-Implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà' u l-Linji Gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom (iż-żewġ dokumenti ġew adottati mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2008).

L-UE impenjat ruħha wkoll f'sensibilizzazzjoni importanti fir-rigward tal-promozzjoni tal-UNSCR 1325 u r-riżoluzzjonijiet l-oħra tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà. Hija inkludiet ukoll il-UNSCR 1325 dwar l-aġendi tal-konsultazzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Istati Uniti u l-Kanada u għażlet in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà bħala tema ewlenija tal-kollaborazzjoni tagħha mal-Unjoni Afrikana. Hija organizzat żewġ avvenimenti dwar il-UNSCR 1325 fi New York, inkluża dikussjoni madwar mejda tonda fi Frar li laqqgħat flimkien għadd ta' partijiet interessati tal-UE, l-UA, in-Nazzjonijiet Uniti u l-NGOs biex jiddiskutu dwar kif arranġamenti reġjonali jistgħu jikkumplimentaw l-azzjoni fuq il-livell ta' NU u dak nazzjonali, u avveniment ministerjali f'Settembru biex jiġu diskussi l-passi li jwasslu għall-10 anniversarju tal-UNSCR 1325 u l-lakuni tal-implimentazzjoni li fadal.

---

49 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni u l-bini tal-paċi/il-bini tan-nazzjoni (2008/2198(INI) fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0372)

50 Il-Kunsill adotta verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL) (Dok. 16841/09)

Numru ta' każijiet individwali kienu soġġetti għall-azzjoni tal-UE u uħud minnhom kienu wkoll taħt il-linji gwida tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri l-Messiku (difensur tad-drittijiet tal-bniedem), l-Afganistan (ittra lill-gvern rigward il-liġi l-ġdida tax-Xarija, ir-Russja (każijiet ta' difensur tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa), is-Sudan (proċess dwar akkużi ta' indeċenza għal nisa' li jilbsu l-qliezet), l-Arabja Sawdija (żwiġijiet ta' tfal), iż-Żambja (proċess lil editur ta' gazzetta li ddokumenta ċ-ċaħda tal-kura tas-saħħa materna għan-nisa) u l-Iran (difensur tad-drittijiet tal-bniedem). Id-dimensjoni tal-ġeneru kompliet tiġi integrata u kkunsidrata fl-istrumenti tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE u ġie pprovdut appoġġ speċifiku sabiex jiġu affaċċjati sitwazzjonijiet partikolari li jaffettwaw lin-nisa bħalma huma dawk relatati mal-vittmi ta' traffikar fis-Sirja.

Fit-18 ta' Diċembru, il-Presidenza ħarġet dikjarazzjoni biex jiġi kkommemorat it-tletin anniversarju tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa.

It-tortura baqgħet ta' prijorità fl-aġenda tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi. Saru diversi demarches f'każijiet individwali. Ingħatat attenzjoni speċjali lill-prevenzjoni tat-tortura u lill-appoġġ tal-UE għal mekkaniżmi universali ta' prevenzjoni – is-Sottokumitat tan-NU dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura kif ukoll l-impenn possibbli tagħha fl-istabbiliment ta' oħrajn reġjonali u nazzjonali – Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni stabbiliti skont il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura.

Fl-2009, l-UE iffukat ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-politika tagħha dwar id-drittijiet tat-tfal, kif indikat fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal fil-Konflitti Armati.

Skont il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-validità tal-ewwel qasam ta' fokus dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra t-tfal ġiet estiża fl-2009 għal sentejn oħra. Għaxar pajjiżi pilota għall-implimentazzjoni tal-linji gwida ġew magħżula b'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNICEF u s-soċjetà ċivili. Strateġiji ddedikati ta' implimentazzjoni li jwieġbu għall-ħtiġijiet partikolari tal-pajjiżi pilota ġew konklużi u mnedija għall-implimentazzjoni fit-tieni nofs tal-2009.

Barra dan, fl-2009, il-Forum annwali EU NGO ġie ddedikat għall-kwistjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u l-perspettivi u l-isforzi għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra t-tfal. Id-drittijiet tat-tfal ġew regolarment inklużi fuq l-aġenda ta' djalogi politiċi, u b'mod partikolari tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, pereżempju l-Ġordan, l-Iżrael, ir-Repubbliki tal-Asja Ċentrali.

L-UE ilha involuta attivament fil-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'diversi forums tan-NU. L-UE fittxet li tikkoopera aktar u aktar mill-qrib man-NU fil-qasam tat-tfal fil-konflitti armati. L-UE laqgħat u appoġġat ukoll ir-riżoluzzjoni l-ġdida 1882 (2009) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU li ssaħħaħ ulterjorment il-protezzjoni ta' tfal li huma affettwati minn konflitti armati.

Fid-dwal ta' tħassib li qed jiżdied dwar l-eżerċizzju liberu ta' ċerti libertajiet fil-Vjetnam u l-Kambodja, kif indikat mill-Parlament Ewropew, l-UE saħħet il-kanali tagħha biex tqajjem kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' numru ta' pajjiżi tar-reġjun, permezz ta' numru miżjud ta' dikjrarzzjonijiet u demarches u segwitu aktar mill-qrib tas-sitwazzjoni. Fl-2009 l-Kunsill approva l-istabbiliment tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Indoneżja.

L-UE tibqa' mħassba dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja. Fl-2009 saru żewġ ċikli ta' konsultazzjonijiet UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem li ppermettew lill-UE biex tqajjem it-tħassib tagħha aktar fil-profond dwar aspetti differenti tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż każijiet individwali marbuta mad-drittijiet tal-bniedem.[51] L-UE qajmet tħassib ukoll dwar il-qtil ta' ġurnalisti u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa, inkluż billi ħarġet dikjarazzjonijiet u demarches.

L-UE tibqa' mħassba dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Asja Ċentrali. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali, l-UE stabbiliet djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi kollha fir-reġjun. S'issa, saru żewġ ċikli u kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem qed jitqajmu wkoll fil-laqgħat kollha ta' livell għoli mal-ħames pajjiżi kkonċernati.

---

51 Fis-16 ta' Diċembru 2009, il-Parlament Ewropew ippreżenta l-Premju Sakharov tal-2009 għal-Libertà tal-Ħsieb lill-organizzazzjoni Russa għad-difiża tad-drittijiet ċivili Memorial, u lit-tliet rappreżentanti tagħha Oleg Orlov, Sergei Kovalev u Lyudmila Alexeyeva, kif ukoll id-difensuri l-oħra kollha tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja. Wara d-detenzjoni ta' attivisti umanitarji f'Moska fil-31 ta' Diċembru 2009, inkluża Lyudmila Alexeyeva, il-President tal-PE, Jerzy Buzek, appella għall-ħelsien immedjat tagħha.

Fir-rigward tal-Uzbekistan, wara reviżjoni tas-sitwazzjoni, fis-26-27 ta' Ottubru 2009 l-Kunsill iddeċieda li ma jġeddidx l-embargo fuq l-armi, bil-ħsieb li jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Uzbeki jieħdu passi sostantivi ulterjuri biex jitjieb l-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post. Fi żmien sena, il-Kunsill Affarijiet Barranin ser jiddiskuti u jivvaluta l-progress magħmul mill-awtoritajiet Uzbeki u l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Uzbekistan.

Tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem tqajjem ukoll fuq bażi regolari ma' numru ta' sħab fir-reġjun tal-Mediterran u tal-Lvant Nofsani, notevolment l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Marokk, is-Sirja u t-Tuneżija. L-attakk vjolenti mill-awtoritajiet Iranjani fuq id-dimostranti u l-oppożizzjoni wara l-elezzjonijiet Presidenzjali tat-12 ta' Ġunju fl-Iran ikkawża reazzjonijiet qawwija mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew matul l-2009, u l-UE appellat lill-Gvern Iranjan biex isolvi d-diffikultajiet politiċi interni b'mezzi paċifiċi u biex jirrispetta l-obbligi internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE kompliet tqajjem tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem maċ-Ċina. Saru żewġ sessjonijiet ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ġiet ikkompletata evalwazzjoni interna tad-djalogu u r-rakkomandazzjonijiet ser jiġu implimentati matul l-2010. L-UE għamlet numru ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi li jikkundannaw il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, bħall-priġunerija ta' Liu Xiaobo u l-esklużjoni ta' osservaturi tal-UE mill-proċess tiegħu, l-eżekuzzjoni taċ-ċittadin Ingliż Akmal Shaikh, u l-eżekuzzjonijiet ta' individwi fit-Tibet u fix-Xinjiang.

L-UE ikkongratulat lill-ASEAN dwar l-istabbiliment tal-Kummissjoni Intergovernattiva l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (AICHR) li mmarka pass kruċjali fl-iżvilupp tal-ASEAN bħala organizzazzjoni li tiddefendi l-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE inkoraġġiet lill-ASEAN biex timplimenta t-Termini ta' Riferiment tal-AICHR u tallinja l-operazzjonijiet futuri tal-AICHR mal-prinċipji ta' Pariġi, sabiex ikunu protetti d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi kollha fl-ASEAN. L-UE stenniet b'interess biex titkompla l-ħidma fi sħubija mal-ASEAN dwar kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, u tinsab lesta biex toffri l-assistenza u tikkondividi l-esperjenzi f'dan il-qasam, inkluż fl-iżvilupp ulterjuri tal-AICHR.

Fl-2009, l-UE u l-Arġentina, il-Brażil, iċ-Ċilì u l-Messiku ddeċidew li jaġixxu f'koordinazzjoni mill-qrib fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem notevolment fil-fora internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u bdew konsultazzjonijiet fil-fond dwar dawn il-kwistjonijiet. Barra dan, l-UE bdiet djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Arġentina, il-Brażil kif ukoll il-Kolombja u saħħet id-djalogu tagħha maċ-Ċilì. L-ewwel djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Messiku ser isir fl-2010.

**3. Drittijiet tal-Bniedem fil-PESK**

Komplew l-isforzi għat-titjib tal-integrazzjoni tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL)[52] u biex tiġi sistematizzata u operazzjonalizzata l-inklużjoni tal-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tfal affettwati mill-kunflitti armati (CAAC) fl-istadji kollha tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, bil-ħatra ta' numru ta' esperti dwar id-drittijiet tal-bniedem f'missjonijiet u operazzjonijiet u l-inklużjoni ta' elementi tad-drittijiet tal-bniedem fl-ippjanar u l-mandat ta' uħud mill-missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

L-importanza tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi enfasizzata, inkluż l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u l-UNSCR 1820, il-UNSCR 1888 u l-1889, kif ukoll id-dokumenti ta' politika tal-UE rilevanti[53], b'mod partikolari bil-ħsieb tal-kisba ta' aktar progress konkret fil-kamp, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u l-bini tal-paċi/il-bini tan-nazzjon. F'Novembru 2009, il-Kunsill qabel dwar id-dokument "Implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u UNSCR 1820 fil-kuntest tat-taħriġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK - rakkomandazzjonijiet dwar passi 'l quddiem". Dan id-dokument jinkludi azzjonjiet ippjanati biex titjieb il-koerenza u l-kwalità tat-taħriġ ta' qabel l-iskjerar u taħriġ għall-persunal skjerat fil-misjsonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.

52 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill (Diċembru 2009) jerġgħu jaffermaw l-impenn tiegħu għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar l-IHL u l-importanza li titkompla tittejjeb l-integrazzjoni tal-IHL fl-azzjoni esterna kollha tal-Unjoni Ewropea (dok. 16842/09).

53 Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1325 u 1820 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, 15671/1/08 REV 1 u l-Implimentazzjoni ta' UNSCR 1325 kif rinfurzata minn UNSCR 1820 fil-kuntest tal-PESD, 15782/3/08 REV 3.

## 4. Ġlieda kontra l-impunità

Il-ġlieda kontra l-impunità hija waħda mill-pedamenti tal-approċċ tal-UE għall-bini u ż-żamma ta' ta' paċi dejjiema, ġustizzja internazzjonali u l-istat tad-dritt. Għaldaqstant, l-appoġġ tal-UE għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) jibqa' qawwi u sod[54] u ġie integrat fil-linji politiċi esterni tal-UE, kemm fil-qafas tal-PESK kif ukoll f'dak tal-PESD. Il-komunità tal-NGOs baqgħet sieħba siewja f'dawn l-isforzi.

Ir-rimedju għal reati internazzjonali u vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem huwa aspett importanti tar-relazzjonijiet mas-sħab tagħna. Il-ġustizzja kriminali internazzjonali, amministrata b'mod partikolari mill-QKI u t-Tribunali Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja, ir-Rwanda u s-Sierra Leone, għandha rwol vitali fiż-żamma tal-paċi u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u lokali. Imħeġġa mill-Parlament Ewropew, l-UE tibqa' impenjata biex tippromwovi l-universalità bħala parti mill-impenn sod tagħha għall-Qorti u dan tagħmlu permezz ta' demarches diplomatiċi, seminars, l-inseriment ta' klawsoli fi ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi terzi u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili.

Għaldaqstant l-indirizzar ta' vjolazzjonijiet fil-passat tad-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)[55] huwa kkunsidrat bħala essenzjali għar-rikonċiljazzjoni fil-Balkani tal-Punent. Bħala parti mill-impenn kontinwu biex persuni akkużati b'delitti tal-gwerra jitressqu quddiem il-ġustizzja, l-UE tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi kontinwi biex jiġu identifikati, imfixkla u magħluqa n-netwerks tagħhom, speċjalment biex il-proċess kontra Radovan Karadzic jipproċedi u biex jiġi arrestat Ratko Mladić u Goran Hadžić, f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-PE dwar il-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (2008/2290(INI).

Il-missjoni ċivili tal-PSDK, il-missjoni EULEX Kosovo laħqet il-kapaċità operattiva sħiħa tagħha u bdiet tinvestiga, tipproċessa u tisma' każijiet ta' reati tal-gwerra, kriminalità organizzata u korruzzjoni.

---

54 L-UE kompliet tappoġġa lill-QKI permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill (Sudan, Kenja u l-Lagi l-Kbar) u d-Dikjarazzjonijiet tal-Presidenza.

55 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (2008/2290(INI)) fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0136).

Ġie pprovdut ukoll appoġġ speċifiku biex jappoġġja t-trasferiment ta' ħila esperta mill-ICTY għas-sistemi legali nazzjonali ta' pajjiżi f'dik li kienet il-Jugoslavja sabiex ikun permess li huma jittrattaw każijiet ta' reati tal-gwerra.

Fl-2009 il-missjoni ċivili tal-PSDK, il-EUPOL RD Congo ġiet imsaħħa minn tim multidixxiplinari speċjalizzat fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali biex jinidirzza l-impunità li hija prevalenti fir-RDK. Għandu jkun previst aktar involviment tal-UE speċjalment fil-kuntest tal-adozzjoni reċenti tal-UNSCR 1888 u l-pjanijiet li għaddejjin tan-NU biex jiġu stabbiliti "kmamar imħalltin" bħala mekkaniżmu ta' ġustizzja transitorju.

Fl-2009 kien hemm aktar żviluppi importanti bħall-bidu tal-ewwel proċess kontra Tomas Lubanga (Jannar) u l-ewwel mandat ta' arrest maħruġ mill-QKI kontra kap ta' Stat fil-kariga - Omar Al Bashir tas-Sudan (Marzu). Dawn ikkawżaw reazzjonijiet qawwija mill-UA u mid-dinja Għarbija. Sabiex ikun protett l-Istatut ta' Ruma l-UE irrispondiet b'azzjonijiet diskreti u rapidi. L-UE appellat ukoll għall-impenn mill-ġdid tal-Istati Uniti.

L-UE tibqa' wkoll tappoġġa bil-qawwa l-investigazzjoni tan-NU fil-qtil tal-Prim Ministru Lebaniż ta' qabel Rafic Hariri u oħrajn, kif ukoll it-Tribunal li ġie stabbilit għal dan il-għan.

Il-proċess ta' Hissene Habré huwa wkoll kwistjoni maġġuri fid-djalogu bejn is-Senegal, l-Unjoni Afrikana u l-UE li ser ikun ta' preċedent għat-tisħiħ tar-responsabbiltà u l-kontroll tal-kultura ta' impunità fil-pajjiżi Afrikani. L-appoġġ ġie pprovdut fuq livell tekniku biex jgħin lill-awtoritajiet Senegaliżi fit-tħejjija tal-proċess.

Strument nazzjonali ieħor fil-ġlieda kontra l-impunità huwa l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni universali. Fil-11-il laqgħa tat-Trojka ministerjali mal-UA ta' Novembru 2008, ġie rikonoxxut li din il-kwistjoni għandha konsegwenzi negattivi għar-relazzjoni bejn l-UE u l-UA. Sussegwentement, ġie stabbilit grupp ta' esperti biex jiċċara l-intendimenti rispettivi min-naħa Afrikana u dik tal-UE dwar il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali, appoġġat taħt l-Istrument għall-Istabbiltà. Ir-rapport tal-grupp ġie ppreżentant lit-Trojka f'April 2009.

## F. TRAWWIM TA' SĦUBIJI MADWAR ID-DINJA

**1. Konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-sħab strateġiċi.**

Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-ESS iddikjara li "l-globalizzazzjoni qed taċċellera ċ-ċaqliq fil-poter". Dan jista' jesponi differenzi fil-valuri iżda jista' wkoll jitqies bħala opportunità biex jiġu stabbiliti jew konsolidati sħubiji mal-atturi prinċipali fix-xena globali, abbażi ta' interessi kondiviżi u ggwidati mill-valuri tagħna. Barra milli jagħmlu s-sistema multilaterali aktar effettiva, jeħtieġ li s-setgħat il-qodma u dawk ġodda jingħataw sehem ġenwin fil-preservazzjoni tagħha.

Stati Uniti[56]

Ir-relazzjoni transatlantika tibqa' pedament għall-PESK. Matul is-sena kollha, l-UE u l-Istati Uniti komplew jikkonsultaw mill-qrib dwar kwistjonijiet reġjonali. Kien hemm enfasi mġedda fuq l-Iran, il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, l-Afganistan, il-Pakistan u l-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari l-Bosnja u Ħerzegovina. Kien hemm kollaborazzjoni mill-qrib fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, fejn id-diskussjonijiet koprew ukoll l-għeluq li għadu pendenti tal-faċilità ta' detenzjoni militari fi Gwantanamo[57], u dwar il-kriżi finanzjarja, inklużi l-G8 u l-G20.

Is-summit informali UE-Stati Uniti li ltaqa' fi Praga (5 ta' April 2009) ipprovda l-opportunità għall-ewwel kuntatt politiku bejn il-mexxejja tal-UE u l-President il-ġdid tal-Istati Uniti. Is-Summit formali UE-Stati Uniti (Washington, Novembru 2009) indirizza kwistjonijiet globali kumplessi li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Uniti, inklużi l-kwistjonijiet ekonomiċi/finanzjarji, it-tibdil fil-klima, iċ-ċibersigurtà, il-politika ta' żvilupp u l-isfidi tal-politika barranija. Eżitu ewlieni kien il-ħolqien tal-Kunsill dwar l-Enerġija UE-Stati Uniti li jittratta kwistjonijiet bħas-sigurtà tal-enerġija globali, it-tekonolġiji ġodda u r-riċerka. Eżiti oħrajn jinkludu Dikjarazzjoni dwar l-Iżvilupp ta' Djalogu u Kooperazzjoni, li jistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni ulterjuri dwar ċerti aspetti ta' politika ta' żvilupp.

---

56 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istat tar-relazzjonijiet transatlantiċi fil-perijodu ta' wara l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti (2008/2199(INI)) fis-26 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0193).
Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar It-tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku u s-Summit UE-Stati Uniti tal-Amerika (2 u 3 ta' Novembru 2009) fit-22 ta' Ottubru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0058)

57 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-ritorn u s-sistemazzjoni mill-ġdid tal-priġunieri tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Gwantanamo fl-4 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0045).

Id-Dikjarazzjoni dwar in-Non-Proliferazzjoni u d-Diżarm stabbiliet objettivi komuni f'dan il-qasam. Fl-istess waqt, ġew rikonoxxuti l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi ta' vjaġġar mingħajr ħtieġa ta' viża f'ambjent sigur bejn iż-żewġ sieħba. Iż-żewġ partijiet ikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jaħdmu flimkien biex jikkompletaw l-ivvjaġġar mingħajr viżi bejn l-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-UE malajr kemm jista' jkun u jżidu s-sigurtà għall-vjaġġaturi.

Federazzjoni Russa[58]

Wara l-ostakolu tal-konflitt tal-Ġeorġja f'Awissu 2008 u l-kriżi sussegwenti tal-gass f'Jannar 2009, l-UE kompliet l-impenn tagħha mar-Russja abbażi tal-avvanz tal-interessi u l-valuri tal-UE. Bħala sieħba strateġika fix-xena dinjija, huwa fl-interess tal-UE li tara lir-Russja tintegra aktar fis-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u li t-tnejn jaħdmu flimkien fuq kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u s-sigurtà tal-enerġija. L-UE u r-Russja għandhom interess reċiproku biex jaħdmu flimkien mill-qrib biex jitrattaw b'mod effettiv, ħafna mill-kwistjonijiet internazzjonali li huma fil-quċċata tal-aġenda tal-UE dwar il-PESK, bħall-Iran, il-Lvant Nofsani, l-Afganistan, u l-konflitti fit-tul fil-viċinat komuni. Sabiex din l-aġenda titmexxa 'l quddiem, l-UE għażlet approċċ ta' impenn ibbażat fuq il-prinċipji: it-tiftix għal opportunitajiet għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħna mar-Russja fejn possibbli, iżda filwaqt li nżommu sodi fuq il-prinċipji tagħna fejn meħtieġ.

Id-djalogu UE-Russja dwar kwistjonijiet internazzjonali - kemm fil-kuntest bilaterali kif ukoll fil-fora internazzjonali - huwa wiesa' u intensiv, u sar dejjem aktar miftuħ fis-snin reċenti. Saru mhux inqas minn 35 laqgħa ta' djalogu politiku formali fl-2009.

Komplew in-negozjati dwar Ftehim UE- Russja ġdid, b'ħames ċikli li saru matul l-2009. Kif maqbul f'Dikjarazzjoni Konġunta UE-Russja fis-Summit UE-Russja ta' Ġunju 2008, l-għan huwa li jiġi konkluż ftehim strateġiku li ser jipprovdi qafas komprensiv għal relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja għall-futur qrib u jgħin fl-iżvilup tal-potenzjal tar-relazzjoni tagħna.

58 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Summit UE-Russja tat-18 ta' Novembru 2009 fi Stokkolma fit-12 ta' Novembru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0064).

Huwa għandu jipprovdi bażi legali msaħħa u impenji legalment vinkolanti li jkopru l-oqsma prinċipali kollha tar-relazzjoni, kif inkluż fl-erba' spazji komuni UE/Russja u l-pjani direzzjonali tagħhom li kienu maqbula fis-Summit ta' Moska f'Mejju 2005. Għall-UE, huwa essenzjali li jiġi żgurat progress ibbilanċjat tul l-oqsma kollha tan-negozjati, inkluż il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet sostantivi relatati mal-kummerċ u l-investiment.[59]

Fil-qasam tas-sigurtà esterna, ir-Russja kompliet tikkontribwixxi fl-operazzjoni militari tal-PSDK tal-UE, l-EUFOR Tchad/RCA b'erba' elikotteri u b'120 persunal sat-tmiem tal-missjoni f'Marzu 2009.

Dan kien eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni effettiva fil-qasam tal-maniġġar tal-kriżijiet. Il-koordinazzjoni mal-missjoni marittima tal-PSDK, il-EUNAVFOR Atalanta fil-ġlieda kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja matul l-2009 hija wkoll żvilupp pożittiv ħafna. Barra minn hekk, is-Summit ta' Stokkolma UE-Russja f'Novembru 2009 iddeċieda li jniedi mill-ġdid it-taħditiet esploratorji dwar Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni għall-parteċipazzjoni Russa fl-operazzjonijiet tal-UE għall-maniġġar tal-kriżijiet. F'dan ir-rigward, l-ewwel kuntatti informali saru f'Diċembru 2009 u huma mistennija jkomplu fl-2010.

Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżviluppi domestiċi fir-Russja komplew iqajmu tħassib fl-2009. Dan kien partikolarment il-każ fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Madankollu kien hemm ukoll xi żviluppi pożittivi fir-Russja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża r-ratifika tal-Protokoll 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'Settembru 2009 l-President Medvedev iffirma ordni eżekuttiva dwar l-istabbiliment tal-Kummissarju Presidenzjali għad-Drittijiet tat-Tfal.

Ċina

Ir-rwol taċ-Ċina fix-xena dinjija u l-influwenza ġenerali tagħha fuq l-affarijiet dinjin komplew jiżdiedu b'mod sinifikanti fl-2009. L-UE tilqa' r-riemerġenza taċ-Ċina, u temmen li l-impenn taċ-Ċina f'affarijiet globali huwa ewlieni għall-istabbiltà dinjija u tinkoraġġixxi b'mod konsistenti liċ-Ċina biex ikollha rwol kostruttiv fir-relazzjonijiet internazzjonali.

[59] Il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar il-Ftehim ġdid UE-Russja fit-2 ta' April 2009 (dokument tal-PE P6_TA(2009)0215).

B'mod partikolari, l-UE kompliet tinkoraġġixxi liċ-Ċina biex twettaq il-parti tagħha fil-promozzjoni tal-istabbiltà reġjonali, u biex ikollha rwol attiv fit-tiftix ta' soluzzjonijiet għall-kriżijiet reġjonali. Fir-rigward tar-Relazzjonijiet bejn l-Istretti, l-UE inkoraġġiet liż-żewġ naħat biex isolvu d-differenzi tagħhom b'mod paċifiku u permezz ta' djalogu, u laqgħat il-progress ulterjuri miksub matul it-taħdidiet tagħhom fl-2009.

Ir-relazzjonijiet UE-Ċina kienu ġeneralment tajbin, wara l-inċidenti tal-2008. Id-djalogu politiku baqa' l-mezz prinċipali għat-tkomplija tas-sħubija strateġika UE-Ċina. In-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, imniedi fl-2007, għamel progress tajjeb, notevolment min-naħa politika. Kompliet ukoll il-kooperazzjoni dwar numru ta' djalogi settorjali li jammontaw għal aktar minn 56, inklużi dawk li jkopru kwistjonijiet kummerċjali u ekonomiċi.

B'mod eċċezzjonali, saru żewġ summits fl-2009 (minħabba li l-ewwel wieħed, li sar fi Praga fl-20 ta' Mejju, kien infatti t-tlaqqigħ mill-ġdid tas-summit pospost tal-2008) u indikaw l-impenn mill-ġdid taż-żewġ naħat. Iż-żewġ summits iffukaw ġeneralment fuq ir-relazzjonijiet UE-Ċina u b'mod speċifiku dwar l-indirizzar tal-isfidi globali bħal-kriżi finanzjarja u ekonomika, dwar it-tibdil fil-klima u dwar sitwazzjonijiet reġjonali u internazzjonali. Fit-tieni summit, li sar f'Nanjing fit-30 ta' Novembru, l-UE tat prijorità lit-tibdil fil-klima fil-perijodu ta' qabel il-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima u l-futur tar-relazzjoni bilaterali lejlet id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Żewġ ċikli tad-djalogu UE-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għadd ta' demarches u dikjarazzjonijiet pubbliċi ppermettew lill-UE tkompli tqajjem it-tħassib tagħha dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċina: l-użu wiesa' tal-piena tal-mewt (inkluż l-ewwel eżekuzzjoni ta' ċittadin tal-UE f'nofs seklu, iċ-ċittadin Ingliż marid mentalment Akmal Shaikh), l-attakk vjolenti fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertà ta' assoċjazzjoni, twemmin u espressjoni, u ż-żieda tal-pressjoni fuq il-professjoni legali (inkluż sentenza ta' 11-il sena lis-Sur Liu Xiaobo u l-għajbien tas-Sur Gao Zhisheng). F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tad-djalogu UE-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem li sar fl-2009 b'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili għandu jtejjeb il-kapaċità tagħna li niżguraw li d-djalogu jkun aktar orjentat lejn ir-riżultati.

Indja

Is-sħubija strateġika mal-Indja hija importanti ħafna għall-UE u kienet misħuqa għal darb'oħra matul l-għaxar summit UE-Indja li sar fis-6 ta' Novembru, 2009. Waqt li r-relazzjoni mal-Indja hija pożittiva f'ċerti aspetti (kwistjonijiet kummerċjali/ekonomiċi), hija għad teħtieġ li tiġi żviluppata ulterjorment fir-rigward ta' skambji politiċi u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati sfidi komuni (kwistjonijiet reġjonali inklużi l-Afganistan, it-terroriżmu, it-tibdil fil-klima/l-enerġija, iċ-ċibersigurtà, il-kriżijiet finanzjarji, in-non-proliferazzjoni). B'mod partikolari, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u ż-żamma tal-paċi u l-bini tal-paċi jinsabu lesti għal aktar kollaborazzjoni.

Ir-relazzjonijiet UE-Indja setgħu bbenefikaw minn prijoritizzazzjoni aktar ċara u integrazzjoni tal-aġenda li xi drabi kienet mimlija wisq. Min-naħa l-oħra l-preferenza politika qawwija tal-Indja għal relazzjonijiet mal-Istati Membri individwali pjuttost milli relazzjonijiet mal-UE, ipprevenew lil Delhi milli timxi 'l quddiem flimkien mal-UE dwar kwistjonijiet sensittivi. Issa li t-Trattat ta' Lisbona huwa fis-seħħ u bil-ħatra tar-Rappreżent Għoli/il-Viċi President (RGħ/VP) il-ġdid, hemm opportunità li titjieb ulterjorment il-preżentazzjoni tal-aġenda politika tal-UE u tal-azzjonijiet tagħha fir-reġjun.

L-Indja tħares lejn l-impenn tal-UE mal-Pakistan b'mod kritiku, b'mod partikolari wara l-attakki ta' Mumbai. Għalhekk l-UE tiffaċċja sfida doppja għall-futur: li tikkonvinċi lill-Indjani li l-impenn tal-UE fil-Pakistan huwa għall-benefiċċju tal-Indja; u li tikkonvinċi lill-Pakistani li t-theddida prinċipali tagħhom mhijiex l-Indja (iżda l-forzi estremisti li qed ifixklu l-pajjiż tagħhom minn ġewwa). Fis-summit li jmiss li għandu jsir fi Brussell fit-tieni nofs tal-2010, l-UE għandha tipprova tirrispondi għall-ambizzjonijiet Indjani li jiġu kkunsidrati bħala attur globali u sieħeb strateġiku bis-saħħa tad-dritt tagħhom.

Wara d-deċiżjoni pożittiva dwar il-kooperazzjoni nukleari mal-Indja li ttieħdet fil-Grupp ta' Fornituri Nukleari fl-2008 li hija marbuta ma' ċerti kondizzjonijiet, l-UE bdiet negozjati għal ftehim Euratom, waqt li ċerti Stati Membri tal-UE ser ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Indja tal-intenzjonijiet kollha ddikjarati quddiem il-Grupp ta' Fornituri Nukleari.

Messiku[60]

Il-Messiku qed isaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala potenza ekonomika emerġenti u attur dejjem aktar importanti fix-xena dinjija, waqt li jiġġustifika l-istatus tiegħu bħala "Imsieħeb Strateġiku" għall-UE.

Ir-relazzjonijiet UE-Messiku raw tisħiħ progressiv mill-2004. Fl-2008 l-UE ddeċidiet li tagħti lill-Messiku l-istatus ta' Imsieħeb Strateġiku (SP). Fl-okkażjoni tal-Kunsill Konġunt fi Praga (Mejju 2009), il-Messiku ġie ppreżentat bi *Pjan Eżekuttiv* Konġunt b'azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tas-SP. Minn dakinhar kompliet il-ħidma, bil-ħsieb li jiġi ppreżentat Pjan Eżekuttiv Konġunt finalizzat qabel is-Summit.

L-2010 ser tkun sena kruċjali għall-Messiku, wara s-sena 2009 li kienet diffiċli ħafna (l-epidemija tal-H1NI, l-impatt qawwi tal-kriżi ekonomika, il-vjolenza li żdiedet marbuta mal-ġlieda kontra d-drogi u nixfa severa). Madankollu, l-indikaturi juru li l-ekonomija mistennija tirkupra din is-sena u l-aġenda ta' riforma tal-President Calderón qed titħaffef.

F'termini ta' relazzjonijiet UE-Messiku, l-2010 ser tkun immarkata minn avvenimenti importanti, notevolment is-Summit bilaterali (16 ta' Mejju 2010), l-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika tagħna u ċ-ċelebrazzjoni tal-għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Globali. Il-Messiku ser jospita wkoll il-Konferneza li jmiss tal-Partijiet għall-Kovenzjoni tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima li ser issir f'Kankun fl-aħħar tal-2010.

Brażil[61]

Is-Sħubija Strateġika mal-Brażil tat bidu għal djalogu politiku b'firxa wiesa' mal-akbar pajjiż fl-Amerika t'Isfel u wieħed mill-atturi emerġenti ewlenin tad-dinja multipolari tas-seklu 21. Fl-2009, saru laqgħa tad-Diretturi Politiċi (Marzu, Praga) u t-tielet Summit UE-Brażil (Ottubru, Stokkolma), b'aġenda ffukata fuq il-kriżi finanzjarja, in-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u l-kwistjonijiet l-aktar urġenti reġjonali u internazzjonali tal-ġurnata.

---

60 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Sħubija Strateġika UE-Messiku (2008/2289(INI)) fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0141).

61 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Sħubija Strateġika Unjoni Ewropea-Brażil (2008/2288(INI)) fit-12 ta' Marzu 2009 (P6_TA-PROV(2009)0140).

It-tnaqqis tad-differenzi bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw huwa dak li jagħmel is-Sħubija Strateġika mal-Brażil daqshekk importanti. Eżempju ċar huma n-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, fejn l-UE għamlet kuntatt mal-Brażil u ser tkompli tagħmel hekk. B'mod aktar ġenerali, l-UE u l-Brażil jikkondividu sett komuni ta' valuri politiċi u ser jikkooperaw lejn il-promozzjoni ta' dawk il-valuri fil-fora multilaterali rilevanti. B'mod partikolari, ta' min isemmi l-konsultazzjonijiet regolari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra u fi New York.

L-UE tikkunsidra li huwa importanti li titkompla l-ħidma flimkien mal-Brażil dwar kwistjonijiet ewlenin fuq livell reġjonali u dak internazzjonali. L-UE tilqa' r-rwol attiv tal-Brażil fir-reġjun tal-Amerika t'Isfel u tinkoraġġixxih biex ikompli jkollu rwol prinċipali sabiex tiġi żgurata l-promozzjoni tad-demokrazija u aktar prosperità permezz ta' aktar integrazzjoni ekonomika u politika. Iż-żewġ partijiet komplew juru l-interess tagħhom fi Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Mercosur.

Fl-aħħar nett, l-UE u l-Brażil żviluppaw ulterjorment il-ħidma lejn l-istabbiliment ta' proġetti ta' kooperazzjoni triangolari ma' pajjiżi terzi interessati sabiex jgħinuhom jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Ġappun

Sar progress fil-bini tas-sħubija strateġika UE-Ġappun li għaliha kien hemm appell fl-Istrateġija tal-UE ta' Sigurtà. Ġew approfonditi l-konsultazzjonijiet u d-djalogu politiku dwar kwistjonijiet internazzjonali u globali ta' interess komuni, inkluż fl-għamla ta' djalogi strateġiċi dwar l-Asja tal-Lvant u l-Asja Ċentrali.

Il-kooperazzjoni mill-qrib tagħna fl-2009 laħqet il-quċċata fis-Summitt bilaterali li sar fi Praga fl-4 ta' Mejju. Dan l-avveniment indika konverġenza qawwija ta' fehmiet dwar aspetti u fajls ta' tħassib relatati mal-PESK fuq l-aġenda internazzjonali, biż-żewġ naħat jesprimu l-interess li jkomplu jikkondividu l-informazzjoni u l-kooperazzjoni u jagħrfu l-potenzjal għal kooperazzjoni miżjuda dwar il-paċi u s-sigurtà.

Filwaqt li djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ġew stabbiliti għal darbtejn f'sena, l-UE sostniet l-inkoraġġiment tagħha għall-Ġappun biex jadotta moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet, speċjalment wara l-ħatra f'Settembru 2009 ta' ministru ġdid tal-ġustizzja, li kien membru tal-Lega Parlamentari kontra l-piena tal-mewt.

Kanada

L-aktar avveniment ta' livell għoli kien is-Summit ta' Praga f'Mejju 2009, fejn il-mexxejja ffukaw ukoll fuq suġġetti rilevanti tal-PESK bħall-Afganistan, il-Lvant Nofsani, u s-Sħubija tal-Lvant. Il-laqgħa Ministerjali ta' kull sena saret f'Ottawa f'Ottubru, u kopriet il-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani, l-Iran, il-Ħonduras, Ħaiti u Kuba, is-Sudan u d-Darfur, l-Afganistant/Pakistan, l-Artiku u r-reċiproċità tal-viża, b'mod partikolari l-impożizzjoni mill-ġdid mill-Kanada tal-ħtieġa għall-viża għar-Repubblika Ċeka. Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni u laqgħa ta' Grupp ta' Koordinazzjoni ta' Livell għoli saru b'mod konsekutiv f'Novembru 2009 f'Ottawa.

Afrika t'Isfel

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel issaħħu b'mod sinifikanti mindu sar l-istabbiliment tas-Sħubija Strateġika UE-Afrika t'Isfel fl-2007. Skont il-Pjan ta' Azzjoni tas-Sħubija, id-djalogu politiku ġie elevat għal-livell ta' Summits annwali u l-kooperazzjoni settorjali ġiet estiża biex tkopri firxa wiesgħa ħafna ta' kwistjonijiet (inkluż ir-riċerka, l-ambjent u l-enerġija, l-ispazju, it-trasport, il-migrazzjoni, is-saħħa).

It-tieni Summit UE-Afrika t'Isfel, li għall-ewwel darba sar fl-Afrika t'Isfel, kien ospitat mill-President Jacob Zuma fil-11 ta' Settembru 2009. Is-Summit ipprovda opportunità għall-iżvilupp ta' pożizzjonijiet komuni dwar il-kwistjonijiet globali prinċipali (it-tibdil fil-klima u r-riforma tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali) u dwar sitwazzjonijiet ta' konflitt fl-Afrika u lil hinn minnha.

Matul l-2009, ingħata impetu ġdid lill-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel dwar kwistjonijiet strateġiċi bħall-ambjent u l-enerġija, inkluż l-assorbiment ta' karbonju u t-teknoloġiji nodfa tal-faħam. Inkiseb ukoll progress f'kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet dwar l-ispazju, bi ftehim għall-estensjoni tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) fuq l-Afrika t'Isfel u l-istallazzjoni ta' elementi tal-infrastruttura tal-art tal-Galileo fl-Afrika t'Isfel.

L-UE kompliet tappoġġa l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u l-medjatur maħtur tagħha, il-President tal-Afrika t'Isfel Zuma fl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni għall-kriżi fiż-Żimbabwe, wara l-istabbiliment tal-gvern ta' unità nazzjonali.

## G. AKTAR EFFETTIVITÀ, KAPAĊITÀ U KOERENZA

### 1. Prevenzjoni tal-konflitti

Is-saħħa tal-UE għall-prevenzjoni tal-konflitti tibqa' tinstab fil-kapaċità tagħha li tindirizza l-aspetti differenti ta' dan il-kompitu wiesa' u ta' sfida b'mod komprensiv, billi jinġabru flimkien il-firxa wiesgħa ta' strumenti tal-UE (soft tools), b'mod partikolari d-diplomazija ta' prevenzjoni, il-linji ta' politika ta' żvilupp u għajnuna, l-appoġġ għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni u d-djalogu, u l-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali u nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-konflitti. L-integrazzjoni tal-azzjonijiet għall-prevenzjoni tal-konflitti f'dawn l-attivitajiet hija importanti u ser tkun promossa ulterjorment. Il-ħidma fuq Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità u konflitt inbdiet fl-2009, bil-ħsieb tal-iżvilupp ta' approċċ aktar koerenti mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE fuq iċ-ċiklu sħiħ ta' ppjanar u implimentazzjoni, waqt li jintrabtu flimkien il-linji ta' politika ta' sigurtà u żvilupp.

Ir-Rapport Annwali adottat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2009 dwar l-attivitajiet tal-UE fil-qafas tal-prevenzjoni ta' konflitti jagħti stampa komprensiva tal-isforzi li għaddejjin mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam. F'Novembru 2009, ġie mniedi proċess ta' rendikont fl-okkażżjoni tal-għaxar anniversarju tal-Programm Goteberg fl-2011.

F'konformità mar-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ESS), li identifika l-medjazzjoni għall-paċi bħala waħda li toffri potenzjal mhux esplorat biżżejjed għall-UE, il-KAĠRE tas-16/17 ta' Novembru 2009 adotta il-"Kunċett dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet tal-UE ta' Medjazzjoni u Djalogu". Il-Kunċett jagħraf l-importanza tal-medjazzjoni bħala strument effettiv u kosteffiċjenti għall-prevenzjoni, it-trasformazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti u jappella għal approċċ aktar professjonalizzat, ikkoordinat u ffokat tal-UE. Dan ser jippermetti lill-UE biex issaħħaħ ulterjorment il-kapaċità tagħha li jkollha rwol internazzjonali attiv f'dan il-qasam.

Minbarra l-aġġornamenti regolari tal-Lista ta' Sorveljanza tal-UE, ir-rapporti u l-valutazzjonijiet dwar riskji attwali u potenzjali tas-sigurtà ġew sistematikament imħejjija fil-Kuntest tat-Twissija Bikrija. Il-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità fil-qasam tal-intelligence minn sors miftuħ ġie strutturat ulterjorment kemm fil-livelli istituzzjonali kif ukoll f'dawk nazzjonali.

Ġie indirizzat ukoll theddid għas-sigurtà f'mod preventiv għal terminu twil fl-oqsma tal-enerġija, ir-riżorsi naturali, it-tibdil fil-klima, in-non-proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva u t-traffikar illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir.

Id-djalogu, il-bini tal-kapaċità u l-kooperazzjoni man-NU, l-organizzazzjonijiet reġjonali u atturi mhux ta' stat biex ikun hemm risposta konġunta u f'waqtha għall-isfidi tas-sigurtà u l-iżvilupp ta' approċċi komuni, ġew imsaħħa dejjem aktar.

## 2. Konsolidazzjoni tal-PSDK[62]

Sinerġiji ċivili u militari fl-iżvilupp tal-kapaċità

L-importanza tal-approċċ komprensiv tal-UE għall-maniġġar tal-kriżijiet kienet imtennija mill-Kunsill, li f'Novembru 2009, qabel biex jiġu esplorati oqsma fejn sinerġiji fl-iżvilupp u l-użu ta' kapaċitajiet ċivili u militari jżidu l-valur u li għandhom għalhekk jiġu segwiti. Dawn l-oqsma jinkludu fost l-oħrajn it-trasport, il-komunikazzjoni, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-forzi, il-loġistika, il-kapaċitajiet tal-ispazju u l-appoġġ mediku.

Eżempju konkret tal-kisba ta' sinerġiji ċivili u militari huwa l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), f'kooperazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, lejn l-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima. F'Ottubru 2009, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjonijiet f'dan il-qasam u l-Grupp ta' Esperti (Wise Pen Team) tal-EDA iċċirkola Rapport Intermedju dwar il-ħidma tagħhom, waqt li r-rapport finali ġie ppreżentat f'April 2010. Eżempju konkret ieħor tas-sinerġija ċivili u militari huwa d-Deċiżjoni tal-Kunsill, ta' Novembru 2009, biex jinħoloq grupp ta' esperti Ewropej fir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà.

[62] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u l-PSDK (2008/2202(INI)) fid-19 ta' Frar 2009 (P6_TA-PROV(2009)0075).

Kapaċitajiet Ċivili

Kompliet il-ħidma dwar l-Objettiv Primarju Ċivili 2010. Il-kapaċitajiet ċivili kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet f'diversi livelli. B'konsegwenza ta' dan, f'Ġunju 2009 l-Kunsill għamel enfasi fuq pjanijiet u proposti li jikkonċernaw l-iskjerament rapidu, ir-riżorsi umani, it-tagħmir u l-finanzi (inkluża deċiżjoni possibbli dwar l-istabbiliment ta' kapaċità ta' ħżin permanenti għall-UE) waqt li ssottolinja l-importanza ta' qafas ta' żvilupp tal-kapaċità kkoordinat tajjeb.

Twettqet ħidma importanti dwar diversi kwistjonijiet, li kkontribwiet għat-tisħiħ tal-abbiltà tal-UE li tirrispondi b'mod rapidu għal kriżijiet, anke b'appoġġ għal sforzi diplomatiċi tal-UE. Kompliet l-implimentazzjoni tal-proċess tal-Gruppi ta' Rispons Ċivili (CRT)[63] bil-preżentazzjoni ta' kunċett rivedut li jipprevedi fost l-oħrajn żieda tad-daqs immirat tal-grupp sa 200 espert kif ukoll l-allinjament, sal-grad possibbli, tal-modalitajiet tas-CRT ma' dawk li japplikaw għall-grupp ta' esperti tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà. Issa l-Kummissjoni wkoll ser ikollha aċċess għall-grupp.

Il-kapaċità ta' rispons rapidu kienet imtejba bid-deċiżjonijiet biex isaħħu l-Gruppi ta' Rispons Ċivili, biex jistabbilixxu maħżen temporanju fil-EUPM Bosnja u Ħerzegovina sa Jannar 2010 u biex tiġi mnedija ħidma preparatorja għal soluzzjoni permanenti possibbli għall-ħżin għal skjerament rapidu u regolari. Sat-tmiem tal-2009, kien innutat ukoll progress dwar diversi kwistjonijiet oħra bħall-adozzjoni tal-ewwel rapport annwali dwar lezzjonijiet miksuba tal-PSDK ċivili (Diċembru 2009), l-iżvilupp kontinwu tal-ambjent ta' software Goalkeeper (Għodda ta' Ġesjonti tal-Kapaċità Ċivili)[64], l-adozzjoni ta' kunċett rivedut u mtejjeb dwar il-missjonijiet ta' Tisħiħ tal-Pulizija (interface bi stat tad-dritt usa')[65], u l-ftehim għat-tisħiħ tat-taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-bniedem għal missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK sabiex jiġu implimentati ulterjorment il-UNSCR 1325 u l-UNSCR 1820.

---

63 Kunċett rinnovat għal Gruppi ta' Rispons Ċivili (CRT) ġie approvat mill-KPS f'Novembru 2009.

64 Żewġ applikazzjonijiet kienu maħruġa onlajn (https://esdp.consilium.europa.eu).

65 Saret introduzzjoni wkoll fis-CIVCOM tal-prinċipji sovrastanti għal Kapaċità Analitika tal-Missjoni.

Kapaċitajiet militari

Fil-qafas tal-proċess tal-Objettiv Primarju 2010 u wara l-adozzjoni f'Diċembru 2008 ta' Dikjarazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet, kompliet il-ħidma f'diversi fora, b'mod partikolari fl-Aġenzija Ewropea ta' Difiża, sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-UE ta' maniġġar tal-kriżijiet. Katalogu tal-Forzi ġdid kien innutat mill-Kunsill f'Mejju 2009. Huwa jinkludi kontributi riveduti magħmulin mill-Istati Membri li ppermettew li jiġu solvuti żewġ nuqqasijiet tal-kapaċità militari u parzjalment jirrimedja tnax oħra.

Il-ħidma dwar l-aġġornament tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità kien imniedi mill-EDA f'kooperazzjoni mal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC). F'mod parallel, kompliet il-ħidma mwettqa mill-EDA u l-EUMC dwar it-tnax-il azzjoni ta' prijorità magħżula tas-CDP. Sar progress dwar kunċetti militari tal-UE, inkluż l-approvazzjoni mill-EUMC f'Mejju tal-kunċett għal operazzjonijiet speċjali, il-qafas kunċettwali għal Intelligence Umana militari f'operazzjonijiet militari mmexxija mill-UE, il-kunċett ta' Netwerk tal-Computer u l-kunċett implimentattiv tal-Bażi Operattiva Skjerabbli tal-EUFOR.

L-Istati Membri affermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jżommu l-ambizzjoni ta' livell għoli tal-UE f'kapaċità ta' rispons rapidu. Il-kunċett militari ta' Rispons Rapidu ġie rivedut f'Jannar. Huwa issa jiddefinixxi iż-żmien tar-rispons rapidu militari bħala perijodu minn ħames sa tletin jum mill-approvazzjoni tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżijiet sal-mument meta jibdew l-operazzjonijiet fiż-Żona tal-Operazzjonijiet Konġunti. Fil-konferenzi ta' koordinazzjoni tal-Grupp ta' Battalja li saru f'April u Ottubru, l-Istati Membri kkonfermaw l-impenn tagħhom u għamlu sforzi ġodda li jippermettu li jinżammu żewġ Gruppi ta' battalja ta' intervent fil-pront sat-tmiem tal-2011. F'Novembru l-Kunsill qabel dwar dokument li jipprovdi linji gwida għaż-żieda tal-flessibbiltà u l-użabbiltà tal-Gruppi ta' Battalja tal-UE. F'April u f'Ottubru 2009 saru Konferenzi ta' Rispons Rapidu Marittimu u tal-Ajru.

Ir-riflessjonijiet dwar mezzi kif jitrawwem it-twassil ta' kapaċitajiet Ewropej lil hinn mill-2010 għadhom għaddejjin, inkluż dwar il-ħtieġa li jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-proċessi ta' żvilupp tal-kapaċità ċivili u militari tal-UE.

Lezzjonijiet miksuba u l-aħjar prattiki fil-PSDK ċivili

L-UE stinkat kontinwament biex ittejjeb l-effettività u l-kapaċità ta' rispons rapidu tal-istrumenti tagħha ibbażati fuq l-esperjenzi ta' missjonijiet li issa huma numerużi. Hemm żewġ lezzjonijiet prinċipali miksuba li jeħtieġu konsiderazzjoni politika ulterjuri u tnejn li jitolbu segwitu aktar prattiku. L-ewwel il-kwistjonijiet politiċi: il-missjonijiet tal-PSDK huma strument importanti tal-PESK iżda ma jissostitwixxux il-politika u jeħtieġ li jkunu inklużi fi strateġija ġenerali tal-UE lejn pajjiż jew reġjun. Il-PSDK hija wkoll triq b'żewġ direzzjonijiet: għandhom jiġu mfittxija miżuri ċari ta' progress fuq livell strateġiku mal-Istat ospitanti qabel u matul l-iskjerament ta' missjoni biex ikun żgurat appoġġ u segwitu. Barra minn hekk, biex il-PSDK ċivili tibqa' għodda effettiva u kredibbli, hija meħtieġa bidla fl-enfasi politika minn skjerament b'suċċess lejn implimentazzjoni b'suċċess. Bid-domanda dejjem tikber għal rispons għal kriżijiet, l-UE tiffaċċja nuqqas fin-numru ta' esperti. Għall-kuntrarju ta' operazzjonijiet militari, il-missjonijiet ċivili ġeneralment jiddependu fuq skjerament volontarju. Minkejja dan, l-oqsma ċivili ta' operazzjoni mhumiex ħafna aktar tajbin. L-UE u l-Istati Membri tagħha għalhekk jeħtieġ li jimlew il-vojt li qiegħed jikber fl-iskjerament bejn livelli awtorizzati u dawk attwali ta' persunal issekondat, jew billi jiżdiedu l-isforzi biex isir ir-reklutaġġ, it-taħriġ u t-tgħammir ta' persunal u billi l-iskjerament isir aktar attraenti jew billi jitbaxxa l-livell ta' ambizzjoni tagħna.

L-UE identifikat ukoll żewġ prijoritajiet prattiċi oħra. L-ewwel nett, ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju previst fl-2010 joffri l-possibbiltà li jitjiebu l-arranġamenti finanzjarji biex isiru jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tal-PSDK ċivili, speċjalment għal skjerament rapidu u għal missjonijiet ta' durata limitata. It-tieni nett, hemm għadd ta' kwisjtonijiet relatati mal-appoġġ ta' missjoni li għandhom jitwettqu. Għal dan il-għan, ġie kkommissjonat studju tal-fattibbiltà biex jiġi esplorat ulterjorment l-istabbiliment ta' maħżen għall-ħżin ta' tagħmir relatat mal-missjonijiet.

Mill-ewwel skjeramenti tal-UE fl-2003, il-lezzjonijiet interni ffukaw iktar fuq kif jittejjeb l-ippjanar milli fuq kif jittejjeb l-impatt - raġuni waħda hija li hemm ftit ħafna mill-missjonijiet li ntemmu s'issa (Themis Georgia, Proxima FYROM, Aceh MM). L-Istati Membri diġa qed iżidu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-kapaċitajiet. Ir-riżorsi finanzjarji u umani tal-UE mhumiex bla qies u hemm il-ħtieġa li wieħed iħares b'mod kritiku fejn l-UE tista' ġġib l-aktar valur miżjud. Għalhekk, fil-futur, jeħtieġ li l-UE tivvaluta meta l-kondizzjonijiet ikunu tajba għal skjerament u taħdem mill-qrib mal-Istati ospitanti biex ikun żgurat li l-missjonijiet ikompli jkollhom impatt dejjiemi fil-kamp.

Taħriġ u eżerċizzji

Saru sforzi sinifikanti fl-2009 biex jiġu sodisfatti l-objettivi ġenerali identifikati fil-Kunċett ta' Taħriġ tal-UE, li għandhom jiżviluppaw kultura ta' sigurtà Ewropea komuni u jipprovdu lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE b'persunal imħarreġ (diplomatiku, ċivili inkluż il-pulizija u l-istat tad-dritt, u militari) li jkun kapaċi jaħdem b'mod effettiv fuq il-kwistjonijiet kollha tal-PSDK, inkluż persunal li jaħdem fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Dan inkluda evalwazzjoni tajba tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-passat u lezzjonijiet miksuba, ir-reviżjoni ta' ħtiġijiet u rekwiżiti tat-taħriġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-Programm ta' Taħriġ tal-UE.

Fil-qasam tat-taħriġ dwar il-maniġġar ċivili tal-kriżijiet l-Istati Membri qablu dwar it-titjib tas-sistema ta' taħriġ qabel l-iskjerament għal missjonijiet ċivili tal-PSDK. Minħabba ż-żieda fil-kumplessità tal-missjonijiet tal-maniġġar ta' kriżijiet tal-PSDK u l-ambjenti diffiċli li fihom joperaw, il-Kunsill enfasizza l-importanza ta' taħriġ adegwat qabel l-iskjerament għall-kapaċità tal-implimentazzjoni tal-mandati tal-missjoni. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jkun hemm bini fuq il-lezzjonijiet miksuba fil-Proġett tal-KE dwar it-Taħriġ għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet.

Fl-aħħar tal-2009, il-EUMS ivvaluta mill-ġdid l-utilità tal-Katalogu tal-Kondiviżjoni ta' Faċilitajiet tat-Taħriġ (STF), inkluża l-inkorporazzjoni possibbli tal-faċilitajiet ta' taħriġ ta' Stati Terzi. L-evalwazzjoni wriet li l-Katalogu tal-STF huwa kkunsidrat bħala għodda ta' konsultazzjoni li jidher li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Madankollu, l-istabbiliment tal-Katalogu tal-STF fil-forma ta' bażi tad-data jeħtieġ li jiġi pospost minħabba li l-kondizzjonijiet attwali (persunal, baġit, prijorità eċċ) mhumiex favorevoli.

Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), li huwa l-attur ewlieni fit-taħriġ fil-livell tal-UE, ipprovda t-taħriġ fil-qasam tal-PSDK f'livell strateġiku għal persunal ċivili u militari. Fl-aħħar sena, inbdew żewġ tipi ta' korsijiet minn Stati Membri taħt l-umbrella tal-KESD. Dan inkluda korsijiet li jkopru suġġetti importanti bħall-ippjanar ta' missjoni tal-PESD, il-koordinazzjoni ċivili u militari, l-iżvilupp tal-kapaċità, il-bini tal-paċi, ir-RSS, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-liġi dwar il-konflitti armati. Barra minn hekk, sar progress konsiderevoli dwar it-taħriġ fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u s-sigurtà. F'Diċembru 2009, il-KESD għall-ewwel darba mexxa l-konferenza annwali tiegħu ta' netwerking li laqqgħet flimkien l-atturi ċivili u militari rilevanti involuti f'taħriġ tal-UE fil-PSDK.

Il-KESD kompla jappoġġa l-implimentazzjoni tal-inizjattiva Ewropea dwar l-iskambju ta' uffiċjali żgħażagħ matul it-taħriġ inizjali tagħhom ispirat mill-Erasmus inkluż it-tmexxija tal-ewwel Modulu Komuni dwar il-PSDK f'Lisbona f'Settembru 2009. Għaddejja ħidma ulterjuri li b'mod partikolari tiffoka fuq it-teħid ta' bilanċ tal-attivitajiet attwali ta' skambju, l-iżvilupp ta' qafas legali għall-iskambju volontarju ta' uffiċjali u l-istabbiliment ta' Sistema Militari Ewropea għat-Trasferiment ta' Krediti (MECTS).

Fir-rigward tal-iżvilupp futur tal-KESD, għadha għaddejja l-ħidma dwar l-elaborazzjoni ta' att legali ġdid li permezz tiegħu l-KESD tevolvi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-KESD approvati mill-Kunsill fl-2008.

L-eżerċizzju tal-Maniġġar tal-Kriżijiet fl-2009 (CME 09) iffoka fuq il-prattika ta' reazzjoni rapida tal-UE għal kriżi, fil-kuntest ta' xenarju li jinvolvi kemm iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE kif ukoll il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC). L-Eżerċizzju Militari tal-UE, il-MILEX 09, iffoka fuq l-interazzjoni bejn OHQ tal-UE f'Larissa u FHQ tal-UE f'Napli, li evidenzjaw speċjalment aspetti militari. Iż-żewġ eżerċizzji pprovdew opportunità eċċellenti biex jiġu eżerċitati strutturi u proċeduri rilevanti tal-UE[66].

Finanzjament

Il-baġit tal-PESK żdied minn 47 miljun Euro fl-2000 għal 243 miljun fl-2009 u huwa pproġettat li jilħaq 'il fuq minn 400 miljun Euro fl-2013. Parti kbira ħafna mill-fondi tal-baġit għall-2009 ġiet allokata għal operazzjonijiet u azzjonijiet marbutin mal-maniġġar ta' kriżijiet ċivili, partikolarment il-EULEX Kosovo (EUR 116-il miljun), il-EUPOL Afghanistan (EUR 36 miljun) u l-EUMM Georgia (EUR 11-il miljun)[67].

66 17 ta' Ġunju sas-26 ta' Ġunju 2009, ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kunsill 10994/09 (Presse 177) tat-12 ta' Ġunju 2009

67 Għal aktar dettalji, ara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji fl-atti legali fil-qasam tal-PESK (elenkati fl-Anness III).

## 3. Diversifikazzjoni tal-PSDK

Ir-rapport ta' implimentazzjoni tas-ESS jiddikjara li "aktar ma huma kumplessi l-isfidi li niffaċċjaw, aktar għandna nkunu flessibbli" (traduzzjoni mhux uffiċjali). Dan jittraduċi ruħhu fil-ħtieġa li jiġu ddiversifikati l-firxa ta' strumenti disponibbli għall-UE meta titfaċċa kriżi. Mindu ġiet mnedija l-PSDK, il-missjonijiet ċivili tradizzjonalment iffukaw fuq l-attivitajiet ta' gwida, monitoraġġ u għoti ta' pariri (MMA) fil-qasam tal-pulizija, u dwar it-titjib tar-relazzjonijiet ta' ħidma bejn is-servizzi tal-pulizija u l-prosekuzzjoni. Waqt li dawn jibqgħu jkunu kompiti ċentrali għall-PSDK ċivili, ġew żviluppati għadd ta' attivitajiet oħra li jirrispondu aħjar għall-isfidi ta' sigurtà u stabbiltà fil-pajjiżi sħab fejn il-missjonijiet ikunu ġew skjerati.

**Varjetà tal-kompiti**

Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS)

Fl-2009, l-attivitajiet tal-UE fir-RSS ffukaw fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE u fuq t-twassil konkret permezz tal-missjonijiet tal-PSDK. L-istabbiliment ta' grupp ta' esperti UE RSS kompla bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-grupp jista' jiġi appellat biex jassisti lill-Kunsill u l-Kummissjoni fit-tħejjija ta' missjonijiet u azzjonijiet UE RSS.

L-UE RSS Guinea-Bissau kompla l-ħidma tiegħu. Ġiet imnedija reviżjoni strateġika mmirata biex is-sitwazzjoni fil-Ginea Bissaw tiġi stabbilita f'kuntest reġjonali. Il-mandat tal-missjoni ġie estiż sal-31 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' deċiżjoni finali mill-Kunsill. Iż-żewġ missjonijiet tal-PSDK fir-RDK komplew bl-appoġġ tagħhom għall-proċess RSS fl-2009 u ż-żewġ missjonijiet ġew estiżi sa nofs l-2010. Il-EUPOL RDC hija attiva fil-pilastri tal-pulizija u l-prosekuzzjoni tar-RSS. Inkiseb progress tajjeb, b'mod partikolari fis-settur tal-pulizija. Il-mandat tal-EUPOL RD Congo ġie imsaħħaħ fir-rigward tal-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali, ukoll f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-PE dwar il-vjolenza fir-RDK. Fir-rigward tal-EUSEC RD Congo, fis-27 ta' Lulju 2009 l-Kunsill approva il-Kunċett Ġenerali rivedut, li jiddefinixxi sitt linji ta' attivitajiet għall-impenn futur tal-EUSEC RD Congo li jibda fl-1 ta' Ottubru 2009. L-UE kompliet tappoġġa s-settur tal-Ġustizzja fejn ġiet adottata riforma settorjali fl-2007.

Ġie deċiż programm ta' €29 miljun li ser jiffoka fuq varjetà ta' kwistjonijiet inkluż it-taħriġ, il-bini tal-kapaċità, ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura, il-modernizzazzjoni tal-leġislazzjoni u l-istabbiliment ta' strutturi ġudizzjarji ġodda previsti fil-Kostituzzjoni tal-2006 tar-RDK.

Stat tad-dritt

L-2009 rat il-Missjoni integrata tal-UE għall-istat tad-dritt EULEX Kosovo[68] tilħaq il-kapaċità operattiva sħiħa tagħha u l-impatt fil-Kosovo diġà jinħass. Il-EULEX ikkonsolidat ruħha bħala aġent ta' stabbiltà, attur ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u b'appoġġ għar-riformi tal-istat tad-dritt. Il-EULEX setgħet tiġi skjerata fil-Kosovo kollu u tagħmel progress sinifikanti fl-oqsma kollha tal-mandat tagħha (il-pulizija, il-ġudikatura u d-dwana). Il-EULEX taġixxi b'appoġġ għall-awtoritajiet tal-Kosovo, iżda żżom rwol eżekuttiv li ser jiġi ttrasferit gradwalment lill-awtoritajiet lokali. Sabiex jintlaħaq l-istat aħħari mixtieq ta' sistemi ġudizzjarji u penitenzjarji u servizzi tal-pulizija u tad-dwana multietniċi trasparenti u responsabbli, b'rwoli definiti b'mod ċar u ħielsa minn kwalunkwe interferenza politika, il-EULEX KOSOVO bdiet tuża Approċċ Programmatiku biex ikejjel il-prestazzjoni tal-missjoni u l-progress magħmul mill-istituzzjonijiet tal-Kosovo lejn l-applikazzjoni tal-Istat tad-Dritt. Ġie ffirmat il-Protokoll tal-Pulizija, li huwa mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn is-Serbja u l-EULEX.

Wara d-deċiżjoni fl-2008 biex tissaħħaħ l-attività tal-EUPOL COPPS b'appoġġ għas-sistema tal-ġustizzja kriminali Palestinjana, fl-2009 l-Missjoni wettqet valutazzjoni dettaljata tas-settur tal-ġustizzja kriminali u sussegwentement kienet fil-proċess li timplimenta Pjan ta' Azzjoni maqbul. S'issa, kemm is-Sezzjoni tal-Pulizija kif ukoll dik tal-Ġustizzja setgħu jistabbilixxu kooperazzjoni tajba mal-kontropartijiet lokali fil-livell ta' ħidma.

Il-Missjoni Integrata tal-UE għall-Istat tad-Dritt għall-Iraq (EUJUST LEX) kompliet timplimenta b'suċċess skeda ta' taħriġ sostanzjali għall-uffiċjali tal-ġudikatura, tal-pulizija u penitenzjarji. L-attivitajiet ta' taħriġ jinkludu korsijiet u seminars fl-Ewropa u, mill-2009, fl-Iraq.

[68] Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Kosovo u l-irwol tal-UE fil-5 ta' Frar (P6_TA-PROV(2009)0052).

Pulizija

*Glieda kontra l-kriminalità organizzata*

Fl-2009, il-EUPM BiH appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-BiH fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (u l-korruzzjoni), b'mod partikolari l-konsolidazzjoni ta' rekord ta' kisbiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni. Saru diskussjonijiet matul l-2009 bl-għan li l-mandat tal-EUPM jiġi ffukat mill-ġdid, mill-1 ta' Jannar 2010, b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, filwaqt li jrawwem b'mod partikolari rabtiet bejn il-pulizija u l-prosekuturi.

*Ġlieda kontra l-korruzzjoni*

Fl-2009, il-EUPOL Afghanistan żviluppat l-appoġġ tagħha għall-Ministeru Afgan tal-Intern u l-Pulizija Nazzjonali Afgana fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-gvern Afgan. B'mod partikolari, il-Missjoni appoġġat lill-awtoritajiet Afgani fl-iżvilupp ta' Programm ta' Implimentazzjoni Kontra l-Korruzzjoni, bil-għan li tinħoloq u tinżamm sistema Afgana interna kontra l-korruzzjoni. L-appoġġ tal-EUPOL Afghanistan ikopri tliet oqsma prinċipali - Il-bini tal-kapaċità, it-Taħriġ/il-Prevenzjoni, l-Infurzar. Dan wassal, fost l-oħrajn, għall-ħolqien ta' strutturi Afgani ddedikati kontra l-korruzjoni.

*Ġlieda kontra l-vjolenza sesswali*

Lejn tmiem l-2009, il-EUPOL RDC ingħata l-kompitu addizzjonali li jappoġġa l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali fir-RDK. Il-kompitu tal-EUPOL RDC huwa li jappoġġa l-bini ta' kapaċitajiet ta' investigazzjoni kriminali mill-pulizija Kongoliża u li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġija kontra l-vjolenza sesswali bħala parti mir-riforma globali tal-pulizija fir-RDK.

*Twassil tas-sigurtà*

Fil-qafas tal-mandat eżekuttiv limitat tagħha, il-EULEX Kosovo għandha rwol importanti bħala l-fornitur tas-sigurtà tat-tieni pożizzjoni, waqt li tassisti lill-Pulizija tal-Kosovo meta meħtieġ u f'kooperazzjoni mal-KFOR. Fl-2009, il-EULEX setgħet tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' sigurtà kkumplikati, notevolment fit-Tramuntana tal-Kosovo. Madankollu, il-qofol tal-mandat tal-EULEX huwa b'appoġġ tal-atturi tas-sigurtà lokali, permezz ta' monitoraġġ, għoti ta' gwida u ta' pariri.

Monitoraġġ tal-Paċi

L-UE għandha ħafna strumenti għad-dispożizzjoni tagħha sabiex ikollha rwol importanti f'sitwazzjonijiet ta' wara l-konflitt. Dawn l-istrumenti jvarjaw minn sforzi ta' medjazzjoni diplomatika għal missjonijiet ta' gwida. L-eżempju l-aktar konkret huwa l-Missjoni ċivili ta' Maniġġar ta' Kriżijiet (Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja, EUMM) skjerata fil-Ġeorġja wara li faqqa' l-konflitt f'Awwissu 2008. Il-EUMM hija bħalissa l-unika missjoni internazzjonali ta' monitoraġġ fil-Ġeorġja u għandha wkoll rwol importanti fil-bini tal-fiduċja billi hija ko-President fil-laqgħat tal-Mekkaniżmi ta' Prevenzjoni u ta' Rispons għall-Inċidenti fil-qafas tal-proċess ta' Ġinevra. Il-missjoni kellha rwol deċisiv fit-tnaqqis tat-tensjoni u ż-żamma tal-istabbiltà fir-reġjun. Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-missjoni ta' monitoraġġ tal-UE fit-territorju kollu tal-Ġeorġja tibqa' objettiv importanti tal-Missjoni.

Ġlieda kontra l-piraterija

Il-EU NAVFOR Somalia - operazzjoni ATALANTA ġiet imnedija f'Diċembru 2008 u f'Diċembru 2009 l-mandat tagħha ġie prolongat għal tnax-il xahar ieħor. Matul l-2009, hija ppermettiet il-kunsinna sikura ta' għajuna f'ikel mill-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel, waqt li skortat aktar minn 50 bastiment kummerċjali minn Mombassa għal Mogadixu. Din l-operazzjoni kontra l-piraterija wriet ukoll li kienet ta' suċċess fl-iskoraġġiment u t-trażżin ta' atti ta' piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja. Abbażi tal-ftehimiet ta' trasferiment mal-Kenja u s-Seychelles, wara d-detenzjoni tagħhom 75 pirata suspettat ġew ittrasferiti għall-prosekuzzjoni fil-Kenja u 11 fis-Seychelles. L-UE qed taħdem mal-UNODC biex tagħti appoġġ, taħt l-Istrument ta' Stabbiltà, lis-sistema ġudizzjarja tal-Kenja u tas-Seychelles. Minbarra li tindirizza l-effetti tal-piraterija, l-UE bdiet ukoll ħidma biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet marittimi reġjonali.

Protezzjoni ta' ċivili f'konflitt armat

L-UE kienet attur attiv fid-diskussjonijiet dwar il-protezzjoni ta' ċivili f'konflitt armat u fl-adozzjoni tal-UNSCR 1894 (2009). L-UE hija lesta biex, flimkien man-NU, tiżviluppa kunċetti u moduli għat-taħriġ.

**Varjetà ta' għodod**

Kapaċitajiet Iffaċilitati b'Netwerk (NEC)

Il-ħidma fir-rigward tal-iżvilupp tal-Kapaċitajiet Iffaċilitati b'Netwerk (NEC) b'appoġġ għall-PSDK imxiet 'il quddiem F'dan il-kuntest, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-kunċett tan-NEC b'appoġġ għall-Koordinazzjoni Ċivili-Militari (CMCO), ġiet enfasizzata l-importanza li l-ħidma titmexxa 'l quddiem b'mod gradwali u inkrementali b'impenn adegwat fil-livell għoli fl-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

EUSC

B'konformità mal-appell tal-PE li ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) jiġi żviluppat kompletament biex isir użu mill-potenzjal tiegħu, l-EUSC fl-2009 ta appoġġ indispensabbli għall-operazzjonijiet militari tal-UE, b'mod partikolari għall-EU NAVFOR Atalanta u l-EUFOR Chad/RCA. Il-EUSC kellu wkoll rwol miżjud fl-appoġġ għall-missjonijiet ċivili tal-UE, b'mod partikolari għall-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja. L-assoċjazzjoni tal-membri kollha tan-NATO li mhumiex parti mill-UE għall-attivitajiet tal-EUSC kienet pass importanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-EUSC.

Kompliet il-ħidma fuq id-dimensjoni tas-sigurtà tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), li jirrifletti l-importanza tiegħu fil-qasam tal-PESK/PSDK.

**4. Koerenza u effiċjenza miżjuda**

Il-ħidma dwar l-iżvilupp u l-ippjanar tal-Kapaċità Ċivili kompliet u kienet ġeneralment imtejba permezz tal-proċess tal-linji gwida li stabbilixxa qafas ta' żvilupp tal-kapaċità kkoordinat tajjeb, b'enfasi partikolari fuq l-Appoġġ tal-Missjoni, ibbażat fuq azzjonijiet konkreti relatati mal-iskjerament rapidu, ir-riżorsi umani, il-finanzi u t-tagħmir, inkluż id-deċiżjoni li tiġi stabbilita kapaċità ta' ħżin għall-UE.

Fl-2009, ġie rreġistrat titjib fil-qasam tal-Appoġġ tal-Missjoni permezz tal-konklużjoni ta' kuntratti qafas ulterjuri, id-deċiżjoni għall-istabbiliment ta' kapaċità ta' ħżin temporanju fil-EUPM waqt li jitwettaq studju ta' fattibbiltà għal soluzzjoni permanenti u, fil-qasam tar-riżorsi umani, titjib immirat tal-proċessi tal-ġenerazzjoni tal-forzi permezz ta' ppjanar aħjar, prevedibbiltà miżjuda u integrazzjoni tas-sett ta' ħiliet meħtieġa.

Dawn il-proċessi ser ikomplu u ser jiġu kkonsolidati fl-2010.

<u>Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi</u>

Hekk kif l-ambizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-involviment tal-PESD jespandu, il-kontribut tas-sħab jikseb importanza dejjem akbar. Kompla d-djalogu regolari mas-sħab dwar il-PSDK fir-rigward tal-maniġġar ta' kriżijiet, inkluż mal-membri Ewropej tan-NATO li mhumiex membri tal-UE, pajjiżi oħra li huma kandidati għall-adeżjoni mal-UE, kif ukoll l-Istati Uniti, il-Kanada, ir-Russja, l-Ukraina u pajjiżi terzi oħra. Tnax-il stat terz (Albanija, Angola, Kanada, Ċilì, Kroazja, FYROM, Norveġja, New Zealand, Svizzera, Turkija, Ukraina u Stati Uniti tal-Amerika) ikkontribwew bi skop għal 7 mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet li għaddejjin. (jiġifieri EUFOR ALTHEA, EULEX Kosovo, EUPM BiH, EUPOL COPPS, EUPOL Afghanistan, EUNAVFOR ATALANTA u EUPOL RD Congo). Barra minn dan, ingħata appoġġ prezzjuż mill-Albanija, il-Kroazja u r-Russja għall-operazzjoni EUFOR Chad/RCA li ntemmet f'Marzu 2009.

Interazzjoni li tat riżultati ma' diversi sħab oħra ġiet stabbilita fil-kuntest ta' attivitajiet kontra l-piraterija u l-operazzjoni EUNAVFOR ATALANTA (maċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Ġappun, il-Malasja, l-Oman, is-Sawdi Arabja, is-Seychelles u l-Jemen, fost l-oħrajn).

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi hija ta' benefiċċju għal raġunijiet kemm politiċi kif ukoll operattivi. Hija tipprovdi mezz ieħor għat-tisħiħ tar-relazzjoni politika tagħhom mal-UE u għalhekk tikkontribwixxi għat-twessigħ tal-appoġġ tal-impenn tal-UE għall-paċi u l-istabbiltà.

Wara d-diskussjonijiet tal-KPS dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi f'operazzjonijiet tal-PSDK, ir-RGħ ser tagħmel rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar il-pajjiżi addizzjonali, li magħhom għandhom jinfetħu negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehimiet qafas ta' parteċipazzjoni.

## PARTI II - ĦARSA 'L QUDDIEM LEJN L-2010

Ir-rwol globali tal-Unjoni Ewropea kiber fis-snin reċenti. L-Unjoni kkontribwiet għall-istabbiltà u d-demokrazija fil-viċinat tagħha, saħħet ir-relazzjonijiet mal-isħab internazzjonali tagħha, ikkontribwiet għall-indirizzar ta' kriżijiet u konflitti madwar id-dinja kollha, ippromwoviet il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, u appoġġat l-iżvilupp. Aħna skjerajna 23 missjoni tal-PSDK, fil-biċċa l-kbira ċivili iżda wkoll militari. Dawn huma kollha kisbiet li aħna kburin bihom. Meta mqabbel ma' għaxar snin ilu, aħna inħossuna aktar fiduċjużi, kapaċi u effettivi fl-estensjoni tal-influwenza tagħna madwar id-dinja.

Iżda t-theddid żdied ukoll. Il-kwistjonijiet li aħna niffaċċjaw - it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-proliferazzjoni, id-diżastri naturali, il-konflitt reġjonali, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni illegali - kollha saru aktar kumplessi, u aktar marbutin ma' xulxin. Il-kapaċità tagħna li niġġielduhom ħafna drabi kienet limitata. Sabiex ikollna suċċess, ir-rispons tagħna jeħtieġ approċċ komprensiv, li juża l-firxa kollha ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħna, u li jindirizza kemm il-kawżi sottostanti kif ukoll is-sintomi. Dan jeħtieġ ukoll sħubiji, ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet madwar id-dinja. Fil-qosor, politika Ewropea barranija li hija proattiva, effettiva u kkordinata tajjeb hija aktar essenzjali issa milli qatt qabel fl-istorja tagħna.

It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi possibbiltajiet ġodda[69]. Il-qafas istituzzjonali l-ġdid ser jippermetti li aħna nallinjaw aħjar ir-riżorsi mal-prijoritajiet[70]. Ir-RGħ/VP Catherine Ashton, fil-kapaċità trippla tagħha, ser ikollha rwol ċentrali fit-twettiq ta' dan, flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew.

---

69 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar Ir-rwol u r-responsabbiltajiet ġodda tal-Parlament fl-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona (2008/2063(INI) fis-7 ta' Mejju 2009 (P6_TA-PROV(2009)0373).

70 Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona dwar l-iżvilupp tal-bilanċ istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea fis-7 ta' Mejju 2009 (2008/2073(INI)) P6_TA-PROV(2009)0387).
Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tat-Trattat ta' Lisbona fis-7 ta' Mejju 2009 (2008/2054(INI)) (P6_TA-PROV(2009)0374).

Permezz tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna[71], l-UE ser ikollha għodda kompletament ġdida u unika għad-dispożizzjoni tagħha: servizz barrani li jaħdem f'isem l-UE kollha kemm hi, u li ser jippermettilna li naġixxu b'mod aktar koerenti u effiċjenti fix-xena globali. L-istabbiliment tas-SEAE huwa għalhekk kemm prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea kif ukoll opportunità unika, li mhux ta' min jitlifha.

Hemm urġenza għal dan il-kompitu. L-avvenimenti dinjijn mhux ser jistennew li aħna nikkompletaw l-arranġamenti istituzzjonali domestiċi tagħna. L-aġenda fl-2010 hija aktar diffiċli minn kwalunkwe waħda li l-UE ffaċċjat f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Minkejja xi sinjali ta' rkupru, l-effetti mill-kriżi ekonomika jkomplu jinħassu madwar id-dinja. F'ħafna reġjuni, il-pjaneta tagħna hija aktar vjolenti u instabbli mill-ġenerazzjoni li għaddiet. Il-konflitti fl-Afganistan, il-Pakistan, il-Jemen u s-Somalja għandhom implikazzjonijiet li jestendu ferm lil hinn mill-fruntieri tagħhom. Is-sistema globali ta' non proliferazzjoni qed tiffaċċja pressjonijiet mingħajr preċedent, b'mod partikolari mill-Iran. Diżastri naturali bħat-terremoti fil-Ħaiti u ċ-Ċilì kienu ta' prova għall-kapaċità tal-komunità internazzjonali li tirreaġixxi fil-pront fil-provvista ta' għajnuna u r- rikostruzzjoni. Barra minn dan, bħala sfond għal dan kollu, aħna nkomplu naraw li l-piż ekonomiku u politiku madwar id-dinja qed ixaqleb lejn l-ekonomiji emerġenti tal-Asja u l-Amerika Latina.

F'din id-dinja li qed tinbidel, l-Unjoni Ewropea ser tkompli ssegwi politika barranija li tirrifletti kemm il-valuri kif ukoll l-interessi tagħna. Aħna ser nagħmlu dan billi nikkonċentraw l-isforzi u riżorsi tagħna fejn aħna nistgħu nagħmlu differenza. Għalkemm inkiseb ħafna fil-bini ta' viċinat sikur u prosperuż, għad hemm ħafna li jrid isir. Lil hinn min dan, aħna rridu nsaħħu s-sħubiji tagħna, kemm ma' alleanzi li ilhom ħafna kif ukoll u fl-istess mod ma' atturi globali emerġenti, u nwettqu dan billi nbiddlu l-aspirazzjonijiet f'azzjoni. U rridu niżguraw li s-sistema globali, ibbażata fuq istituzzjonijiet u regoli, hija mgħammra biex tiffaċċja l-isfidi ta' era ġdida, billi nikkondividu t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-poter.

Il-Balkani tal-Punent huma intrinsiċi għall-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa. L-UE ser tkompli tappoġġa perspettiva Ewropea għar-reġjun waqt li tibbaża fuq l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni kif ukoll fuq il-PESK u l-PSDK. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2009 l-Kunsill iddikjara li ser jirritorna għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-ftuħ ta' negozjati ta' adeżjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM).

[71] Il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar L-aspetti istituzzjonali tal-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-azzjoni esterna fit-22 ta' Ottubru 2009 (P7_TA-PROV(2009)0057).

Huwa żied ukoll li jibqa' essenzjali li jinżammu relazzjonijiet tal-viċinat tajbin, inkluża soluzzjoni nnegozjata u aċċettabbli għall-partijiet kollha dwar il-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċji tan-NU. Fl-1 ta' Mejju 2010, daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni UE-Montenegro. Il-Kummissjoni mistennija tippreżenta l-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni magħmula mill-Montenegro għal sħubija mal-UE, u jekk possibbli dik mill-Albanija. Jekk jinżamm progress tajjeb f'kooperazzjoni mal-ICTY, il-Kunsill jista' jiddeċiedi dwar il-bidu tar-ratifika tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni UE-Serbja. Il-Kunsill jista' wkoll jinkariga lill-Kummissjoni biex tħejji opinjoni dwar l-applikazzjoni mis-Serbja. L-UE ser tkompli timpenja ruħha u tappoġġa lill-Bosnja-Ħerzegovina fi triqitha lejn l-UE, permezz ta' preżenza raffurzata tal-UE inkluż il-EUPM u l-EUFOR Althea. Huwa essenzjali li jsir progress ulterjuri dwar ir-riforma, minkejja l-qafas politiku kumpless, u l-prospett ta' elezzjonijiet f'Ottubru 2010. Fil-Kosovo, l-UE tibqa' impenjata li ssaħħaħ l-istabbiltà u l-iżvilupp. Progress ulterjuri fid-deċentralizzazzjoni u r-riforma kif ukoll governanza tajba u l-istat tat-dritt ser ikunu prijoritajiet ewlenin li għandhom ikunu mirfuda kemm minn assistenza finanzjarja u esperta kif ukoll mill-missjoni għall-istat tad-dritt EULEX.

It-Turkija tibqa' attur reġjonali importanti. Wara l-iffirmar storiku tal-protokolli għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-Armenja f'Ottubru 2009, l-UE tistenna b'interess ir-ratifika u l-implimentazzjoni tagħhom. Wara l-iffirmar f'Lulju 2009 tal-Ftehim Intergovernattiv dwar is-sistema tal-pajpijiet tal-gass Nabucco, l-ikkompletar f'waqtu tal-kuritur tan-Nofsinhar jibqa' wieħed mill-akbar prijoritajiet tal-UE dwar is-sigurtà tal-enerġija.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat ittrasformat ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ġirien tagħha. L-għajnuna tal-UE ġiet imfassla skont il-ħtiġijiet ta' riforma tas-sieħba u l-volum tagħha fil-Qafas Finanzjarju attwali żdied bi 32 %. Madankollu, għad fadal ħafna xi jsir jekk għandhom jinkisbu l-objettivi tal-PEV ta' stabbiltà, sigurtà u prosperità kondiviżi. It-Trattat ta' Lisbona dan jirrikonoxxih billi jimpenja lill-UE għall-iżvilupp ta' relazzjoni speċjali ma' pajjiżi ġirien bil-għan li tiġi stabbilita żona ta' prosperità u ta' relazzjonijiet tajba tal-viċinat (Art. 8 tat-TUE).

Is-Sħubija tal-Lvant li ġiet imnedija f'Mejju 2009 toffri pjattaforma biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u tavvanza l-integrazzjoni ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sieħba interessati mill-Viċinat tal-Lvant kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Praga.

Il-qafas multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant ser jipprevedi attivitajiet ta' kooperazzjoni u djalogu liberu li huma ta' ġid għall-objettivi tal-Sħubija. Is-Sħubija ser tiġi rregolata mill-prinċipji ta' inklussività, differenzjar, kondizzjonalità u appartenenza konġunta. Barra minn dan, id-djalogu dwar il-viżi għandu jidħol f'fażi kompletament operattiva abbażi ta' pjan ta' azzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-viżi bħala għan għal terminu twil. L-UE ser taħdem mat-tmexxija l-ġdida tal-Ukraina lejn stabbiltà politika u ekonomika. Ser tkun ta' prijorità l-għajnuna lir-Repubblika tal-Moldova biex tiffaċċja l-isfidi dovuti għall-kriżi ekonomika u ser jitkomplew l-isforzi biex jiġi solvut il-konflitt Transnistrijan fil-format 5+2. L-UE tibqa' wkoll miftuħa għal rabtiet eqreb mal-Bjelorussja, iżda jista' jsir progress biss meta jittieħdu wkoll passi lejn demokratizzazzjoni akbar, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Fil-Ġeorġja, l-UE tibqa' impenjata fi sforzi biex issolvi l-konflitt fit-tul, u b'mod partikolari permezz tat-taħdidiet kontinwi li saru f'Ġinevra, li jibqgħu l-uniku forum fejn il-partijiet kollha huma rrappreżentati. Il-EUMM Georgia ser tkun tkun ċentrali biex tiżgura sigurtà u stabbiltà fil-post, għalkemm il-kapaċitajiet tekniċi tagħha għandhom jiġu riveduti kostantement. L-UE għandha tkompli titlob aċċess għall-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar biex l-EUMM taħdem f'mod parallel lejn ir-restawr tal-preżenza tal-OSKE u n-NU fil-post. L-UE tistenna b'interess il-bidu ta' negozjati fl-2010 dwar Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mat-tliet pajjiżi tal-Kawkasu t'Isfel. L-UE tappoġġa lill-grupp Minsk fl-isforzi tiegħi biex isib soluzzjoni għal Nagorno-Karabach. Id-dimensjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant tista' tikkontribwixxi għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan.

L-Unjoni għall-Mediterann għandha tagħmel progress fl-2010, fl-organizzazzjoni, l-istruttura u l-finanzjament. L-istabbiliment ta' Segretarjat, ibbażat f'Barċellona, u l-ħatra tas-Segretarju Ġenerali tiegħu f'Marzu 2010 ser ikunu passi sinifikattivi, iżda ser ikun importanti li dawn isiru operattivi malajr, f'ħidma dwar proġetti madwar ir-reġjun. Programm abizzjuż ta' laqgħat ministerjali huwa ppjanat għall-2010.
L-Unjoni Ewropea ser tkompli d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim Qafas UE-Libja, bil-ħsieb tal-konklużjoni tan-negozjati malajr kemm jista' jkun.

Lil hinn mill-viċinat tagħna, il-konflitti reġjonali għadom jimminaw l-istabbiltà f'ħafna partijiet tad-dinja. L-iżviluppi fil-Lvant Nofsani ser ikomplu jiddominaw l-aġenda internazzjonali fl-2010. Issa aktar minn qatt qabel huwa kruċjali li tinstab soluzzjoni għall-konflitt Iżraeljan-Palestinjan.

L-UE tkompli tagħmel appell biex jerġgħu jibdew b'urġenza n-negozjati li ser iwasslu, fi ħdan qafas ta' żmien miftiehem, għal soluzzjoni bbażata fuq żewġ stati bl-Istat tal-Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà. L-Unjoni Ewropea mhix ser tirrikonoxxi l-ebda bidla fil-fruntieri ta' qabel l-1967 inkluż fir-rigward ta' Ġerusalemm, għajr minn dawk miftehmin mill-partijiet. Biex ikun hemm paċi ġenwina, irid jinstab mezz, permezz ta' negozjati, biex jiġi solvut l-istatus ta' Ġerusalemm bħala l-kapitali futura taż-żewġ stati. L-UE, flimkien mal-Kwartett u s-sħab Għarab tagħha, ser tkompli timpenja ruħha aktar mill-qrib mal-partijiet u tappoġġahom fin-negozjati. L-UE ser tkompli tappella għal ftuħ immedjat, sostnut u mingħajr kondizzjonijiet tal-punti tal-qsim għall-fluss tal-għajnuna umanitarja, l-oġġetti kummerċjali u l-persuni lejn u minn Gaża. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-Pjan Governattiv tal-Awtorità Palestinjana "Palestina, it-Tmiem tal-Okkupazzjoni, l-Istabbiliment tal-Istat", bħala kontribut importanti għal dan il-għan u ser taħdem għal appoġġ internazzjonali msaħħaħ għal dan il-pjan. L-UE tinsab lesta biex tikkontribwixxi sostanzjalment għal arranġamenti ta' wara l-konflitt, immirati biex jiżguraw is-sostenibbiltà ta' ftehimiet għall-paċi, u ser tkompli bil-ħidma fuq il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-bini tal-istat, il-kwistjonijiet reġjonali, ir-refuġjati, is-sigurtà u Ġerusalemm. Paċi komprensiva fil-Lvant Nofsani teħtieġ approċċ reġjonali. L-UE ser tkompli tappoġġa n-negozjati bejn l-Iżrael u s-Sirja u bejn l-Iżrael u l-Libanu.

Band'oħra fil-Lvant Nofsani, l-elezzjonijiet reċenti fl-Iraq immarkaw pass importanti ieħor fl-istabbilizzazzjoni ta' dak il-pajjiż. Waqt li r-riżultati finali qed jistennew li jiġu ċċertifikati, l-UE tinsab lesta biex timpenja ruħha aktar fl-appoġġ għal dan il-proċess u tistenna b'interess li tilqa' gvern Iraqi ġdid fi żmien dovut. Il-EUJUST LEX tippjana li tkompli tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluż b'attivitajiet fil-pajjiż skont kif tippermetti s-sitwazzjoni tas-sigurtà. Fix-xhur reċenti, it-tħassib internazzjonali żdied fir-rigward tat-theddida ppreżentata mill-instabbiltà fil-Jemen, inkluż permezz ta' rabtiet mat-terroriżmu internazzjonali. L-UE ser issegwi strateġija komprensiva, filwaqt li taħdem mal-ġirien tal-Jemen fir-reġjun, biex tindirizza dan, u biex iġġib żvilupp politiku u ekonomiku għal terminu itwal.

Is-sitwazzjoni ġenerali li tikkonċerna l-kwistjoni nukleari Iranjana attwalment hija negattiva ħafna. L-isforzi taċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika biex l-Iran jiġi impenjat f'negozjati sinifikanti s'issa kienu bla suċċess. L-UE tibqa' ddeterminata biex taħdem għal soluzzjoni negozjata wara l-approċċ fuq żewġ binarji.

L-Unjoni Ewropea tinsab lesta biex tieħu l-passi meħtieġa biex takkumpanja l-proċess tal-KSNU. L-UE ser tkompli tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-impatt negattiv ta' linji politiċi Iranjani dwar l-istabbilità u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u ser tkompli tissottolinja li jeħtieġ li l-Iran ikollu rwol responsabbli fir-reġjun. L-UE tibqa' kkonċernata ħafna dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u ser tkompli ssegwiha attivament fil-futur u ssemma t-tħassib tagħha mal-Gvern Iranjan u tfakkar lill-Iran fl-obbligi internazzjonali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-waqfien tal-abbużi tiegħu kontra l-poplu tiegħu stess, li jżomm responsabbli lil dawk li wettqu abbużi u jeħles lil dawk li qegħdin sempliċement jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. L-Unjoni Ewropea tibqa' wkoll serjament imħassba dwar miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Iran biex jimpedixxu liċ-ċittadini tiegħu milli jikkomunikaw u jirċievu informazzjoni liberament permezz tax-xandir tat-televiżjoni u bis-satellita u l-internet. L-UE ser tkun iddeterminata li ssegwi dawn il-kwistjonijiet u li taġixxi bil-ħsieb li ġġib fi tmiem din is-sitwazzjoni inaċċettabbli.

Is-sitwazzjoni fl-Afganistan tibqa' sfida prinċipali għall-komunità internazzjonali u għall-gvern ta' Kabul.  Fl-Afganistan, l-UE segwiet approċċ komprensiv, bl-użu ta' taħlita ta' strumenti politiċi, ċivili, militari u ta' żvilupp. L-UE ser tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari permezz tal-EUPOL Afghanistan, il-kapaċità tal-istat u l-istituzzjonijiet għall-promozzjoni ta' governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u amministrazzjoni pubblika effiċjenti. Hija ser tappoġġa wkoll it-tkabbir ekonomiku, speċjalment permezz tal-iżvilupp rurali u l-progress soċjali. L-azzjonijiet tal-UE ser jirfdu l-istrateġija ta' transizzjoni maqbula fil-konferenza internazzjonali dwar l-Afganistan f'Londra fit-28 ta' Jannar 2010.

Il-Pakistan huwa attur ewlieni meta jiġi ttrattat l-Afganistan, filwaqt li jindirizza sfidi maġġuri tiegħu stess. Minbarra mir-rwol ċentrali fi kwistjonijiet relatati mal-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun, l-UE qed timpenja wkoll lill-Pakistan biex titjieb il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ċentrali bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-non-proliferazzjoni, il-ġlieda kontra n-narkotiċi u d-drittijiet tal-bniedem. Hija tinsab lesta li tappoġġa inizjattivi Pakistani dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-istat tad-dritt u l-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluża s-sistema elettorali. Hawnhekk, bħal f'bnadi oħra, l-iżvilupp ekonomiku wkoll ser ikun essenzjali għat-twassil ta' stabbiltà għal terminu itwal.

Fl-Afrika, l-instabbiltà u l-konflitt reġjonali f'xi partijiet tal-kontinent ikomplu jimminaw l-iżvilupp. L-UE hija impenjata mill-qrib fis-Somalja, waqt li taħdem ma' sħab internazzjonali, inklużi l-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Istati Uniti tal-Amerika.

L-2010 ser jara l-iskjerament ta' Missjoni ta' Taħriġ tal-UE, ibbażata fl-Uganda, b'appoġġ għall-forzi armati tal-Gvern Federali Transizzjonali bħala parti mill-approċċ komprensiv tagħna. Fl-istess waqt, l-UE hija donatur prinċipali ta' għajnuna umanitarja u finanzjarja lill-pajjiż, waqt li l-operazzjoni navali Atalanta pprovdiet protezzjoni kontra t-theddida tal-piraterija lil hinn mill-kosta Somala. L-effett dissważiv tal-operazzjoni ATALANTA ser jiddependi wkoll fuq il-prosekuzzjoni b'suċċess ta' persuni suspettati li jinqabdu matul l-operazzjoni. L-UE għandha taħdem mal-pajjiżi tar-reġjun affettwat mill-piraterija bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' trasferiment. Is-Sudan ukoll ser jiffaċċja sfidi maġġuri fl-2010, minħabba l-elezzjonijiet fin-nazzjon kollu, l-isforzi biex tinkiseb il-paċi fir-reġjun tad-Darfur, u t-tħejjijiet għar-referendum dwar l-istatus tas-Sudan ta' Isfel skedati għal Jannar 2011. L-UE ser taħdem mal-Unjoni Afrikana u ma' oħrajn sabiex iġġib futur stabbli u demokratiku għall-poplu tas-Sudan.

Dawn l-eżempji juru r-realtà tal-fatt li l-isfidi internazzjonali tal-lum ma jistgħu jiġu iffaċċjati minn l-ebda pajjiż waħdu. Fid-dinja tas-seklu wieħed u għoxrin, is-sħubiji kisbu importanza ġdida, bħala mezz indispensabbli biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi ekonomiċi u ta' sigurtà. Matul l-aħħar deċennju, l-UE fittxet li ssaħħaħ ir-rabtiet tagħha ma' atturi globali ewlenin. Aħna għandna nużaw l-opportunitajiet maħluqa mit-Trattat ta' Lisbona, li jagħmlu aktar faċli l-impenn tagħna ma oħrajn, u għalihom biex jimpenjaw ruħhom magħna, biex dan jitmexxa 'l quddiem.

Bħal dejjem, ir-rabtiet tagħna mal-Istati Uniti jibqgħu importanti. F'ħafna mill-każijiet, l-impenn miż-żewġ naħat tal-Atlantiku huwa indispensabbli biex nittrattaw l-isfidi tal-lum, iżda dan jista' jinkiseb biss fejn hemm ukoll sens ta' direzzjoni kondiviż. L-aġenda transatlantika tvarja mill-kriżi ekonomika u l-iżgurar tal-kompetittività ekonomika tagħna għal terminu twil; għas-sigurtà globali inkluża n-non-proliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u d-diżarm; l-indirizzar tat-tisħin globali; it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; u l-kwistjonijiet reġjonali bħall-Afganistan u l-Pakistan u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

Fil-Lvant, ir-Russja hija kemm ġara kif ukoll sieħba ewlenija fix-xena dinjija dwar kwistjonijiet bħall-Iran, il-Lvant Nofsani, l-Afganisatan, u l-konflitti fit-tul fil-viċinat komuni tagħna. Barra minn hekk, huwa l-interess kondiviż tagħna li r-Russja tintegra ulterjorment fis-sistema internazzjonali, u biex tirrispetta r-regoli tagħha. In-negozjati dwar Ftehim UE-Russja ġdid ser ikollu jiżgura progress ibbilanċjat tul l-oqsma kollha tas-sħubija tagħna.

L-Indja u ċ-Ċina huma sħab ewlenin, kemm rigward kwistjonijiet reġjonali kif ukoll dawk globali. Mal-Indja, aħna nistgħu nkunu aktar ambizzjużi fl-iskambji politiċi tagħna u l-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati sfidi komuni bħall-Afganistan, it-terroriżmu, it-tibdil fil-klima, il-kriżi finanzjarja, u n-non-proliferazzjoni. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iż-żamma tal-paċi u l-bini tal-paċi huma kollha oqsma b'potenzjal għal aktar kooperazzjoni. Is-sħubija maċ-Ċina għandha importanza strateġika li ser tiżdied maż-żmien. Aħna għandna ninvestu aktar fil-bini ta' netwerk ta' relazzjonijiet li jippermettu lill-UE tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha fl-oqsma poltiċi u ekonomiċi, u li timpenja ruħha fit-tfassil ta' soluzzjonijiet kondiviżi għall-problemi globali.

Fl-Asja tal-Lvant, il-Ġappun jibqa' sieħeb ewlieni. Hawnhekk, ukoll, hemm lok li jsir aktar għall-paċi u s-sigurtà, f'relazzjoni li tradizzjonalment ġiet iffurmata minn interessi ekonomiċi. Mar-Repubblika tal-Korea, ir-relazzjonijiet ser ikunu elevati din is-sena għal-livell ta' sħubija strateġika, notevolment permezz tal-konklużjoni tal-Ftehim Qafas u l-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles. Sħubiji oħra - mal-Brażil, il-Messiku u l-Afrika t'Isfel, fost l-oħrajn - qed jikbru fl-importanza.
Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali hija kruċjali wkoll. Is-sħubija bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-UE hija pilastru fundamentali għall-politika barranija tagħna. Madankollu, hemm lok fejn tiġi żviluppata aktar profondità, b'mod partikolari fil-qasam tal-maniġġar tal-kriżijiet. Ir-rabtiet tagħna man-NATO, wkoll, għandhom jitwessgħu sabiex jintlaħaq l-objettiv kondiviż tagħna li tinkiseb aktar sigurtà ġewwa u lil hinn mill-kontinent tagħna. L-OSKE tkompli jkollha rwol maġġuri biex tressaq flimkien il-pajjiżi kollha li għandhom interessi fis-sigurtà Ewropea. Dan ingħata enfasi ġdida mill-Proċess ta' Korfù dwar is-sigurtà Ewro-Atlantika, li dwar dan l-UE ser tkompli tagħtih impetu fl-2010.

Dawn ir-rabtiet huma kkumplimentati minn dawk ma' organizzazzjonijiet reġjonali barra mill-Ewropa. Fl-Asja tax-Xlokk, l-ASEAN approfondiet ir-relazzjonijiet mal-UE. L-iffirmar ta' FSK komprensiv mal-Indoneżja, f'Novembru 2009, kien pass sinifikanti fir-relazzjonijiet ASEAN - UE. L-UE ser tkompli l-proċess ta' negozjati għall-FSK ma' Membri oħra tal-ASEAN. Impenn imġedded fin-negozjati bilaterali dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles (FTA) ma' pajjiżi individwali tal-ASEAN, ser ikun pass lejn ftehim futur fil-kuntest reġjonali. F'Ottubru 2010, l-Ewropa ser tospita it-tmien Summit ASEM fi Brussell. Kemm relazzjoni ekonomika eqreb kif ukoll djalogu politiku b'saħħtu mar-reġjun emerġenti tal-Asja huma ta' importanza dejjem akbar għall-futur tal-Ewropa. B'mod partikolari, is-Summit joffri opportunità privileġjata biex tiġi definita bażi komuni fit-tħejjija għal negozjati internazzjonali maġġuri.

L-ewwel G20 li ser isir f'pajjiżi li mhuwiex parti mill-G8 huwa ppjanat xahar wara u s-16-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima ser tinfetaħ f'Kankun ftit wara.

L-UE hija s-sieħba internazzjonali l-aktar importanti għall-Unjoni Afrikana u l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE tissottolinja s-sħubija strateġika ġdida bejn l-Ewropa u l-Afrika. It-Tielet Summit Afrika-UE lejn l-aħħar ta' Novembru 2010 ser ikun opportunità kbira għall-UE, l-AU u l-istati membri għar-reviżjoni inizjali tal-progress miksub fil-qafas tal-istrateġija, jipprovdi impetu ġdid għas-sħubija ambizzjuża tagħna, u għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni ta' politika u l-kooperazzjoni prattika bejn l-UE u l-Afrika. Is-Summit ser jiddiskuti l-isfidi globali ewlenin bħall-paċi u s-sigurtà, it-tibdil fil-klima, l-aċċess għall-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija, u l-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Fir-rigward tal-Amerika Latina u l-Karibew, is-Summit UE-LAC f'Mejju ser jistabbilixxi l-aġenda għal sħubija strateġika għas-sentejn li ġejjin permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Madrid u Pjan ta' Azzjoni marbut miegħu. Barra minn hekk, ir-riżultati ewlenin mistennija huma: il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali, u ta' Ftehim Multipartitiku dwar il-Kummerċ ma' ċerti Pajjiżi Andeani (il-Kolombja/il-Perù) u l-issuktar tan-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Mercosur, it-tnedija tal-Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina (LAIF), il-ħolqien tal-Fondazzjoni UE-LAC, il-ftehim dwar il-Linji Ġenerali tal-Istrateġija Konġunta UE/CARIFORUM, il-ftehim dwar Plan Eżekuttiv Konġunt mal-Messiku, il-konferma ta' Assoċjazzjoni għall-iżvilupp u l-innovazzjoni maċ-Ċilì u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali.

L-UE ser tkompli taħdem f'diversi fora fuq it-tisħiħ tar-reġim internazzjonali kontra l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda massiva. Ser ikun ta' prijorità partikolari l-eżitu pożittiv u bbilanċjat tal-Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni li ser issir f'Mejju. Aħna tajna wkoll kontribut pożittiv għas-Summit dwar is-Sigurtà Nukleari f'Washington f'April 2010, u nkomplu noħolqu sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa li tissaħħa is-sigurtà nuklerai fil-livell globali. L-UE ser tkompli timplimenta l-linji ta' politika tagħha, b'mod partikolari l-"Linji ta' azzjoni ġodda mill-UE fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' konsenja tagħhom".

Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hija parti fundamentali tal-politika barranija kollha tagħna. L-insegwiment tal-interessi tagħna għandu dejjem ikun ikkombinat mal-promozzjoni tal-valuri tagħna.

Matul l-2010, l-UE ser tkompli tippromwovi t-tendenza lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.

L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib il-kwistjoni tal-libertà tar-reliġjon jew twemmin u biex tingħeleb l-intolleranza reliġjuża, bħala parti mill-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ġie mniedi djalogu ġdid dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Repubblika tal-Moldova fi Frar 2010 u ser jinbeda djalogu ġdid dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Indoneżja. L-UE ser tfittex li tiżviluppa ulterjorment ir-relazzjonijiet tagħha mal-ASEAN, inkluż permezz tal-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Intergovernattiva ġdida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN, u ser tesplora l-possibbiltà li jiġi mniedi djalogu dwar l-isfidi tad-drittijiet tal-bniedem f'dak ir-reġjun. L-UE ser ikollha rwol sħiħ fit-tħejjijiet għar-reviżjoni tal-2011 tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Nilqgħu l-involviment attiv tal-Parlament Ewropew fl-evalwazzjoni tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Russja u ċ-Ċina, kif ukoll l-iskambji ta' Kumitati rilevanti fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Bl-10 Anniversarju tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fl-2009, u d-dħul fis-seħħ reċenti tat-Trattat ta' Lisbona, huwa ċar li l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni żviluppat b'mod estensiv fi żmien relattivament qasir. Iżda, dak li huwa ċara wkoll huwa li jeħtieġ li aħna nkomplu ntejbu l-kapaċità tagħna li naġixxu b'mod effettiv, permezz ta' aktar teħid strateġiku tad-deċiżjonijiet, koerenza aħjar bejn il-linji ta' politika tagħna, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u ċivili. Aħna ser inkomplu naħdmu fi ħdan il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni biex intejbu l-kapaċità ta' skjerament rapidu tagħna, nipprovdu arranġamenti aktar flessibbli ta' appoġġ għall-missjoni, insaħħu l-perspettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u nikkoordinaw l-attivitajiet tal-PSDK aktar mill-qrib ma' sforzi għall-perijodu fit-tul għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp immexxija mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-isħab internazzjonali. L-abbiltà tagħna li nagħmlu impatt jiddependi fuq aċċess għal kapaċitajiet rilevanti, li huma appoġġati minn mezzi politiċi u finanzjarja adegwati.

Biex nikkonkludu, l-2010 ser tkun sena importanti għall-politika barranija Ewropea. Id-dibattitu istituzzjonali li wassal għat-Trattat ta' Lisbona dam għaddej għal kważi deċennju. Issa li l-proċess huwa lest, aħna nistgħu nibdew kapitolu ġdid. Dan huwa f'waqtu, għaliex il-ħtieġa biex l-UE tħares 'il barra, u timpenja lill-kumplament tad-dinja, huwa akbar minn qatt qabel. Jekk ma jsirx hekk, dan ikun ifisser aktar minn opportunità mitlufa. Ikun jirrappreżenta rtirar mir-rwol fl-affarijiet dinjija li aħna naspiraw għalih, u li jeħtieġ kemm l-interessi tagħna kif ukoll il-valuri tagħna. Issa huwa ż-żmien li nibdlu l-kliem f'azzjoni.

# Legal acts in the CFSP area

| DATE | OBJET | BASE JURIDIQUE | RÉFÉRENCE J.O. |
|---|---|---|---|
| **I. MESURES RESTRICTIVES** | | | |
| **I.1 BALKANS OCCIDENTAUX** | | | |
| 24.09.2009 | Prorogation de la position commune 2004/694/PESC concernant de nouvelles mesures définies à l'appui d'une mise en oeuvre effective du mandat du Tribunal pénal international pour l'ex-Yougoslavie (TPIY) | art. 15 | 2009/717/PESC<br>L 253 (25.09.2009) |
| 26.02.2009 | Renouvellement des mesures définies à l'appui d'une mise en oeuvre effective du mandat du Tribunal pénal international pour l'ex-Yougoslavie (TPIY) | art. 15 | 2009/164/PESC<br>L 55 (27.02.2009) |
| 10.02.2009 | Prorogation et modification de la position commune 2004/133/PESC concernant des mesures restrictives à l'égard d'extrémistes dans l'ancienne République yougoslave de Macédoine (ARYM) | art. 15 | 2009/116/PESC<br>L 40 (11.02.2009) |
| **I.2 AFRIQUE** | | | |
| **REPUBLIQUE DÉMOCRATIQUE DU CONGO** | | | |
| 27.04.2009 | Application de la position commune 2008/369/PESC concernant l'adoption de mesures restrictives à l'encontre de la République démocratique du Congo | position commune 2008/369/PESC art. 6;<br>art. 23 (2) | 2009/349/PESC<br>L 106 (28.04.2009) |
| 26.01.2009 | Modification de la position commune 2008/369/PESC concernant l'adoption de mesures restrictives à l'encontre de la République démocratique du Congo | art. 15 | 2009/66/PESC<br>L 23 (27.01.2009) |
| **RÉPUBLIQUE DE GUINÉE** | | | |
| 22.12.2009 | Modification de la position commune 2009/788/PESC concernant des mesures restrictives à l'encontre de la République de Guinée | art. 29 | 2009/1003/PESC<br>L 346 (23.12.2009) |
| 22.12.2009 | Institution des certaines mesures restrictives spécifiques à l'encontre de la République de Guinée | art. 215 §1 et 2 | 2009/1284/UE<br>L 346 (23.12.2009) |
| 27.10.2009 | Mesures restrictives à l'encontre de la République de Guinée | art. 15 | 2009/788/PESC<br>L 281 (28.10.2009) + rectificatif L 282 (29.10.2009) |

| DATE | OBJET | BASE JURIDIQUE | RÉFÉRENCE J.O. |
|---|---|---|---|
| | **SOMALIE** | | |
| 16.02.2009 | Mesures restrictives à l'encontre de la Somalie et abrogation de la position commune 2002/960/PESC | art. 15 | 2009/138/PESC<br>L 46 (17.02.2009) |
| | **ZIMBABWE** | | |
| 26.01.2009 | Renouvellement des mesures restrictives à l'encontre du Zimbabwe | art. 15 | 2009/68/PESC<br>L 23 (27.01.2009) |
| **I.3** | **ASIE / OCÉANIE** | | |
| | **BIRMANIE / MYANMAR** | | |
| 18.12.2009 | Modification de la position commune 2006/318/PESC renouvelant les mesures restrictives à l'encontre de la Birmanie/du Myanmar | art. 29 | 2009/981/PESC<br>L 338 (19.12.2009) |
| 13.08.2009 | Modification de la position commune 2006/318/PESC renouvelant les mesures restrictives à l'encontre de la Birmanie/du Myanmar | art. 15 | 2009/615/PESC<br>L 210 (14.08.2009) |
| 27.04.2009 | Renouvellement des mesures restrictives à l'encontre de la Birmanie/du Myanmar | art. 15 | 2009/351/PESC<br>L 108 (29.04.2009) |
| | **RÉPUBLIQUE POPULAIRE DÉMOCRATIQUE DE CORÉE** | | |
| 22.12.2009 | Modification de la position commune 2006/795/PESC concernant l'adoption de mesures restrictives à l'encontre de la République populaire démocratique de Corée | art. 29 | 2009/1002/PESC<br>L 346 (23.12.2009) |
| 22.12.2009 | Modification du règlement (CE) n o 329/2007 concernant des mesures restrictives à l'encontre de la République populaire démocratique de Corée | art. 215 §1 et 2 | 2009/1283/UE<br>L 346 (23.12.2009) |
| 04.08.2009 | Mise en oeuvre de la position commune 2006/795/PESC concernant l'adoption de mesures restrictives à l'encontre de la République populaire démocratique de Corée | position commune 2006/795/PESC art. 6(1)<br>art. 23(2) | 2009/599/PESC<br>L 203 (05.08.2009) |
| 27.07.2009 | Modification de la position commune 2006/795/PESC concernant l'adoption de mesures restrictives à l'encontre de la République populaire démocratique de Corée | art. 15 | 2009/573/PESC<br>L 197 (29.07.2009) |

